# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fid-29 ta' Jannar 2019[1]

**Opinjoni 1/17**

**Talba għal opinjoni mressqa mir-Renju tal-Belġju**

"Opinjoni mogħtija skont l-Artikolu 218(11) TFUE – Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (CETA) – Riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati (RTIS) – Twaqqif ta' Tribunal u ta' Tribunal tal-Appell – Kompatibbiltà mad-dritt primarju tal-Unjoni – Rekwiżit ta' osservanza tal-awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u tas-sistema ġudizzjarja tagħha – Applikabbiltà tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għall-eżerċizzju, mill-Unjoni, tal-kompetenza tagħha li tikkonkludi ftehim internazzjonali – Artikoli 20 u 21 tal-Karta – Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament – Artikolu 47 tal-Karta – Dritt ta' aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali"

Werrej


I. Introduzzjoni ........ 2

II. Il-kuntest li fih taqa' t-talba għal opinjoni ........ 4

III. It-talba għal opinjoni tar-Renju tal-Belġju ........ 8

A. Fuq il-kompatibbiltà taċ-CETA mal-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni ........ 8

1. Is-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni bħala garanzija tal-awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni ........ 10

2. Il-kundizzjonijiet għall-ħolqien ta' mekkaniżmu speċifiku għar-riżoluzzjoni ta' tilwim permezz tal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni ........ 11

3. Ir-rekwiżit ta' reċiproċità fil-protezzjoni mogħtija lill-investituri ta' kull Parti Kontraenti ........ 14

4. Mekkaniżmu konsistenti mal-assenza ta' effett dirett taċ-CETA ........ 17

5. Is-sentenza Achmea ma tippreġudikax il-kompatibbiltà tas-SĠI mar-rekwiżit ta' awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni ........ 18


1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

6. Il-garanziji previsti mill-Partijiet Kontraenti sabiex tinżamm il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni ..................... 21

7. Is-SĠI ma taffettwax il-missjoni tal-qrati nazzjonali li jiżguraw l-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni ..................... 30

8. Il-konsistenza mal-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni ..................... 31

9. L-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' involviment minn qabel tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-possibbiltà ta' stħarriġ sħiħ tad-deċiżjonijiet mill-qrati tal-Istati Membri ma humiex meħtieġa ..................... 32

B. Fuq il-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament u fuq ir-rekwiżit ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni ..................... 33

C. Fuq il-kompatibbiltà tat-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA mad-dritt ta' aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali ..................... 39

1. Kunsiderazzjonijiet ġenerali ..................... 41

2. Fuq l-aċċess għat-Tribunal taċ-CETA mill-impriżi ta' daqs żgħir u medju ..................... 44

3. Fuq il-kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni tal-Membri tat-Tribunal u tat-Tribunal tal-Appell . 45

4. Fuq il-kundizzjonijiet dwar il-ħatra u l-eventwali revoka tal-Membri tat-Tribunal u tat-Tribunal tal-Appell ..................... 46

5. Fuq ir-regoli tal-etika applikabbli għall-Membri tat-Tribunal u tat-Tribunal tal-Appell ...... 47

IV. Konklużjoni ..................... 48

## I. Introduzzjoni

1. Fit-30 ta' Ottubru 2016, il-Kanada, minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmaw, fi Brussell, ftehim ekonomiku u kummerċjali komprensiv (iktar 'il quddiem iċ-"CETA"), magħruf aħjar bl-akronimu "CETA", għal "Comprehensive Economic and Trade Agreement" [2].

2. Bħalma huwa, b'mod partikolari, il-ftehim li dwaru ngħatat l-Opinjoni 2/15 (Ftehim dwar kummerċ ħieles ma' Singapor), tas-16 ta' Mejju 2017 [3], iċ-CETA huwa ftehim dwar kummerċ ħieles imsejjaħ ta' "ġenerazzjoni ġdida" sa fejn jipprevedi, minbarra d-dispożizzjonijiet tradizzjonali dwar it-tnaqqis tad-dazji doganali u tal-ostakoli mhux tariffarji li jaffettwaw il-kummerċ ta' beni u ta' servizzi, regoli li jikkonċernaw b'mod partikolari l-investimenti, il-kuntratti pubbliċi, il-kompetizzjoni, il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali u l-iżvilupp sostenibbli.

2 Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropew u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU 2017, L 11, p. 23). Id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-iffirmar hija ppubblikata fil-ĠU 2017, L 11, p. 1 (Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/37 tat-28 ta' Ottubru 2016).

3 EU:C:2017:376, iktar 'il quddiem l-"Opinjoni 2/15".

3. Minkejja li ġie ffirmat, iċ-CETA għadu ma ġiex konkluż fis-sens tal-Artikolu 218(6) TFUE. Madankollu, huwa qiegħed jiġi applikat parzjalment b'mod provviżorju[4].

4. Din il-proċedura tikkonċerna talba għal opinjoni mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Settembru 2017 mir-Renju tal-Belġju, skont l-Artikolu 218(11) TFUE.

5. It-talba għal opinjoni mressqa mir-Renju tal-Belġju hija fformulata kif ġej:

"[Iċ-CETA] bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-[Unjoni] u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Ottubru 2016, huwa, fil-Kapitolu Tmienja tiegħu ("Investiment"), Taqsima F ("Riżoluzzjoni ta' tilwim dwar l-investiment bejn l-investituri u l-istati"), kompatibbli mat-Trattati, inklużi d-drittijiet fundamentali?"

6. It-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA, li tinkludi l-Artikoli 8.18 sa 8.45 ta' dan il-ftehim, hija intiża li tistabbilixxi mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati (iktar 'il quddiem ir-"RTIS"), magħruf ukoll bl-akronimu "ISDS System", għal "Investor State Dispute Settlement System".

7. Għal dan il-għan, din it-taqsima tipprevedi l-ħolqien ta' tribunal ("iktar 'il quddiem it-"Tribunal" jew it-"Tribunal taċ-CETA") u ta' tribunal tal-appell (iktar 'il quddiem it-"Tribunal tal-Appell" jew it-"Tribunal tal-Appell taċ-CETA") kif ukoll, fuq perijodu itwal ta' żmien, il-ħolqien ta' tribunal multilaterali dwar l-investimenti u ta' mekkaniżmu tal-appell maħsuba sabiex joperaw minflok it-tribunali tal-ewwel. Huwa għalhekk previst li titwaqqaf "sistema ġudizzjarja tal-investimenti" (iktar 'il quddiem is-"SĠI"), magħrufa aħjar bl-isem Ingliż "Investment Court System (ICS)", fejn it-Tribunal taċ-CETA jikkostitwixxi biss l-ewwel fażi tagħha. B'hekk, it-Tribunal ser ikun l-ewwel applikazzjoni konkreta tar-riforma tas-sistema tar-RTIS ippreżentata mill-Kummissjoni Ewropea fl-2015[5], bħala reazzjoni għall-konsultazzjoni tal-pubbliku dwar il-protezzjoni tal-investimenti u r-RTIS[6]. It-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA tipprevedi għalhekk qafas proċedurali istituzzjonalizzat bil-għan li jiġi riżolt tilwim li jista' jkun hemm bejn investitur ta' Parti Kontraenti u l-Parti Kontraenti l-oħra dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni taċ-CETA, qafas maħsub sabiex jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet identifikati fis-sistema ta' RTIS klassika.

8. Bl-introduzzjoni ta' dan il-mekkaniżmu rriformat fi ħdan iċ-CETA, l-Unjoni qiegħda tipproponi riforma globali tal-mudell ta' riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati permezz ta' evoluzzjoni mis-sistema attwali ta' RTIS *ad hoc*, ibbażata fuq il-prinċipji tal-arbitraġġ, lejn SĠI, li l-eżitu aħħari tagħha jkun il-ħolqien ta' tribunal multilaterali permanenti[7].

9. Fit-talba għal opinjoni tiegħu, ir-Renju tal-Belġju jressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-dubji tiegħu dwar il-kompatibbiltà tat-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA mat-Trattati. Essenzjalment, dawn id-dubji jikkonċernaw l-effetti ta' din il-parti tal-ftehim fuq il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni, fuq il-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament u fuq ir-rekwiżit ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll fuq id-dritt ta' aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali.

4 Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38 tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU 2017, L 11, p. 1080).

5 Ara d-dokument kunċettwali tal-Kummissjoni, tal-5 ta' Mejju 2015, intitolat "Investment in TTIP and beyond – the path for reform. Enhancing the right to regulate and moving from current *ad hoc* arbitration towards an Investment Court", li jinsab fl-indirizz tal-internet segwenti: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2015/may/tradoc_153408.PDF

6 Ara d-dokument ta' ħidma tad-dipartimenti tal-Kummissjoni, rapport tat-13 ta' Jannar 2015, intitolat "Online public consultation on investment protection and investor-to-state dispute settlement (ISDS) in the Transatlantic Trade and Investment Partnership Agreement (TTIP)" (SWD (2015) 3 final), disponibbli fl-indirizz tal-internet segwenti: https://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/10102/2015/EN/10102-2015-3-EN-F1-1.Pdf

7 Ara, f'dan ir-rigward, direttivi ta' negozjati għal konvenzjoni li tistabbilixxi qorti multilaterali għas-soluzzjoni ta' tilwim dwar l-investiment. Dokument tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2018, Nru 12981/17, disponibbli fl-indirizz tal-internet segwenti: http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-12981-2017-ADD-1-DCL-1/mt/pdf.

## II. Il-kuntest li fih taqa' t-talba għal opinjoni

10. Id-dritt dwar l-investimenti internazzjonali jinkludi żewġ aspetti distinti, jiġifieri dritt sostantiv li jinkludi regoli maħsuba sabiex jipproteġu l-investimenti barranin u aspett proċedurali li jaqa' taħt is-suġġett tal-arbitraġġ transnazzjonali.

11. F'dan ir-rigward, is-sistema ta' RTIS tippermetti r-riżoluzzjoni ta' tilwim meta investitur iqis li Stat kiser l-obbligi tiegħu taħt ftehim internazzjonali dwar l-investiment. B'hekk, l-inklużjoni ta' klawżoli dwar sistema ta' RTIS fi ftehim internazzjonali fil-qasam tal-investimenti toffri lill-investituri barranin il-possibbiltà li jressqu tilwima bejnhom u l-Istat fejn ikun sar l-investiment quddiem qorti tal-arbitraġġ *ad hoc*, skont ir-regoli li għalihom jirreferi dan il-ftehim, u mhux quddiem il-qrati ta' dan l-Istat.

12. L-iżvilupp rapidu tal-arbitraġġ bejn investituri u Stati huwa fenomenu relattivament reċenti u huwa r-riżultat tan-nuqqasijiet li s-sistemi ġudizzjarji ta' ċerti Stati ospitanti huma kkunsidrati li għandhom, nuqqasijiet li wasslu għal nuqqas ta' fiduċja mill-investituri f'dawn is-sistemi. Dan il-mod ta' riżoluzzjoni ta' tilwim huwa għalhekk intiż li jagħti lill-investituri mezz newtrali u effikaċi sabiex tiġi riżolta tilwima, mezz li huwa maħsub sabiex jinkoraġġixxi l-investimenti billi jserraħ moħħ l-operaturi ekonomiċi li jiddeċiedu li jinvestu f'pajjiż barrani.

13. Il-mod ta' riżoluzzjoni ta' tilwim li huwa l-arbitraġġ dwar l-investimenti huwa għalhekk iggwidat, u dan sa mill-oriġini tiegħu, mir-rieda tal-Partijiet Kontraenti li jesternalizzaw ir-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn l-investituri barranin u l-Istat ospitanti [8]. Dan il-mod ta' riżoluzzjoni ta' tilwim huwa maħsub ukoll sabiex jieħu post il-protezzjoni diplomatika li biha l-Istat tan-nazzjonalità tal-investitur jipproteġi l-pretensjoni ta' dan tal-aħħar fil-konfront tal-Istat fejn ikun sar l-investiment [9]. Dan il-mod għalhekk jagħmel parti mill-moviment intiż li joħroġ lit-tilwim dwar l-investimenti mill-qasam politiku u diplomatiku. Ir-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati tikkostitwixxi wkoll alternattiva għall-metodu l-ieħor ta' riżoluzzjoni ta' tilwim fil-qasam tal-investimenti li huwa l-arbitraġġ bejn Stati, metodu li għandu l-istess inkonvenjenti bħall-protezzjoni diplomatika, jiġifieri, mill-perspettiva tal-investitur, rabta ta' dipendenza fil-konfront tal-Istat ta' oriġini tiegħu u, mill-perspettiva ta' dan l-Istat, ir-riskju li l-azzjoni meħuda tista' taffettwa r-relazzjonijiet tiegħu ma' Stati oħra.

14. Fil-proċess tal-akkwist ta' kompetenza esterna fil-qasam tal-investimenti diretti, l-Unjoni kellha tfassal mudell ta' riżoluzzjoni ta' tilwim marbut mal-osservanza tan-normi ta' protezzjoni inklużi fil-ftehimiet dwar kummerċ ħieles li hija kkonkludiet ma' Stati terzi [10]. Fil-fatt, il-klawżoli ta' arbitraġġ inklużi fit-trattati bilaterali ta' investiment huma meqjusa, fid-dritt internazzjonali tal-investimenti, bħala element ċentrali tal-protezzjoni tal-investimenti barranin fl-Istat ospitanti.

15. Madankollu, l-arbitraġġ dwar l-investimenti fil-forma klassiku tiegħu huwa s-suġġett ta' kritika, jiġifieri, b'mod partikolari, in-nuqqas ta' leġittimità u ta' garanziji ta' indipendenza tal-arbitri, in-nuqqas ta' konsistenza u ta' prevedibbiltà tad-deċiżjonijiet, l-assenza tal-possibbiltà ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija, ir-riskju ta' "friża regolamentari" [11] u l-ispejjeż għolja tal-proċedura.

8 Ara Jean, G-A., *Le droit des investissements internationaux face à l'Union européenne*, teżi ta' dottorat difiża fit-28 ta' Novembru 2016, punt 847.

9 Kif indika l-Gvern Ġermaniż waqt is-seduta, il-protezzjoni tal-investimenti, kif prevista fi ftehim bħalma huwa ċ-CETA, tippermetti l-emanċipazzjoni tal-investitur fil-konfront tal-Istat tiegħu. B'hekk, il-ftehimiet dwar il-protezzjoni tal-investimenti jippermettu lill-investituri jieħdu azzjoni huma stess, mingħajr ma jkunu dipendenti fuq il-bona volontà tal-Istat li tiegħu jkollhom in-nazzjonalità.

10 Waqt is-seduta, il-Kummissjoni indikat li hija kienet temmet in-negozjati dwar tliet ftehimiet oħra li jinkludu dispożizzjonijiet kważi identiċi mal-Istati Uniti tal-Messiku, mar-Repubblika ta' Singapor u mar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, u li ftehimiet simili jinsabu taħt negozjati mar-Repubblika taċ-Ċili, mar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, mar-Repubblika tal-Indoneżja, mal-Ġappun, mal-Malasja, mal-Unjoni tal-Myanmar u mar-Repubblika tal-Filippini.

11 Wieħed mill-ikbar punti ta' kritika tas-sistema ta' RTIS huwa, fil-fatt, ir-riskju ta' effett dissważiv indirett fuq il-politiki pubbliċi, fis-sens li, fid-dawl tar-riskju ta' rikors, ċerti gvernijiet jistgħu jqisu li għandhom jiċċensuraw lilhom infushom fl-għażliet politiċi tagħhom sabiex jillimitaw ir-riskji li jiġu kkontestati fi proċedura ta' arbitraġġ u li jkollhom iħallsu l-ammont tal-multi kif ukoll l-ispejjeż tal-proċeduri.

16. Fid-dawl tal-kritika li huwa suġġett għaliha l-arbitraġġ dwar l-investimenti, iż-żieda fir-ritmu tan-negozjati bejn l-Unjoni u Stati terzi bil-għan li jiġu żviluppati relazzjonijiet bilaterali ta' kummerċ ħieles li jinkludu aspett dwar l-investimenti tqajjem numru ta' sfidi, kemm ta' natura politika u kemm ta' natura legali.

17. Fost dawn l-isfidi, waħda mill-iktar importanti hija d-definizzjoni ta' mudell li jippermetti lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha jaqblu dwar prassi ta' arbitraġġ li tikkostitwixxi r-regola fil-qasam tar-riżoluzzjoni tat-tilwim dwar il-protezzjoni tal-investimenti barranin, filwaqt li jiġi introdott titjib fil-mudell klassiku bil-għan, minn naħa, li tiġi indirizzata l-kritika dwar il-funzjonament tat-tribunali ta' arbitraġġ kif ukoll dwar il-leġittimità ta' mekkaniżmu ta' arbitraġġ bejn investituri u Stati u, min-naħa l-oħra, li jkunu osservati l-prinċipji essenzjali li jirregolaw il-mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni ta' tilwim fi ħdan l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

18. Il-mudell magħżul huwa kkaratterizzat, fir-rigward ta' diversi aspetti, minn ċerti karatteristiċi oriġinali li jagħtuh natura ibrida, speċi ta' kompromess bejn tribunal ta' arbitraġġ u qorti internazzjonali. B'hekk, l-għażla magħmula mill-Unjoni fil-kuntest taċ-CETA hija dik ta' istituzzjonalizzazzjoni u ta' proċess li bih il-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim fil-qasam tal-investimenti jingħata xejra ġudizzjarja, għażla li tirrifletti bilanċ bejn tradizzjoni u innovazzjoni fil-qasam tal-arbitraġġ dwar l-investimenti. Għandha tiġi enfasizzata hawnhekk id-dimensjoni sperimentali, sa fejn l-Unjoni tinsab fl-ewwel linja ta' moviment li ż-żmien ser juri jekk legalment huwiex ser jirnexxi [12].

19. L-Unjoni kellha tmexxi b'mod pragmatiku n-negozjati dwar dan il-punt ma' Stati terzi, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-arbitraġġ bejn investituri u Stati huwa meqjus mill-imsieħba tagħha, kif ukoll mill-investituri stess, bħala element indispensabbli għall-protezzjoni ta' dawn tal-aħħar [13]. L-interess immedjat għall-Unjoni kien għalhekk li timxi ma' dan il-mod ta' riżoluzzjoni ta' tilwim filwaqt li tintroduċi titjib billi timmira, fuq perijodu twil ta' żmien, lejn żviluppi iktar sostanzjali, bħalma huwa l-proġett ta' tribunal multilaterali dwar l-investimenti [14].

20. Iċ-CETA għalhekk jinkludi mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim li x-xejra tiegħu evolviet mal-iżvolġiment tan-negozjati sabiex, b'mod partikolari, jittieħdu inkunsiderazzjoni r-riżultati ta' konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar dan il-punt mill-Kummissjoni [15]. In-natura vivaċi tad-dibattitu dwar l-opportunità u l-karatteristiċi ta' tali mekkaniżmu hija dovuta prinċipalment għall-fatt li l-arbitraġġ fil-qasam tal-investimenti huwa lok ta' konfrontazzjoni bejn interessi privati u interessi pubbliċi. Huwa għalhekk iqajjem neċessarjament problemi li jistgħu jkollhom impatt fuq il-politiki pubbliki.

12 Ara Jean, G-A., *op. cit.*, punt 25.

13 Ara, f'dan ir-rigward, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni intitolata "Lejn politika komprensiva ta' investiment internazzjonali Ewropew" (COM(2010) 343 final), p. 11.

14 L-Artikolu 8.29 taċ-CETA, intitolat "L-istabbiliment ta' tribunal tal-investiment multilaterali u ta' mekkaniżmu tal-appell", jipprevedi li "[i]l-Partijiet għandhom isegwu flimkien ma' sħab kummerċjali oħra l-istabbiliment ta' tribunal tal-investiment multilaterali u ta' mekkaniżmu tal-appell għas-soluzzjoni ta' tilwim dwar l-investiment. Hekk kif jitwaqqaf tali mekkaniżmu multilaterali, il-Kumitat Konġunt CETA għandu jadotta deċiżjoni li tipprevedi li tilwim dwar l-investiment taħt din it-Taqsima għandu jiġi deċiż skont il-mekkaniżmu multilaterali u jagħmel arranġamenti ta' tranżizzjoni xierqa".

15 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 6 ta' dawn il-konklużjonijiet.

21. Għalissa, ir-riforma mnedija mill-Unjoni, kif espressa fiċ-CETA, hija bbażata fuq żewġ aspetti prinċipali, jiġifieri, minn naħa, ir-referenza espliċita għad-dritt tal-Partijiet Kontraenti li jadottaw miżuri regolatorji fl-interess ġenerali, marbuta ma' normi iktar preċiżi fil-qasam tal-protezzjoni tal-investimenti sabiex jintemmu ċerti interpretazzjonijiet eċċessivi tan-normi[16], u, min-naħa l-oħra, ir-rieda li l-affarijiet jimxu lejn sistema ġudizzjarja kkaratterizzata, b'mod partikolari, mill-indipendenza u mill-imparzjalità tal-membri tagħha kif ukoll mit-trasparenza tal-proċeduri tagħha.

22. Din il-proċedura għal opinjoni tikkonċerna din is-sistema tal-aħħar, fl-istat attwali tal-evoluzzjoni tagħha, li titbiegħed mill-arbitraġġ klassiku sabiex toqrob lejn sistema ġudizzjarja. Id-dispożizzjonijiet taċ-CETA dwar din is-sistema ma humiex fost dawk li qegħdin jiġu applikati b'mod provviżorju[17].

23. Intitolata "Riżoluzzjoni ta' tilwim dwar l-investiment bejn l-investituri u l-istati", l-imsemmija sistema ma tkoprix biss il-każijiet fejn investitur ta' Stat Membru jressaq ilment kontra l-Kanada u dawk fejn investitur Kanadiż iressaq ilment kontra Stat Membru, iżda jkopri wkoll il-każijiet fejn investitur Kanadiż iressaq ilment kontra l-Unjoni.

24. Id-dispożizzjonijiet essenzjali dwar l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tas-SĠI jinsabu fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA. Madankollu, ċerti punti tħallew għal deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Kumitat Konġunt CETA previst fl-Artikolu 26.1 ta' dan il-ftehim.

25. Il-karatteristika prinċipali ta' dan il-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim hija l-ħolqien ta' tribunal permanenti sabiex jittratta l-ilmenti mressqa mill-investituri kontra Parti[18]. It-Tribunal għandu jkun kompost minn ħmistax-il Membru maħtura mill-Kumitat Konġunt CETA[19] għal mandat ta' ħames snin li jista' jiġġedded darba[20].

26. Il-Membri tat-Tribunal għandu jkollhom il-kwalifiki meħtieġa fil-pajjiżi rispettivi tagħhom sabiex jinħatru f'funzjonijiet ġudizzjarji jew għandhom ikunu ġuristi li għandhom kompetenzi rrikonoxxuti, u għandhom jistabbilixxu li għandhom konoxxenzi speċjalizzati fid-dritt internazzjonali pubbliku[21]. Il-Membri tat-Tribunal għandhom ikunu indipendenti u għandhom josservaw regoli maħsuba sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interessi[22]. It-Tribunal għandu jittratta l-kawżi f'diviżjonijiet ġeneralment komposti minn tlieta mill-Membri tiegħu, li għandhom jinħatru kollha mill-President tat-Tribunal skont sistema ta' rotazzjoni, b'tali mod li tiġi żgurata kompożizzjoni aleatorja u imprevedibbli tad-diviżjonijiet[23].

16 B'hekk, il-preċiżjoni tal-klawżoli ta' protezzjoni inklużi fiċ-CETA tippermetti li jiġi stabbiliti l-limiti tal-marġni ta' interpretazzjoni relattivament wiesa' li normalment ikollhom it-tribunali ta' arbitraġġ: ara, Tercier, P., "Voies de recours", f'Kessedjian, C., *Le droit européen et l'arbitrage d'investissement*, edizzjonijiet Panthéon-Assas, Pariġi, 2011, p. 165 à 177, li jenfasizza li, fil-preżenza ta' "testi ta' trattati [...] li fil-parti l-kbira tal-każijiet ikunu vagi ħafna u li sempliċement jiddikjaraw xi prinċipji ġenerali", it-tribunali tal-abitraġġ "għandhom funzjoni interpretattiva, jekk mhux ukoll kreattiva, kunsiderevoli", u għalhekk jeżerċitaw "attività kważi normattiva" [traduzzjoni libera] (p. 171).

17 Fil-fatt, l-Artikolu 1(1)(a) tad-Deċiżjoni 2017/38 jipprevedi li, fost id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA, huma biss l-Artikoli 8.1 sa 8.8, 8.13, 8.15 u 8.16 li għandhom jiġu applikati, sa ċertu punt, b'mod provviżorju.

18 Artikolu 8.27 taċ-CETA.

19 Artikolu 8.27(2) taċ-CETA.

20 Artikolu 8.27(5) taċ-CETA. Madankollu, il-mandati ta' seba' Membri magħżula bix-xorti minn fost il-ħmistax il-Membru maħtura immedjatament wara d-dħul fis-seħħ tal-ftehim maħsub għandhom ikunu għal perijodu ta' sitt snin.

21 Artikolu 8.27(4) taċ-CETA.

22 Artikolu 8.30 taċ-CETA, intitolat "Etika".

23 Artikolu 8.27(6) u (7) taċ-CETA.

27. Id-deċiżjonijiet tat-Tribunal jistgħu jkunu s-suġġett ta' appell quddiem it-Tribunal tal-Appell permanenti[24]. L-appelli jistgħu jkunu bbażati, b'mod partikolari, fuq żbalji ta' liġi jew żbalji manifesti fl-evalwazzjoni tal-fatti, inkluża l-evalwazzjoni tad-dritt nazzjonali rilevanti[25]. Il-Membri tat-Tribunal tal-Appell għandhom jinħatru mill-Kumitat Konġunt CETA[26]. Huma għandhom ikollhom l-istess kwalifiki bħall-Membri tat-Tribunal u huma suġġetti għall-istess regoli dwar l-etika[27].

28. Skont l-Artikolu 8.41(1) taċ-CETA, "[d]eċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija skont din it-Taqsima għandha tkun vinkolanti bejn il-partijiet fil-kawża u fir-rigward ta' dak il-każ partikolari".

29. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet sostantivi, l-approċċ il-ġdid jorbot il-konferma tad-dritt tal-Partijiet li jadottaw miżuri regolatorji[28] ma' sforz sabiex ikun hemm preċiżjoni fid-definizzjoni tan-normi ta' protezzjoni fundamentali[29].

30. B'hekk, l-għan taċ-CETA huwa li jippromwovi l-investimenti transkonfinali bejn l-Unjoni u l-Kanada, billi jagħti lill-investituri tal-Partijiet Kontraenti l-benefiċċju ta' livell għoli ta' protezzjoni għall-investimenti tagħhom, filwaqt li jipproteġi s-setgħa ta' kull Parti li tadotta miżuri regolatorji[30].

31. Nispeċifika wkoll li, meta ġie ffirmat iċ-CETA, ġie stabbilit strument interpretattiv konġunt[31], li jipprevedi, fil-punt 6, indikazzjonijiet interpretattivi speċifiċi fir-rigward tas-SĠI. Barra minn hekk, fl-okkażjoni tal-iffirmar ta' dan il-ftehim, il-Kummissjoni u l-Kunsill ippreżentaw id-Dikjarazzjoni Nru 36, fejn indikaw il-miżuri li kellhom jittieħdu għall-implimentazzjoni tas-SĠI.

32. B'dawn l-elementi deskrittivi premessi, ngħid qabel kollox li, sabiex tingħata risposta għat-talba għal opinjoni mressqa mir-Renju tal-Belġju, ma inix ser nindirizza, minkejja l-importanza tagħhom, l-aspett politiku u l-aspett ekonomiku tal-kwistjoni mressqa quddiemna, u dan sa fejn huwa fil-fehma tiegħi neċessarju nenfasizza li l-għażla, fl-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni, li jissieħbu ma' prassi ta' arbitraġġ internazzjonali ferm stabbilita taqa' fil-marġni ta' diskrezzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

33. B'hekk, ma huwiex ir-rwol tiegħi li nieħu pożizzjoni dwar l-opportunità, minn perspettiva politika, li jiġi previst mod ta' riżoluzzjoni ta' tilwim ta' dan it-tip fil-ftehimiet li l-Unjoni tinnegozja ma' Stati terzi, u lanqas ma huwa r-rwol tiegħi li nieħu pożizzjoni dwar l-impatt ekonomiku li s-sistema ta' RTIS jista' jkollha f'termini ta' attrazzjoni tal-investituri barranin u tal-iżvilupp tal-operazzjonijiet tagħhom. Dawn l-elementi jaqgħu taħt il-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni[32]. Barra minn hekk, dawn l-elementi huma r-riżultat ta' dibattitu demokratiku mmexxi fi ħdan l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. L-unika ħaġa li għandi neżamina hija l-kwistjoni ta' jekk, billi jissieħeb mal-prassi tal-arbitraġġ dwar l-investimenti filwaqt li jaġġustah sabiex jevolvih f'mudell ta' natura ġudizzjarja, il-ftehim maħsub huwiex, minn perspettiva purament legali, kompatibbli mad-dritt primarju tal-Unjoni.

24 Artikolu 8.28 taċ-CETA. Mid-Dikjarazzjoni Nru 36 tal-Kummissjoni u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-investimenti u l-Qorti tal-Investiment ("ICS") (ĠU 2017, L 11, p. 20, iktar 'il quddiem id-"Dikjarazzjoni Nru 36") jirriżulta li l-mekkaniżmu tal-appell huwa intiż li "jiżgura bis-sħiħ il-konsistenza tad-deċiżjonijiet mogħtija fl-ewwel grad u b'hekk jikkontribwixxi għaċ-ċertezza legali".

25 Artikolu 8.28(2) taċ-CETA.

26 Artikolu 8.28(3) taċ-CETA.

27 Artikolu 8.28(4) taċ-CETA.

28 Ara l-Artikolu 8.9 taċ-CETA.

29 Jiġifieri t-trattament nazzjonali (Artikolu 8.6 taċ-CETA), it-trattament tan-nazzjon l-iktar iffavorit (Artikolu 8.7 taċ-CETA), it-trattament ġust u ekwu (Artikolu 8.10 taċ-CETA) u l-protezzjoni fil-każ ta' esproprjazzjoni (Artikolu 8.12 taċ-CETA).

30 Ara, fuq livell ġenerali, Bonomo, S., *Les traités bilatéraux relatifs aux investissements*: *entre protection des investissements étrangers et sauvegarde de la souveraineté des États*, Presses universitaires d'Aix-Marseille, Aix-en-Provence, 2012.

31 Strument Interpretattiv Konġunt dwar il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha (ĠU 2017, L 11, p. 3, iktar 'il quddiem l-"Istrument Interpretattiv Konġunt").

32 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Swiss International Air Lines (C-272/15, EU:C:2016:993, punt 24), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja indikat li "[l]-istituzzjonijiet u l-organi tal-Unjoni għandhom, fit-tmexxija tar-relazzjonijiet esterni, grad għoli ta' libertà ta' deċiżjoni politika" u li "it-tmexxija tar-relazzjonijiet esterni timplika neċessarjament għażliet ta' natura politika".

## III. It-talba għal opinjoni tar-Renju tal-Belġju

34. Bit-talba għal opinjoni tiegħu, ir-Renju tal-Belġju jixtieq jikkontribwixxi sabiex jiġi kkjarifikat il-kuntest ġuridiku li fih jaqa' ċ-CETA, mingħajr ma jieħu pożizzjoni huwa stess dwar kif għandhom jitwieġbu, fil-fehma tiegħu, il-kwistjonijiet imressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

35. Ir-Renju tal-Belġju jindika wkoll li huwa konxju tal-fatt li għandhom jittieħdu ċerti miżuri sabiex jiġu implimentati ċ-CETA u d-Dikjarazzjoni Nru 36, fatt dan li jista' jkollu impatt fuq l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

36. It-talba għal opinjoni tikkonċentra fuq it-tliet kwistjonijiet segwenti: il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u r-rekwiżit ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll id-dritt ta' aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali.

37. Preliminarjament, fir-rigward tal-ammissibbiltà tat-talba tar-Renju tal-Belġju, għandha tiġi enfasizzata n-natura preventiva tal-proċedura għal opinjoni. Infakkar, f'dan ir-rigward, li, "skont l-Artikolu 218(11) TFUE, il-Parlament, il-Kunsill, il-Kummissjoni jew Stat Membru jistgħu jiksbu l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà ta' ftehim maħsub mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati. L-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li jiġu evitati l-kumplikazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw minn kontestazzjonijiet legali dwar il-kompatibbiltà mat-Trattati ta' ftehimiet internazzjonali li jorbtu lill-Unjoni" [33]. Fil-fatt, "deċiżjoni ġudizzjarja li tikkonstata eventwalment, wara l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali li jorbot lill-Unjoni, li dan il-ftehim huwa, jew minħabba l-kontenut tiegħu, jew minħabba l-proċedura adottata għall-konklużjoni tiegħu, inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati ma tistax ma toħloqx, mhux biss fuq il-livell intern tal-Unjoni iżda wkoll fuq il-livell tar-relazzjonijiet internazzjonali, diffikultajiet serji u tista' tikkawża preġudizzju lill-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi lill-Istati terzi" [34].

38. Kif diġà indikajt, għalkemm ġie ffirmat, iċ-CETA għadu ma ġiex konkluż fis-sens tal-Artikolu 218(6) TFUE. Dan il-ftehim għalhekk għadu "maħsub" fis-sens tal-Artikolu 218(11) TFUE.

### *A. Fuq il-kompatibbiltà taċ-CETA mal-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni*

39. Ir-Renju tal-Belġju jfakkar li, fil-punt 246 tal-Opinjoni 2/13 tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikkjarat il-"prinċipju ta' ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni".

40. Dan l-Istat Membru jfakkar ukoll ir-raġunijiet li minħabba fihom il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fl-Opinjoni 1/09 tagħha, tat-8 ta' Marzu 2011 [35], li l-abbozz ta' ftehim internazzjonali li jistabbilixxi qorti għall-privattivi Ewropej u għall-privattivi Komunitarji kien inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

41. Wara li jindika li l-Artikolu 8.18(1) taċ-CETA jawtorizza lit-Tribunal jeżamina jekk strument tad-dritt sekondarju tal-Unjoni huwiex kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet C u D tal-Kapitolu Tmienja ta' dan il-ftehim, ir-Renju tal-Belġju josserva li, fil-kuntest ta' dan l-eżami, dan it-Tribunal jista' jsib quddiemu, b'mod regolari, kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Filwaqt li jirreferi għall-Artikolu 8.31(2) taċ-CETA, ir-Renju tal-Belġju jindika li, fl-assenza ta' interpretazzjoni dominanti, it-Tribunal ser isib ruħu f'pożizzjoni fejn ikollu jinterpreta huwa stess id-dritt tal-Unjoni.

33 Ara, b'mod partikolari, l-Opinjoni 2/13 (Adeżjoni tal-Unjoni mal-KEDB), tat-18 ta' Diċembru 2014 (EU:C:2014:2454, punt 145 u l-ġurisprudenza ċċitata), iktar 'il quddiem l-"Opinjoni 2/13".

34 Ara l-Opinjoni 2/13 (punt 146 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 EU:C:2011:123, iktar 'il quddiem l-"Opinjoni 1/09".

42. Għalkemm, skont dan l-Istat Membru, iċ-CETA huwa differenti mill-mekkaniżmu li kien is-suġġett tal-Opinjoni 1/09 sa fejn it-Tribunal ma huwiex ser jintalab direttament jaqta' tilwima pendenti quddiemu fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni bħala d-dritt applikabbli, u lanqas ma ser ikollu jeżamina l-validità ta' att tal-Unjoni, is-SĠI tippermetti, mill-banda l-oħra, bħal fil-każ tal-mekkaniżmi li kienu s-suġġetti tal-Opinjonijiet 1/09 u 2/13, lit-Tribunal jeżamina l-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju tal-Unjoni mad-dispożizzjonijiet rilevanti taċ-CETA u jiddetermina għal dan il-għan l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

43. Sa fejn is-sistema ta' RTIS prevista fiċ-CETA la tipprevedi l-obbligu u lanqas il-possibbiltà għat-Tribunal li jagħmel domanda preliminari lil-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni (assenza ta' mekkaniżmu ta' involviment minn qabel), ir-Renju tal-Belġju għandu dubju dwar jekk din is-sistema, li tista' twassal għal deċiżjonijiet definittivi, ta' natura vinkolanti, konformement ma' dak li jipprevedi l-Artikolu 8.41(1) ta' dan il-ftehim, hijiex kompatibbli mal-prinċipju ta' ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni.

44. Fl-aħħar mill-aħħar, ir-Renju tal-Belġju jixtieq ikun jaf jekk iċ-CETA jiksirx jew le l-prinċipju ta' ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni. B'mod iktar preċiż, huwa jixtieq li l-Qorti tal-Ġustizzja tindika jekk l-Artikolu 8.31(2) ta' dan il-ftehim huwiex suffiċjenti sabiex tiġi ggarantita l-interpretazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni jew jekk, għall-kuntrarju, fid-dawl tan-natura vinkolanti tad-deċiżjoni, skont l-Artikolu 8.41(1) tal-imsemmi ftehim, għandux jiġi kkonstatat ksur ta' dan ir-rekwiżit ta' interpretazzjoni uniformi ggarantit mill-Qorti tal-Ġustizzja.

45. Sabiex nagħti tweġiba għal dan l-aspett tat-talba għal opinjoni, ser nibda l-analiżi tiegħi fejn waqfet il-Qorti tal-Ġustizzja fl-Opinjoni 2/15 tagħha. Fil-fatt, f'dik l-opinjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja llimitat l-eżami tagħha għat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri dwar l-aspetti sostantivi u proċedurali tal-politika esterna tal-Unjoni fil-qasam tal-investimenti.

46. F'dan ir-rigward, għandu jiġi indikat li t-Trattat ta' Lisbona ta lill-Unjoni kompetenza esklużiva fil-qasam tal-investimenti diretti billi inkludihom fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni, kif jirriżulta mill-Artikolu 3(1)(e) TFUE u mill-Artikolu 207(1) TFUE. Barra minn hekk, l-Unjoni għandha kompetenza kondiviża fir-rigward tal-investimenti li ma humiex investimenti diretti [36].

47. Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-kompetenza esklużiva li għandha l-Unjoni taħt l-Artikolu 207 TFUE fil-qasam tal-investimenti barranin diretti tkopri d-dispożizzjonijiet sostantivi kollha li jinsabu normalment fi trattat bilaterali dwar l-investiment [37]. Għall-kuntrarju, l-Unjoni tikkondividi mal-Istati Membri l-kompetenza tagħha fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar ir-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati [38]. F'dan ir-rigward, fl-Opinjoni 2/15 tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li s-sistema inkwistjoni kienet "tneħħi xi tilwim mill-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istati Membri" u li għalhekk din is-sistema kellha tinħoloq bil-kunsens tagħhom [39].

48. Madankollu, fl-Opinjoni 2/15 tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ma eżaminatx il-problema tal-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni, mill-perspettiva taż-żamma tal-ġurisdizzjoni tagħha stess, tal-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim previst fi ftehim dwar l-investimenti internazzjonali.

49. Il-Qorti tal-Ġustizzja issa għandha, fir-rigward ta' ftehim tal-istess tip mal-Kanada, tagħti deċiżjoni dwar il-possibbiltà u l-modalitajiet tal-koeżistenza ta' tali mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim mas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni.

36 Ara l-Opinjoni 2/15 (punt 243).
37 Ara l-Opinjoni 2/15 (punti 78 sa 109).
38 Ara l-Opinjoni 2/15 (punt 293).
39 Opinjoni 2/15 (punt 292).

*1. Is-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni bħala garanzija tal-awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni*

50. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja indikat fl-Opinjoni 2/13 tagħha, "[s]abiex jiġi żgurat li jinżammu l-karatteristiċi speċifiċi u l-awtonomija [tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni], it-Trattati stabbilixxew sistema ġudizzjarja maħsuba sabiex tiżgura l-konsistenza u l-unità fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni" [40].

51. F'dan il-kuntest, "il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja huma responsabbli sabiex jiggarantixxu l-applikazzjoni sħiħa tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha kif ukoll il-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet li l-individwi jgawdu bis-saħħa ta' dan id-dritt" [41].

52. Il-missjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija li "tara li d-dritt ikun rispettat fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tat-Trattati", konformement ma' dak li jipprevedi l-Artikolu 19(1) TUE. Din il-funzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja timplika r-responsabbiltà li "tiżgura l-osservanza tal-awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni kif maħluqa mit-trattati" [42].

53. Fl-Opinjoni 1/09 tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li hija tikkondividi din ir-responsabbiltà mal-qrati nazzjonali. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li, "[k]if jirriżulta mill-Artikolu 19(1) TUE, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati tal-Istati Membri għadhom jaraw li dan l-ordinament ġuridiku u s-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni jkunu rrispettati" [43].

54. Il-Qorti tal-Ġustizzja tinvoka wkoll l-Artikolu 4(3) TUE sabiex tindika li "l-Istati Membri, b'mod partikolari, bis-saħħa tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE, huma responsabbli sabiex jiżguraw, fit-territorji rispettivi tagħhom, l-applikazzjoni u l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni" [44].

55. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li "il-qorti nazzjonali tissodisfa, flimkien mal-Qorti tal-Ġustizzja, funzjoni li ġiet attribwita lilhom b'mod komuni, fid-dawl li tiġi żgurata l-osservanza tad-dritt fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tat-trattati" [45].

56. B'mod partikolari, "l-element ċentrali ta' din is-sistema ġudizzjarja huwa l-proċedura tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari prevista fl-Artikolu 267 TFUE li, filwaqt li tistabbilixxi djalogu bejn qorti u oħra, preċiżament bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati tal-Istati Membri, hija intiża li tiżgura l-unità fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni [...], u b'hekk tippermetti li jiġu żgurati l-konsistenza ta' dan id-dritt, l-effett sħiħ tiegħu u l-awtonomija tiegħu kif ukoll, fl-aħħar nett, in-natura partikolari tad-dritt stabbilit mit-Trattati" [46].

57. F'dan is-sens, il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet b'ċerta saħħa "l-importanza, sabiex tiġi ggarantita l-istruttura kostituzzjonali tas-sistema [ġuridika tal-Unjoni], tal-kooperazzjoni bejn qorti tal-Unjoni u qrati nazzjonali tal-Istati Membri" [47] [traduzzjoni libera].

40 Ara l-Opinjoni 2/13 (punt 174).

41 Ara l-Opinjoni 2/13 (punt 175 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Opinjoni 1/09 (punt 67).

43 Opinjoni 1/09 (punt 66). Ara wkoll is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Ara, b'mod partikolari, l-Opinjoni 2/13 (punt 173 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Opinjoni 1/09 (punt 69). Ara wkoll is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Ara l-Opinjoni 2/13 (punt 176 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Simon, D., "Avis négatif sur le projet de création d'une juridiction des brevets (CJUE, ass. plen., avis nº 1/09, 8 mars 2011)", *Revue Europe*, Nru 5, LexisNexis, Pariġi, 2011, p. 4 sa 7, punt 20.

58. Din ir-relazzjoni partikolari bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, ikkaratterizzata minn djalogu kostanti, tikkostitwixxi kemm l-espressjoni u kemm is-salvagwardja tal-ordinament ġuridiku speċifiku li huwa dak tal-Unjoni. Huwa għalhekk li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-intenzjoni li tipproteġi din ir-relazzjoni minn kull element ta' natura li jaffettwaha.

59. B'dan premess, nenfasizza qabel kollox li ż-żamma tal-awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni ma hijiex ekwivalenti għall-adozzjoni ta' approċċ ta' iżolazzjoni [48]. Din iż-żamma teħtieġ biss li ma tiġix ippreġudikata l-integrità ta' dan l-ordinament ġuridiku, li hija bbażata fil-parti l-kbira tagħha fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid, bħala l-ogħla awtorità, dak li huwa d-dritt tal-Unjoni u fuq il-kollaborazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha, għal dan il-għan, mal-qrati tal-Istati Membri.

*2. Il-kundizzjonijiet għall-ħolqien ta' mekkaniżmu speċifiku għar-riżoluzzjoni ta' tilwim permezz tal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni*

60. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tat-Trattati jikkostitwixxu, sa fejn jikkonċernaw lill-Unjoni, atti meħuda mill-istituzzjonijiet tagħha [49]. Bħala tali, dawn il-ftehimiet jagħmlu parti integrali, sa mid-dħul fis-seħħ tagħhom, mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni [50]. Skont l-Artikolu 216(2) TFUE, "[f]tehim konkluż mill-Unjoni jorbot lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni u lill-Istati Membri". Għalhekk, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, "dawn l-akkordji jieħdu preċedenza fuq it-testi tad-dritt [...] sekondarju [tal-Unjoni]" [51]. Għaldaqstant, mill-mument li fih ser jidħol fis-seħħ, iċ-CETA ser jiġi awtomatikament integrat fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, li minnu ser ikun jagħmel parti bħas-sorsi normattivi l-oħra tal-Unjoni [52].

61. Barra minn hekk, mill-Artikolu 19(3)(b) TUE u mill-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE jirriżulta li l-"Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni u l-validità tal-atti meħuda mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, mingħajr ebda eċċezzjoni" [53], u dan jinkludi l-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha wkoll ġurisdizzjoni "sabiex tagħti deċiżjoni dwar l-intepretazzjoni tad-deċiżjonijiet meħuda mill-korp imwaqqaf mill-ftehim li jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tiegħu" [54].

48 Ara Lenaerts, K., "Les fondements constitutionnels de l'Union européenne dans leur rapport avec le droit international", *La Cour de justice de l'Union européenne sous la présidence de Vassilios Skouris (2003-2015)*: Liber amicorum Vassilios Skouris, Bruylant, Brussell, 2015, p. 367 sa 385, li jindika li l-"awtonomija kostituzzjonali tal-Unjoni ma tinkludix, fost il-karatteristiċi partikolari tagħha, vokazzjoni ta' iżolazzjoni" (p. 369) [traduzzjoni libera].

49 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Western Sahara Campaign UK (C-266/16, EU:C:2018:118, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Western Sahara Campaign UK (C-266/16, EU:C:2018:118, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, IATA u ELFAA (C-344/04, EU:C:2006:10, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 Ara, dwar dan il-punt, Lenaerts, K., "Droit international et monisme de l'ordre juridique de l'Union", *Revue de la Faculté de droit de l'Université de Liège*, Nru 4, Larcier, Brussell, 2010, p. 505 sa 519.

53 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Western Sahara Campaign UK (C-266/16, EU:C:2018:118, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 1990, Sevince (C-192/89, EU:C:1990:322, punt 10 u l-ġurisprudenza ċċitata). Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan huwa l-każ iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li l-Artikolu 267 TFUE huwa intiż li jiżgura l-applikazzjoni uniformi fl-Unjoni tad-dispożizzjonijiet kollha li jagħmlu parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, sabiex jiġi evitat li l-effetti tagħhom ivarjaw skont l-interpretazzjoni mogħtija lilhom fid-diversi Stati Membri (punt 11 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62. B'dan premess, għandu jitfakkar qabel kollox li l-applikabbiltà quddiem il-qorti tal-Unjoni jew quddiem il-qrati nazzjonali tal-ftehimiet konklużi mill-Unjoni tista' tkun suġġetta għal ċerti limiti, b'mod partikolari meta l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li dawn il-ftehimiet ma jagħtux lill-individwi drittijiet li jkunu jistgħu jinvokaw quddiem qorti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha teżamina n-natura u l-istruttura tal-ftehim internazzjonali inkwistjoni u jkollha tivverifika jekk, mill-perspettiva tal-kontenut tagħhom, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim humiex inkundizzjonati u suffiċjentement preċiżi [55].

63. Fir-rigward taċ-CETA, kwalunkwe analiżi mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-kwistjoni dwar jekk dan il-ftehim huwiex jew le ta' natura li jipproduċi effett dirett tkun inutli sa fejn l-Artikolu 30.6 tal-imsemmi ftehim jesprimi r-rieda espliċita tal-Partijiet li jirrifjutaw tali effett dirett. Fil-fatt, dan l-artikolu jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li ċ-CETA ma jistax jiġi invokat "direttament [...] fl-ordinamenti ġuridiċi interni tal-Partijiet" [56]. Minn dan isegwi li, filwaqt li jkun jagħmel parti integrali mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni meta jidħol fis-seħħ, il-ftehim maħsub ma huwiex ser jibbenefika minn invokabbiltà diretta fi ħdan dan l-ordinament. Għaldaqstant, la l-qrati tal-Unjoni u lanqas il-qrati tal-Istati Membri ma ser ikunu jistgħu japplikaw direttament dan il-ftehim fit-tilwim li jitressaq quddiemhom. Hawnhekk hawn, għalhekk, żewġ sistemi ġuridiċi li jeżistu flimkien u li l-limiti tal-interferenzi bejniethom ġew stabbiliti b'mod volontarju.

64. Sabiex ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni jkun jagħmel parti integrali mill-ordinament ġuridiku tagħha, huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim ikunu kompletament kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati u mal-prinċipji kostituzzjonali li joħorġu minnhom [57]. Sabiex tkun osservata l-awtonomija kostituzzjonali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, huwa għalhekk meħtieġ li l-ftehimiet internazzjonali konklużi minn din tal-aħħar ma' Stati terzi ma jippreġudikawx il-bilanċ delikat bejn "l-affiljazzjoni internazzjonali u n-natura speċifika tad-dritt tal-Unjoni" [58] [traduzzjoni libera].

65. F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet diversi drabi li "ftehim internazzjonali, li jipprevedi l-ħolqien ta' qorti li jkollha l-kompitu li tinterpreta d-dispożizzjonijiet tiegħu u li d-deċiżjonijiet tagħha jorbtu lill-istituzzjonijiet, inkluż lill-Qorti tal-Ġustizzja, ma huwiex, bħala prinċipju, inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni" [59]. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "il-kompetenza tal-Unjoni fil-qasam tar-relazzjonijiet internazzjonali u l-kapaċità tagħha li tikkonkludi ftehimiet internazzjonali jimplikaw neċessarjament il-possibbiltà li l-Unjoni tissottometti ruħha għad-deċiżjonijiet ta' qorti maħluqa jew innominata permezz ta' tali ftehimiet, fir-rigward tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħhom" [60]. Fl-Opinjoni 2/15 tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, bl-istess mod, il-kompetenza tal-Unjoni sabiex tikkonkludi ftehimiet internazzjonali tinkludi neċessarjament il-possibbiltà li tissuġġetta ruħha għad-deċiżjonijiet "ta' korp li, filwaqt li ma huwiex qorti b'mod formali, essenzjalment jissodisfa funzjonijiet ġudizzjarji" [61].

66. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li "ftehim internazzjonali jista' jaffettwa s-setgħat tagħha biss jekk il-kundizzjonijiet essenzjali għaż-żamma tan-natura ta' dawn is-setgħat ikunu ssodisfatti u jekk, għaldaqstant, ma tkunx qiegħda tiġi ppreġudikata l-awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni" [62].

55 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2008, Intertanko *et* (C-308/06, EU:C:2008:312, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

56 Ara wkoll l-Artikolu 30.6(2) taċ-CETA li jipprovdi li "Parti ma għandhiex tipprevedi fl-ordinament ġuridiku tagħha d-dritt ta' azzjoni kontra l-Parti l-oħra fuq il-bażi li miżura tal-Parti l-oħra tkun inkonsistenti ma' dan il-Ftehim".

57 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Western Sahara Campaign UK (C-266/16, EU:C:2018:118, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Ara Lenaerts, K., "Droit international et monisme de l'ordre juridique de l'Union", *op. cit.*, b'mod partikolari p. 506.

59 Ara, b'mod partikolari, l-Opinjoni 2/13 (punt 182 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 *Ibidem.*

61 Opinjoni 2/15 (punt 299).

62 Ara, b'mod partikolari, l-Opinjoni 2/13 (punt 183 u l-ġurisprudenza ċċitata).

67. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "iż-żamma tal-awtonomija tal-ordinament ġuridiku [tal-Unjoni] teħtieġ, minn naħa, li l-kompetenzi [tal-Unjoni] u tal-istituzzjonijiet tagħha, kif previsti fit-Trattat, ma jiġux żnaturati"[63]. Din iż-żamma timplika, min-naħa l-oħra, li l-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim inkwistjoni ma jkollux "l-effett li jimponi fuq [l-Unjoni] u fuq l-istituzzjonijiet tagħha, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi interni tagħhom, interpretazzjoni partikolari tar-regoli [tad-dritt tal-Unjoni]"[64].

68. B'mod partikolari, fl-Opinjoni 2/13 tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li "l-intervent tal-korpi mogħtija kompetenzi deċiżjonali mill-[Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali[65]] kif previst fil-ftehim maħsub, ma għandux ikollu l-effett li jimponi fuq l-Unjoni u fuq l-istituzzjonijiet tagħha, fl-eżerċizzju tas-setgħat interni tagħhom, interpretazzjoni partikolari tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni"[66].

69. Kif indikat il-Qorti tal-Ġustizzja fl-Opinjoni 1/09 tagħha, hija setgħet tagħti opinjonijiet favorevoli għall-introduzzjoni, permezz ta' ftehimiet internazzjonali, ta' sistemi ġudizzjarja intiżi essenzjalment għar-riżoluzzjoni tat-tilwim dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stess tal-ftehimiet internazzjonali inkwistjoni, u li la kienu jaffettwaw is-setgħat tal-qrati tal-Istati Membri dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u lanqas il-possibbiltà, jekk mhux ukoll l-obbligu, għal dawn tal-aħħar li jagħmlu rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja u l-ġurisdizzjoni ta' din tal-aħħar li tagħti risposta[67]. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja oġġezzjonat għall-ħolqien ta' qorti internazzjonali li kienet ser tkun meħtieġa tinterpreta u tapplika mhux biss id-dispożizzjonijiet tal-ftehim li jistabbilixxiha, iżda wkoll strumenti oħra tad-dritt tal-Unjoni, u li setgħet tkun meħtieġa tiddeċiedi tilwima pendenti quddiemha fid-dawl tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jekk mhux ukoll teżamina l-validità ta' att tal-Unjoni[68].

70. Għandu jiġi mistħarreġ għalhekk jekk il-ġurisdizzjoni li t-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA tagħti lit-Tribunal taċ-CETA fir-rigward tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu tistax twassal sabiex tiġi imposta fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u, b'mod partikolari, fuq il-Qorti tal-Ġustizzja, interpretazzjoni partikolari tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fl-eżerċizzju tal-kompetenzi mogħtija lilhom mit-Trattati. B'mod iktar partikolari, it-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA tippreġudika l-"prinċipju ta' ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni"[69]?

71. Qabel nindirizza l-qofol ta' din il-kwistjoni, huwa fil-fehma tiegħi meħtieġ li nispjega l-ewwel nett ir-raġunijiet li minħabba fihom ir-rekwiżit ta' reċiproċità fil-protezzjoni mogħtija lill-investituri ta' kull Parti Kontraenti għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-eżami ta' jekk it-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA tippreġudikax l-awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

63 Ara, b'mod partikolari, l-Opinjoni 1/00 (Ftehim dwar il-ħolqien ta' spazju tal-arju Ewropew komuni), tat-18 ta' April 2002 (EU:C:2002:231, punt 12 u l-ġurisprudenza ċċitata), iktar 'il quddiem l-"Opinjoni 1/00".

64 Ara, b'mod partikolari, l-Opinjoni 1/00 (punt 13 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 Iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, iktar 'il quddiem il-"KEDB".

66 Ara l-Opinjoni 2/13 (punt 184 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fl-Opinjoni 1/92 tagħha (Ftehim ŻEE– II), tal-10 ta' April 1992 (EU:C:1992:189), il-Qorti tal-Ġustizzja qieset ukoll li ż-żamma tal-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni timplika li l-korpi mwaqqfa mill-ftehim internazzjonali inkwistjoni ma għandhomx ikunu jistgħu jiksru n-natura vinkolanti tad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-ordinament tal-Unjoni u lanqas ma għandhom ikunu jistgħu jaffettwaw il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (punti 22 sa 24). Dan il-prinċipju jikkostitwixxi, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "garanzija essenzjali indispensabbli għall-awtonomija tal-ordinament ġuridiku [tal-Unjoni]" (punt 24).

67 Ara l-Opinjoni 1/09 (punt 77).

68 Ara l-Opinjoni 1/09 (punt 78).

69 Opinjoni 2/13 (punt 246).

*3. Ir-rekwiżit ta' reċiproċità fil-protezzjoni mogħtija lill-investituri ta' kull Parti Kontraenti*

72. Meta investiment jitwettaq minn persuna fiżika jew ġuridika fi Stat Membru tal-Unjoni, dan l-investiment ikun suġġett għall-applikazzjoni tad-dritt ta' dan l-Istat, li tiegħu d-dritt tal-Unjoni jagħmel parti integrali. Fil-każ ta' kontestazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan id-dritt, il-qrati tal-imsemmi Stat ikollhom jiddeċiedu t-tilwima fuq il-bażi tad-dritt li jkollhom il-funzjoni li jiżguraw l-osservanza tiegħu, jekk ikun il-każ wara li jkunu għamlu rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Meta jressaq kawża quddiem qorti nazzjonali, l-investitur jista' jipprova jikseb l-annullament ta' miżura nazzjonali u/jew il-ħlas ta' danni.

73. B'hekk, kwalunkwe impriża Kanadiża li tinvesti fi Stat Membru tal-Unjoni hija, sa fejn huwa kkonċernat dan l-investiment, suġġetta għad-dritt ta' dan l-Istat Membru, li jinkludi d-dritt tal-Unjoni. Huwa evidenti li investitur minn Stat terz li jixtieq jinvesti fi Stat Membru ser ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu qafas normattiv li jipproteġi lil dan l-investiment kif ukoll rimedji sabiex jinvoka l-pretensjonijiet tiegħu. Madankollu, mingħajr ma nipponta swaba' u mingħajr ma nimplika xi *mala fide* fil-konfront tal-imsieħba kummerċjali tal-Unjoni, ma jistax jitqies li huwa awtomatikament il-każ li l-investituri tal-Unjoni ser ikollhom, fl-Istati terzi li magħhom l-Unjoni tixtieq tiżviluppa relazzjonijiet fil-qasam tal-investimenti, livell ekwivalenti ta' protezzjoni minn perspettiva sostantiva u proċedurali. Huwa għalhekk li l-Unjoni għandha, sabiex tħaddem il-politika kummerċjali tagħha, tinnegozja ma' dawn l-Istati terzi, fuq bażi reċiproka, normi sostantivi u proċedurali dwar il-protezzjoni tal-investimenti li jitwettqu bejn iż-żewġ Partijiet Kontraenti.

74. Għaldaqstant, l-eżistenza ta' standards ta' protezzjoni differenti fid-drittijiet interni tal-Partijiet Kontraenti tagħmel neċessarja l-konklużjoni ta' ftehim bilaterali li jippermetti lill-investituri ta' kull Parti Kontraenti tikseb protezzjoni identika meta jwettqu investiment fit-territorju tal-Parti l-oħra.

75. Iċ-CETA ġie nnegozjat fuq bażi ta' reċiproċità bejn il-Partijiet Kontraenti. Dan il-ftehim huwa għalhekk intiż li jagħti lill-investituri ta' kull waħda minn dawn il-Partijiet protezzjoni sostantiva u proċedurali ekwivalenti. L-għan ta' dan it-tip ta' ftehimiet huwa għalhekk li l-impriżi tal-Unjoni li jinvestu fi Stati terzi, minn naħa, u l-impriżi ta' Stati terzi li jinvestu fl-Unjoni, min-naħa l-oħra, joperaw fuq bażi ugwali. F'dan id-dawl huwa għalhekk meħtieġ li l-istandards sostantivi u proċedurali ta' protezzjoni li jibbenefikaw minnhom l-impriżi tal-Unjoni li jinvestu fi Stati terzi jkunu ekwivalenti għal dawk li jibbenefikaw minnhom l-impriżi tal-Istati terzi li jinvestu fl-Unjoni.

76. B'mod iktar partikolari, il-biża' tal-investituri barranin li jkunu żvantaġġati meta mqabbla mal-investituri nazzjonali meta jiftħu kawża quddiem il-qrati nazzjonali hija riflessa għalhekk fl-għoti reċiproku tal-possibbiltà ta' aċċess għal mekkaniżmu speċifiku ta' riżoluzzjoni ta' tilwim.

77. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li r-reċiproċità għandha titqies li hija wieħed mill-prinċipji ewlenin tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni [70]. L-applikazzjoni tar-reċiproċità għar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni li jirriżultaw minn ftehim hija ġġustifikata mill-fatt li, bħala suġġett tad-dritt internazzjonali, l-Unjoni hija suġġetta għar-regoli tad-dritt internazzjonali li bihom tkun intrabtet volontarjament, fosthom l-obbligu ta' reċiproċità [71].

78. Sa fejn iċ-CETA huwa bbażat fuq rekwiżit ta' protezzjoni reċiproka tal-investituri ta' kull Parti Kontraenti, in-negozjaturi ta' dan il-ftehim qiesu li kien meħtieġ li fl-imsemmi ftehim jiġu inklużi dispożizzjonijiet, bħal dawk tat-Taqsimiet C u D tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA, li jobbligaw lil kull waħda mill-Partijiet Kontraenti tagħti lill-investituri tal-Parti l-oħra protezzjoni adegwata u ekwivalenti. Tali tfittxija ta' reċiproċità ttieħdet inkunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-Opinjoni 2/15 tagħha meta indikat li, "fid-dawl tal-fatt li l-moviment liberu tal-kapital u

70 Ara Dero, D., *La réciprocité et le droit des Communautés et de l'Union européennes*, Bruylant, Brussell, 2006, p. 227.

71 Ara Dero, D, *op. cit.*, p. 230.

tal-pagamenti bejn l-Istati Membri u l-Istati terzi, previst fl-Artikolu 63 TFUE, ma jistax jiġi invokat b'mod formali fil-konfront tal-Istati terzi, il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali li jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' dan il-moviment liberu fuq bażi reċiproka tista' tiġi kklassifikata bħala meħtieġa sabiex dan il-moviment liberu jintlaħaq bis-sħiħ, li huwa wieħed mill-għanijiet tat-Titolu IV ('Moviment liberu tal-persuni, servizzi u kapital') tat-Tielet Parti ('Politika u azzjonijiet interni ta' l-Unjoni') tat-Trattat FUE"[72].

79. Kif osservat il-Kummissjoni fid-dokument kunċettwali tagħha tal-5 ta' Mejju 2015[73], "[p]eress li [l-Unjoni] tiżgura livell għoli ta' inkoraġġiment u ta' protezzjoni tal-investimenti fit-territorju tagħha, hija neċessarjament tixtieq tikseb garanziji komparabbli, affidabbli u effettivi, fir-rigward tal-investimenti u tal-investituri Ewropej barra [mill-Unjoni]"[74] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

80. Għaldaqstant, il-kapaċità tal-Unjoni li tippromwovi u li tiffavorixxi l-attività tal-investituri tal-Unjoni fi Stati terzi u li tattira l-investituri barranin fit-territorju tagħha tiddependi fil-parti l-kbira tagħha mill-konklużjoni ta' ftehimiet ma' Stati terzi sabiex tiġi prevista protezzjoni adegwata u reċiproka ta' dawn l-investimenti.

81. L-adozzjoni, fil-kuntest ta' ftehim internazzjonali bejn, minn naħa, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u, min-naħa l-oħra, Stat terz, fuq bażi reċiproka, ta' normi ta' protezzjoni sostantiva u proċedurali fil-qasam tal-investimenti hija dovuta għall-fatt li r-relazzjonijiet bejn dawn il-Partijiet Kontraenti ma jkunux ibbażati fuq il-fiduċja reċiproka, għall-kuntrarju ta' dak li huwa l-każ għar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri.

82. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret reċentement fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Marzu 2018, Achmea[75], "[i]d-dritt tal-Unjoni huwa għaldaqstant ibbażat fuq il-premessa fundamentali li tipprovdi li kull Stat Membru jikkondividi mal-Istati Membri l-oħrajn kollha, u jirrikonoxxi li dawn jikkondividu miegħu, sensiela ta' valuri komuni li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, kif jippreċiża l-Artikolu 2 TUE. Din il-premessa timplika u tiġġustifika l-eżistenza tal-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fir-rikonoxximent ta' dawn il-valuri u, għalhekk, fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni li jimplementahom"[76]. Issa, ir-relazzjonijiet li l-Unjoni tistabbilixxi ma' Stati terzi ma humiex ibbażati fuq tali premessa. Għaldaqstant, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, meta jinnegozjaw ftehim bħalma huwa ċ-CETA, jipprovaw jiggarantixxu li l-investituri tal-Unjoni ser ikollhom, fl-Istati terzi, l-istess livell ta' protezzjoni bħal dak li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha joffru lill-investituri barranin. F'dan is-sens, reċiproċità tiġi mfittxija fuq il-bażi ta' standard ta' protezzjoni nnegozjat b'mod liberu bejn il-Partijiet Kontraenti, li jipprovaw jaqblu dwar ir-regoli ta' protezzjoni li jkunu lesti jagħtu reċiprokament lill-investituri minn kull waħda minn dawn iż-żewġ Partijiet.

83. Id-definizzjoni ta' tali regoli ta' protezzjoni tal-investimenti barranin teħtieġ ukoll li jiġu ddeterminati n-natura u l-modalitajiet tal-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim li ser jippermetti li tiġi ggarantita l-osservanza ta' dawn ir-regoli.

84. Fil-fatt, kull waħda mill-Partijiet Kontraenti ma jkollhiex neċessarjament fiduċja fis-sistema ġudizzjarja tal-Parti l-oħra sabiex tiżgura l-osservanza tar-regoli previsti fil-ftehim. Għalhekk, ikun meħtieġ li dawn iż-żewġ Partijiet jaqblu dwar mekkaniżmu newtrali għar-riżoluzzjoni ta' tilwim li, permezz tal-karatteristiċi tiegħu, ser ikun fdat minnhom kif ukoll mill-investituri. Huwa billi jserraħ

72 Opinjoni 2/15 (punt 240).

73 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 5 ta' dawn il-konklużjonijiet.

74 Ara p. 1 ta' dan id-dokument kunċettwali.

75 C-284/16, EU:C:2018:158, iktar 'il quddiem is-"sentenza Achmea".

76 Sentenza Achmea (punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

moħħ l-investituri barranin dwar il-protezzjoni tal-investimenti tagħhom li l-Istat ospitanti ser ikun f'pożizzjoni li jattira investimenti ġodda. Issa, dan huwa l-għan prinċipali tal-ftehimiet fil-qasam tal-investimenti. Minn din il-perspettiva, l-istabbiliment ta' mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim jista' jidher bħala l-element ċentrali tas-sistema ta' protezzjoni implimentata.

85. Għaldaqstant, ma tistax issir riflessjoni dwar jekk l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni hijiex miżmuma suffiċjentement miċ-CETA mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni din id-dimensjoni reċiproka tal-protezzjoni sostantiva u proċedurali mfittxija [77].

86. Fil-kuntest ta' din ir-riflessjoni, il-fatt li l-Parti Kontraenti l-oħra fil-ftehim maħsub hija l-Kanada, li s-sistema ġudizzjarja tagħha hija meqjusa li għandha biżżejjed garanziji, ma jidhirx li huwa determinanti, fil-fehma tiegħi, sa fejn fil-verità huwa involut mekkaniżmu standard maħsub li jiġi inkluż fi ftehimiet internazzjonali ma' Stati terzi li jistgħu ma jkollhomx l-istess garanziji. B'hekk, l-analiżi ma għandhiex tvarja skont l-Istat terz ikkonċernat, u dan sa fejn dak li huwa involut huwa d-definizzjoni ta' mudell li jkun konformi mal-prinċipji li jiddefinixxu l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u li, fl-istess ħin, ikun jista' jiġi applikat fil-ftehimiet kummerċjali kollha bejn l-Unjoni u Stati terzi. Fi kwalunkwe każ, matul din il-proċedura deher li hemm diverġenzi fil-protezzjoni sostantiva mogħtija lill-investituri barranin f'kull waħda mill-Partijiet Kontraenti [78].

87. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, anki jekk jitqies li, mill-perspettiva tal-Unjoni, jista' jidher superfluwu li fi ftehim internazzjonali fil-qasam tal-investimenti jiġu previsti normi ta' protezzjoni tal-investituri li, minn ċerti aspetti, jistgħu jikkostitwixxu repetizzjoni ta' normi diġà fis-seħħ fid-dritt tal-Unjoni u jistgħu jwasslu sabiex jiddaħħal inkwistjoni, bħala konsegwenza, l-istabbiliment ta' mekkaniżmu speċifiku għar-riżoluzzjoni ta' tilwim, għandu jiġi enfasizzat li tali raġunament ma jiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li ma jkunx hemm neċessarjament simetrija bejn il-livell ta' protezzjoni kemm sostantiva u kemm proċedurali eżistenti fi ħdan l-Unjoni u fi ħdan l-Istati terzi li magħhom l-Unjoni tixtieq tiżviluppa r-relazzjonijiet tagħha fil-qasam tal-investimenti. Huwa fil-fatt dan in-nuqqas potenzjali ta' simetrija li jagħmel neċessarju n-negozjati dwar standard komuni ta' protezzjoni sostantiva u proċedurali, li huwa l-uniku li jista' jiggarantixxi r-reċiproċità fl-applikazzjoni tal-ftehim ikkonċernat u li jista' jiżgura lill-investituri tal-Unjoni protezzjoni effettiva u uniformi meta jwettqu operazzjonijiet ta' investiment fi Stati terzi.

88. Għall-kuntrarju ta' dak li xi drabi jiġi sostnut, l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bħal dak eżaminat hawnhekk ma tikkostitwixxix, fil-fehma tiegħi, kontestazzjoni tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha u lanqas tal-kapaċità ta' din is-sistema li titratta b'mod effettiv, indipendenti u imparzjali r-rikorsi ppreżentati minn investituri barranin. Meta tintroduċi tali mekkaniżmu fir-relazzjonijiet bilaterali tagħha fil-qasam tal-investimenti, l-intenzjoni tal-Unjoni tkun li twieġeb għal ħtieġa ta' newtralità u ta' speċjalizzazzjoni fir-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati, li minnha jibbenefikaw ukoll, ma għandniex ninsew, l-investituri Ewropej meta jwettqu operazzjonijiet fi Stat terz.

89. Għaldaqstant, sabiex tingħata deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà tal-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim previst fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA mad-dritt primarju tal-Unjoni, għandha tittieħed perspettiva usa' u għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-ħtieġa li jiġu protetti l-investituri tal-Unjoni meta jwettqu operazzjonijiet fi Stati terzi.

77 B'hekk, kif tosserva Dero, D., *op. cit.* (p. 287), ir-reċiproċità "tinsab fil-qofol tad-diskussjoni bejn awtonomizzazzjoni u subordinazzjoni tad-dritt [tal-Unjoni] fil-konfront tad-dritt internazzjonali" [traduzzjoni libera].

78 Kif indikat il-Kummissjoni matul is-seduta, u kif osservaw diversi Stati Membri, id-dritt tal-Parti Kontraenti l-oħra, f'dan il-każ id-dritt Kanadiż, ma joffrix neċessarjament protezzjoni adegwata għall-investituri Ewropej fil-qasam ta' diskriminazzjoni jew ta' esproprjazzjoni.

90. Raġunament minn din il-perspettiva huwa wkoll ta' natura li jdgħajjef b'mod kunsiderevoli l-argument li, fil-parti l-kbira, hemm koinċidenza bejn in-normi ta' protezzjoni tal-investimenti inklużi fid-dritt tal-Unjoni u dawk previsti miċ-CETA, li skont dan l-argument tagħmel inutli l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim minbarra r-rikorsi possibbli quddiem il-qrati tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

*4. Mekkaniżmu konsistenti mal-assenza ta' effett dirett taċ-CETA*

91. Infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li "l-istituzzjonijiet tal-Unjoni li huma kompetenti sabiex jinnegozjaw u jikkonkludu [ftehim konkluż mill-Unjoni ma' Stati terzi] huma liberi li jiftiehmu mal-Istati terzi kkonċernati dwar l-effetti li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim għandu jkollhom fl-ordinament intern tal-partijiet kontraenti" [79]. Kif tosserva l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, fil-prattika l-ftehimiet kollha dwar kummerċ ħieles konklużi reċentement mill-Unjoni jeskludu espliċitament l-effett dirett tagħhom. Ir-raġuni prinċipali għaliex jiġi eskluż l-effett dirett ta' dawn il-ftehimiet hija sabiex tiġi żgurata reċiproċità effettiva bejn il-Partijiet, b'mod konsistenti mal-għanijiet tal-politika kummerċjali komuni.

92. Fir-rigward tal-invokabbiltà tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), iffirmat f'Marrakech fil-15 ta' April 1994, kif ukoll tal-ftehimiet li jinsabu fl-Annessi 1 sa 3 ta' dan il-ftehim (iktar 'il quddiem, flimkien, il-"Ftehimiet WTO") [80], quddiem il-qorti tal-Unjoni sabiex tiġi mistħarrġa l-konformità tad-dritt tal-Unjoni ma' dawn il-ftehimiet, il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex teskludi bħala prinċipju tali invokabbiltà [81], adottat raġunament li jieħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżit ta' "reċiproċità" sabiex ma ċċaħħadx "lill-organi leġiżlattivi jew eżekuttivi tal-Unjoni mill-marġni ta' manuvra li jgawdu minnha l-organi simili tal-isħab kummerċjali tal-Unjoni" [82]. F'dan ir-rigward, sabiex tadotta l-pożizzjoni tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tieħu inkunsiderazzjoni l-pożizzjoni meħuda minn dawn l-imsieħba dwar il-kwistjoni tal-invokabbiltà diretta tal-Ftehimiet WTO, filwaqt li tenfasizza li "wħud mill-partijiet kontraenti, inklużi l-imsieħba l-iktar importanti tal-Unjoni mil-lat kummerċjali, ikkonkludew, fid-dawl tas-suġġett u tal-iskop tal-ftehimiet tad-WTO, li dawn ma humiex fost ir-regoli li fid-dawl tagħhom il-qrati tagħhom jistħarrġu l-legalità tar-regoli tagħhom tad-dritt nazzjonali" [83]. Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li "[t]ali assenza ta' reċiproċità, kieku kellha tiġi aċċettata, toħloq ir-riskju li jkun hemm żbilanċ fl-applikazzjoni tal-ftehimiet tad-WTO" [84]. B'hekk, is-soluzzjoni magħżula hija xhieda tar-rieda tal-Qorti tal-Ġustizzja, bil-għan li żżomm ir-reċiproċità fl-applikazzjoni tal-ftehim, li ma tqegħidx lill-Unjoni fi żvantaġġ meta mqabbla mal-iktar imsieħba kummerċjali importanti tagħha, b'tali mod li b'hekk iżżomm il-pożizzjoni tal-Unjoni fuq ix-xena internazzjonali [85].

93. Kif diġà indikajt, il-Partijiet Kontraenti għażlu li jirrifjutaw espliċitament li jirrikonoxxu l-effett dirett taċ-CETA [86].

79 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-13 ta' Jannar 2015, Il-Kunsill u Il-Kummissjoni vs Stichting Natuur en Milieu u Pesticide Action Network Europe (C-404/12 P u C-405/12 P, EU:C:2015:5, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

80 Ftehimiet approvati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoin f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 80).

81 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-4 ta' Frar 2016, C & J Clark International u Puma (C-659/13 u C-34/14, EU:C:2016:74), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, "minħabba n-natura u l-istruttura tagħhom, il-ftehimiet tad-WTO bħala prinċipju ma humiex fost ir-regoli li fid-dawl tagħhom tista' tiġi mistħarrġa l-legalità ta' atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni" (punt 85). Il-Qorti tal-Ġustizzja estendiet din il-konklużjonijiet għad-deċiżjonijiet u għar-rakkomandazzjonijiet tal-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim tal-WTO (DSB) (punti 94 sa 96).

82 *Ibidem*, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata.

83 *Ibidem*. Il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk turi li "ir-reċiproċità fl-applikazzjoni ta' ftehim tikkundizzjona r-rikonoxximent tal-effett dirett tad-dispożizzjonijiet tiegħu" (ara Dero, D., *op. cit.*, p. 496) [traduzzjoni libera].

84 *Ibidem*.

85 Ara Dero, D., *op. cit.*, p. 499.

86 Ara l-Artikolu 30.6(1) taċ-CETA.

94. Sabiex jinżamm bilanċ bejn il-Partijiet Kontraenti fl-applikazzjoni ta' dan il-ftehim, u għalhekk sabiex tinżamm ir-reċiproċità fl-implimentazzjoni tal-impenji meħuda bejniethom, dawn il-Partijiet iddeċiedew li jintroduċu mekkaniżmu speċifiku għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati. L-esklużjoni tal-effett dirett tal-imsemmi ftehim issaħħaħ b'hekk l-utilità ta' tali mekkaniżmu. Sa fejn il-qrati interni ta' kull waħda mill-imsemmija Partijiet ma għandhomx il-missjoni li japplikaw l-istandards ta' protezzjoni ddefiniti fiċ-CETA, huwa konsistenti li jiġi previst mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim li ma jagħmilx parti mis-sistema ġudizzjarja interna tal-Partijiet Kontraenti.

*5. Is-sentenza Achmea ma tippreġudikax il-kompatibbiltà tas-SĠI mar-rekwiżit ta' awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni*

95. Fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet mistiedna tiddeċiedi jekk l-Artikoli 267 TFUE u 344 TFUE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni inkluża fi ftehim internazzjonali konkluż bejn l-Istati Membri, bħalma huwa l-Artikolu 8 tal-Ftehim fuq l-Inċentivazzjoni u l-Protezzjoni Reċiproċi tal-Investimenti bejn ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u r-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka (iktar 'il quddiem it-"TBI"), li tipprevedi li investitur ta' wieħed minn dawn l-Istati Membri jista', fil-każ ta' tilwima dwar investimenti fl-Istat Membru l-ieħor, jiftaħ proċedura kontra dan l-aħħar Stat Membru quddiem tribunal ta' arbitraġġ, li l-kompetenza tiegħu dan l-Istat Membru huwa obbligat li jaċċetta.

96. Fis-sentenza Achmea, il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet għal din id-domanda fl-affermattiv.

97. Sabiex waslet għal din is-soluzzjoni, hija bdiet billi fakkret li, skont ġurisprudenza stabbilita, "ftehim internazzjonali ma jistax jippreġudika s-sistema ta' kompetenzi stabbilita permezz tat-Trattati u, għaldaqstant, l-awtonomija tas-sistema legali tal-Unjoni, li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura l-osservanza tagħha. Dan il-prinċipju huwa b'mod partikolari rifless fl-Artikolu 344 TFUE, li jipprovdi li l-Istati Membri jobbligaw ruħhom li ma jippreżentawx tilwima dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tat-Trattati għal xi metodu ta' soluzzjoni li ma jkunx wieħed minn dawk previsti fit-Trattati" [87].

98. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi insistiet fuq il-fatt li r-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri huma rregolati mill-prinċipju ta' fiduċja reċiproka fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni u li huwa f'dan il-kuntest li "l-Istati Membri, b'mod partikolari, bis-saħħa tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE, huma responsabbli sabiex jiżguraw, fit-territorji rispettivi tagħhom, l-applikazzjoni u l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni u sabiex jieħdu, għal dan l-għan, kull miżura ġenerali jew partikolari xierqa sabiex jiżguraw li jitwettqu l-obbligi li joħorġu mit-Trattati jew li jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni" [88].

99. Wara li enfasizzat ir-rwol fundamentali li l-Artikolu 19 TUE jagħti lill-qrati nazzjonali u lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex "jiggarantixxu l-applikazzjoni sħiħa tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha kif ukoll il-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet li l-individwi jgawdu bis-saħħa ta' dan id-dritt" [89] u wara li enfasizzat il-fatt li "l-element ċentrali ta' din is-sistema ġudizzjarja huwa l-proċedura tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari prevista fl-Artikolu 267 TFUE" [90], il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-karatteristiċi tal-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim introdott permezz tat-TBI.

87 Sentenza Achmea (punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

88 Sentenza Achmea (punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

89 Sentenza Achmea (punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

90 Sentenza Achmea (punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

100. F'dan ir-rigward, hija kkonstatat, l-ewwel nett, li t-Tribunal Arbitrali previst fl-Artikolu 8 tat-TBI kellu, jekk ikun il-każ, "jinterpreta, saħansitra anki japplika, id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet dwar il-libertajiet fundamentali, fosthom il-libertà ta' stabbiliment u l-moviment liberu tal-kapital"[91]. It-tieni nett, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tribunal ta' dan it-tip "ma jistax jitqies bħala 'qorti jew tribunal ta' xi Stat Membru', fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, u għaldaqstant ma jistax jadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari"[92]. It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li d-deċiżjoni arbitrali mogħtija minn tali tribunal ma hijiex suġġetta b'mod sistematiku u b'mod sħiħ għall-istħarriġ ta' qorti ta' Stat Membru[93], b'tali mod li ma huwiex iggarantit "li l-kwistjonijiet ta' dritt tal-Unjoni li dan it-tribunal jista' jintalab jittratta jkunu jistgħu, eventwalment, jitressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari"[94].

101. Dwar dan l-aħħar punt, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet distinzjoni bejn il-proċedura ta' arbitraġġ kummerċjali, li għandha l-oriġini tagħha fl-awtonomija tar-rieda tal-partijiet inkwistjoni, u l-proċedura ta' arbitraġġ bejn investitur u Stat Membru li tirriżulta minn trattat konkluż bejn Stati Membri.

102. Fir-rigward tal-proċeduri ta' arbitraġġ kummerċjali, li huma stabbiliti skont ir-rieda espressa tal-partijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenzi tagħha tal-1 ta' Ġunju 1999, Eco Swiss[95], u tas-26 ta' Ottubru 2006, Mostaza Claro[96], li "r-rekwiżiti relatati mal-effikaċja tal-proċedura arbitrali jiġġustifikaw li l-istħarriġ tad-deċiżjonijiet arbitrali eżerċitat mill-qrati tal-Istati Membri jkollu natura limitata, sakemm id-dispożizzjonijiet fundamentali tad-dritt tal-Unjoni jkunu jistgħu jiġu eżaminati fil-kuntest ta' dan l-istħarriġ u, jekk ikun il-każ, ikunu s-suġġett ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja"[97].

103. Għall-kuntrarju, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali kunsiderazzjonijiet ma japplikawx għal proċedura ta' arbitraġġ bħal dik prevista fl-Artikolu 8 tat-TBI, sa fejn "tirriżulta minn trattat, li permezz tiegħu l-Istati Membri qablu li jneħħu mill-ġurisdizzjoni tal-qrati tagħhom stess u, għaldaqstant, mas-sistema ta' rimedji ġudizzjarji li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jimponi fuqhom li jistabbilixxu fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni [...], tilwim li jista' jirrigwarda l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dan id-dritt"[98]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan "jista' jeskludi l-possibbiltà li dan it-tilwim, minkejja li jista' jirrigwarda l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ikun riżolt b'mod li jiggarantixxi l-effikaċja sħiħa ta' dan id-dritt"[99].

104. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-klawżola ta' arbitraġġ inkluża fit-TBI inkwistjoni kienet tippreġudika l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni[100]. Fil-fatt, permezz ta' ftehim bilaterali fil-qasam tal-investimenti, żewġ Stati Membri kienu qablu li jeskludu d-dritt tal-Unjoni mill-ġurisdizzjoni tal-qrati tagħhom stess u għalhekk mid-djalogu ġudizzjarju bejn dawn il-qrati u l-Qorti tal-Ġustizzja, li kien ta' natura li jippreġudika l-uniformità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni.

105. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, is-soluzzjoni magħżula mill-Qorti tal-Ġustizzja kienet iggwidata prinċipalment mill-idea li s-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni, sa fejn hija bbażata fuq il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u fuq il-kooperazzjoni leali ta' dawn tal-aħħar, hija intrinsikament inkompatibbli mal-possibbiltà li l-Istati Membri jintroduċu, fir-relazzjonijiet bilaterali tagħhom, mekkaniżmu parallel

91 Sentenza Achmea (punt 42).
92 Sentenza Achmea (punt 49).
93 Fil-fatt,"tali stħarriġ ġudizzjarju jista' jiġi eżerċitat mill-imsemmija qorti biss sa fejn id-dritt nazzjonali jippermettih" (punt 53 tas-sentenza Achmea).
94 Sentenza Achmea (punt 50).
95 C-126/97, EU:C:1999:269 (punti 35, 36 u 40).
96 C-168/05, EU:C:2006:675 (punti 34 sa 39).
97 Sentenza Achmea (punt 54).
98 Sentenza Achmea (punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).
99 Sentenza Achmea (punt 56).
100 Sentenza Achmea (punt 59).

għar-riżoluzzjoni ta' tilwim li jista' jikkonċerna l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. F'dan id-dawl, l-Artikolu 344 TFUE ġie interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sens li jipprekludi tali mekkaniżmu u l-fatt li t-tilwim inkwistjoni kien bejn investituri u Stati ma kienx ostakolu f'dan ir-rigward. L-Artikolu 267 TFUE ssemma wkoll sa fejn il-proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari kienet neċessarjament milquta mill-operat ta' tali mekkaniżmu.

106. Fil-fehma tiegħi, is-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Achmea tagħha ma tistax tiġi trasposta għall-eżami tas-SĠI peress li l-premessi li għandhom jiggwidaw ir-raġunament huma differenti.

107. Fil-fatt, diġà indikajt li r-relazzjonijiet bejn Partijiet Kontraenti bħalma huma, minn naħa, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u, min-naħa l-oħra, il-Kanada, ma humiex ibbażati fuq il-fiduċja reċiproka [101], u din barra minn hekk hija r-raġuni għaliex dawn il-Partijiet għandhom l-intenzjoni li jiddefinixxu, fuq bażi ta' reċiproċità, standard ta' protezzjoni sostantiva u proċedurali fil-ftehim maħsub.

108. F'dan ir-rigward, dan il-ftehim la jista' jippreġudika l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri [102] u lanqas ma jista' jippreġudika l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali li dawn tal-aħħar huma obbligati josservaw.

109. B'hekk, sa fejn it-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA tinsab fi ftehim ma' Stat terz, maħsub li jiġi konkluż mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha, li jirregola r-relazzjonijiet bejn dawn il-Partijiet Kontraenti u mhux ir-relazzjonijiet reċiproċi bejn l-Istati Membri, ir-raġunament magħmul mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Achmea tagħha fid-dawl tal-Artikoli 267 TFUE u 344 TFUE ma jistax, fil-fehma tiegħi, jiġi applikat għas-SĠI.

110. Ngħid ukoll, f'dan ir-rigward, li, għall-kuntrarju ta' dak li kien il-każ tat-TBI inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza Achmea, li l-klawżola tiegħu dwar id-dritt applikabbli setgħet tagħti x'tifhem li t-tribunal ta' arbitraġġ ikkonċernat kellu kompetenza sabiex jisma' tilwim dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, iċ-CETA jispeċifika b'mod ċar, kif ser ikolli l-opportunità nargumenta iktar 'il quddiem, li d-dritt applikabbli quddiem it-Tribunal taċ-CETA huwa kkostitwit esklużivament mid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-ftehim, kif interpretati konformement mad-dritt internazzjonali. Id-dritt intern ta' kull Parti Kontraenti, inkluż id-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-Istati Membri [103], ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni minn dan it-Tribunal ħlief bħala punt ta' fatt, u t-tifsira mogħtija lid-dritt intern ma torbotx lill-qrati u lill-awtoritajiet tal-Parti Kontraenti konvenuta. Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li huwa l-każ għat-trattati bilaterali dwar l-investimenti bejn Stati Membri, bħal dak inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza Achmea, id-dritt tal-Unjoni ma jagħmilx parti mid-dritt internazzjonali applikabbli bejn il-Partijiet Kontraenti.

111. Sabiex issir distinzjoni ċara bejn il-każijiet ta' trattati bilaterali dwar l-investimenti bejn Stati Membri u l-każijiet ta' ftehimiet fil-qasam tal-investimenti bħalma huwa ċ-CETA, il-Qorti tal-Ġustizzja barra minn hekk qagħdet attenta, fis-sentenza Achmea tagħha, li tfakkar il-ġurisprudenza stabbilita tagħha li minnha jirriżulta li "ftehim internazzjonali, li jipprevedi l-ħolqien ta' qorti inkarigata bl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu u li d-deċiżjonijiet tagħha jorbtu l-istituzzjonijiet, inkluża l-Qorti tal-Ġustizzja, ma huwiex, bħala prinċipju, inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, il-kompetenza tal-Unjoni fil-qasam tar-relazzjonijiet internazzjonali u l-kapaċità tagħha li tikkonkludi

101 F'dan is-sens, id-dritt tal-Unjoni ma jeħtieġx il-fiduċja fis-sistemi ġuridiċi tal-Istati terzi, u dan irrispettivament mil-livell ta' affidabbiltà tas-sistema ġudizzjarja ta' dawn l-Istati.

102 B'mod partikolari, b'differenza mit-TBI inkwistjoni fis-sentenza Achmea, iċ-CETA bl-ebda mod ma jippreġudika "l-fiduċja li l-Istati Membri jagħtu reċiprokament lis-sistemi legali tagħhom kif ukoll lill-istituzzjonijiet ġuridiċi tagħhom" (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-10 ta' Frar 2009, Allianz u Generali Assicurazioni Generali, C-185/07, EU:C:2009:69, punt 30).

103 Sentenza Achmea (punt 41).

ftehim internazzjonali jinvolvu neċessarjament il-fakultà li tissuġġetta ruħha għad-deċiżjonijiet ta' qorti maħluqa jew innominata taħt tali ftehim, f'dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħhom, kemm-il darba l-awtonomija tal-Unjoni u tal-ordinament ġuridiku tagħha jkunu osservati" [104].

112. B'rabta ma' din il-ġurisprudenza u sabiex tenfasizza sew ir-raġunijiet għaliex il-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim previst fit-TBI inkwistjoni kien jippreġudika l-awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, "f'dan il-każ, minbarra l-fatt li t-tilwim li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Arbitrali msemmi fl-Artikolu 8 tat-TBI jista' jirrigwarda l-interpretazzjoni kemm ta' dan il-ftehim kif ukoll tad-dritt tal-Unjoni, il-possibbiltà li dan it-tilwim jiġi suġġett għal organu li ma jikkostitwixxix element tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni hija prevista minn ftehim li ma ġiex konkluż mill-Unjoni, iżda minn Stati Membri. Issa, l-imsemmi Artikolu 8 huwa ta' natura li jimmina, minbarra l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, il-preżervazzjoni tan-natura proprja tad-dritt stabbilit mit-Trattati, żgurat mill-proċedura tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari prevista fl-Artikolu 267 TFUE, u għaldaqstant ma [huwiex] kompatibbli mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali" [105].

113. B'dawn il-preċiżjonijiet magħmula, minkejja li l-parametri ta' analiżi ma jistgħux ikunu identiċi għal dawk imħaddna mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' trattat bilaterali dwar l-investimenti bejn Stati Membri, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati permezz ta' ftehim bejn, minn naħa, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u, min-naħa l-oħra, Stat terz, għandha tosserva l-awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

114. F'dan id-dawl u filwaqt li nżommu f'moħħna l-elementi li għadni kemm semmejt, għandu issa jiġi vverifikat, kif stedinna nagħmlu r-Renju tal-Belġju fit-talba għal opinjoni tiegħu, jekk is-SĠI, kif prevista fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA, tistax tippreġudika jew le l-awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, b'mod partikolari billi taffettwa l-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni.

*6. Il-garanziji previsti mill-Partijiet Kontraenti sabiex tinżamm il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni*

115. Fil-fehma tiegħi, il-missjoni mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-qrati nazzjonali mill-Artikolu 19(1) TUE, jiġifieri li jiżguraw l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni fi ħdan l-ordinament ġuridiku tagħha, ma hijiex affettwata mill-introduzzjoni ta' mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati, bħal dak previst fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA.

116. Fil-fatt, dan il-ftehim fih biżżejjed garanziji li jippermettu li jitħarsu, minn naħa, ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja bħala l-awtorità li għandha l-aħħar kelma fejn tidħol l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja li hija l-proċedura għal deċiżjoni preliminari.

117. B'hekk, in-negozjaturi taċ-CETA żguraw b'mod intenzjonat li r-regoli stabbiliti minn dan il-ftehim jinterferixxu bl-inqas mod possibbli mar-regoli tad-dritt tal-Unjoni.

118. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, it-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA jirnexxielha tiggarantixxi bilanċ bejn, minn naħa, l-aċċettazzjoni ta' stħarriġ estern tal-azzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fir-rigward tan-normi ta' protezzjoni tal-investimenti inklużi f'dan il-kapitolu u, min-naħa l-oħra, iż-żamma tal-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni.

104 Sentenza Achmea (punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).
105 Sentenza Achmea (punt 58).

119. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li jiġi eżaminat il-punt ta' liema huma d-dispożizzjonijiet legali koperti preċiżament mill-ġurisdizzjoni tat-Tribunal taċ-CETA u li jiġi eżaminat b'liema mod dan tal-aħħar għandu jieħu inkunsiderazzjoni d-dritt intern tal-Partijiet Kontraenti, li d-dritt tal-Unjoni jagħmel parti minnu.

120. Nosserva li l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal taċ-CETA hija ddelimitata b'mod ristrett. Fil-fatt, skont l-Artikolu 8.18(1) taċ-CETA, dan it-Tribunal għandu biss is-setgħa li jagħti deċiżjoni dwar ksur ta' obbligu previst fit-Taqsima C ("Trattament nondiskriminatorju") [106] jew fit-Taqsima D ("Protezzjoni ta' investiment") tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA. Din il-limitazzjoni tal-ġurisdizzjoni hija enfasizzata fl-Artikolu 8.18(5) ta' dan il-ftehim, li jipprovdi li t-Tribunal taċ-CETA "ma jiddeċidix pretensjonijiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu". Barra minn hekk, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 8.18(1) taċ-CETA jirriżulta li investitur ma jistax jilmenta dwar miżura adottata mill-Unjoni jew minn Stat Membru ħlief meta jkun jista' jipprova li din il-miżura kkawżatlu preġudizzju. Investitur ma jistax jikkontesta tali miżura b'mod astratt.

121. Barra minn hekk, fir-rigward tad-dritt applikabbli u tal-interpretazzjoni tiegħu, l-Artikolu 8.31(1) taċ-CETA jipprovdi li, "[m]eta jkun qed jagħti d-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal [...] għandu japplika dan il-Ftehim kif interpretat b'konformità mal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati [konkluża fi Vjenna fit-23 ta' Mejju 1969,] u regoli u prinċipji oħra tal-liġi internazzjonali applikabbli bejn il-Partijiet".

122. Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li, meta jagħti d-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal taċ-CETA għandu sempliċement japplika dan il-ftehim u r-regoli u l-prinċipji l-oħra tad-dritt internazzjonali applikabbli bejn il-Partijiet, b'tali mod li ma għandux ġurisdizzjoni sabiex japplika n-normi tad-dritt tal-Unjoni [107]. B'hekk, id-dritt intern tal-Partijiet Kontraenti ma huwiex fost in-normi ta' dritt applikabbli għat-tilwim li t-Tribunal taċ-CETA ser ikollu jiddeċiedi dwaru.

123. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 8.31(2) taċ-CETA, "[i]t-Tribunal ma għandux ġurisdizzjoni biex jiddetermina l-legalità ta' miżura, li allegatament tikkostitwixxi ksur ta' dan il-Ftehim, skont il-liġi domestika ta' Parti". Dan ifisser, fi kliem ieħor, li t-Tribunal bl-ebda mod ma għandu s-setgħa li jagħti deċiżjoni dwar il-legalità ta' att adottat minn Stat Membru jew mill-Unjoni fir-rigward, skont il-każ, tad-dritt nazzjonali ta' dan l-Istat jew inkella tad-dritt tal-Unjoni. Minħabba din l-esklużjoni ta' ġurisdizzjoni, jista' jitqies li t-Tribunal ma huwiex ser jirfes fuq il-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali u tal-Unjoni fil-qasam tal-istħarriġ tal-legalità tal-atti legali li jagħmlu parti mill-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri u mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni [108].

124. B'hekk, għalkemm huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li s-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni hija "ġabra kompluta ta' rimedji u proċeduri intiżi sabiex jiġi żgurat l-istħarriġ tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet" [109], il-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim introdott miċ-CETA ma jippreġudikax din is-sistema sa fejn ma huwiex intiż li jistħarreġ il-legalità tal-atti tal-Unjoni. Dan

106 Fir-rigward tal-espansjoni, tal-kondotta, tal-operazzjoni, tal-ġestjoni, tal-manutenzjoni, tal-użu, tat-tgawdija, u tal-bejgħ jew tad-disponiment tal-investiment kopert, u bla ħsara għal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8.18(2) taċ-CETA.

107 Hawnhekk qiegħed nirreferi għan-normi tad-dritt tal-Unjoni li ma humiex dawk inklużi fiċ-CETA, sa fejn, kif diġà indikajt, mill-mument li jidħol fis-seħħ, dan il-ftehim ser isir awtomatikament parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, li ser ikun jagħmel parti minnu bħas-sorsi normattivi l-oħra tal-Unjoni.

108 Ara, b'kuntrast, l-Opinjoni 1/09, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Qorti għall-privattivi Ewropej u għall-privattivi Komunitarji setgħet tkun meħtieġa teżamina l-validità ta' att tal-Unjoni (punt 78).

109 Ara, b'mod partikolari, l-Opinjoni 1/09 (punt 70 u l-ġurisprudenza ċċitata). Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li "[l]-istħarriġ tal-legalità tal-atti tal-Unjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura skont it-trattati huwa bbażat [...] fuq żewġ proċeduri ġudizzjarji kumplimentari. Fil-fatt, it-Trattat FUE, minn naħa, fl-Artikoli 263 u 277 tiegħu u, min-naħa l-oħra, fl-Artikolu 267 tiegħu, jistabbilixxi sistema sħiħa ta' rimedji u ta' proċeduri maħsuba sabiex jiġi żgurat l-istħarriġ tal-legalità tal-atti tal-Unjoni, billi ħallih fir-responsabbiltà tal-qorti tal-Unjoni" (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

il-mekkaniżmu huwa intiż biss li jistħarreġ il-kompatibbiltà tal-atti adottati mill-Partijiet Kontraenti mad-dispożizzjonijiet rilevanti taċ-CETA, bil-għan li l-investituri leżi jingħataw kumpens fil-każ li tiġi kkonstatata inkompatibbiltà. Għaldaqstant, il-monopolju tal-funzjoni tal-istħarriġ tal-legalità tal-atti tal-Unjoni, irrikonoxxut lill-qrati tal-Unjoni mit-Trattati, ma huwiex ser jintmiss.

125. Meta jeżerċita l-ġurisdizzjoni tiegħu sabiex jiddeċiedi dwar il-konformità maċ-CETA ta' miżura adottata minn waħda mill-Partijiet Kontraenti, it-Tribunal taċ-CETA ma għandux is-setgħa, kif jirriżulta mill-Artikolu 8.39(1) taċ-CETA, li jagħti deċiżjoni dwar l-annullament ta' miżura li jqis li hija kuntrarja għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA, u lanqas ma għandu s-setgħa jeżiġi li din titqiegħed inkonformità magħhom[110]. Skont din id-dispożizzjoni, it-Tribunal taċ-CETA jista' jagħti biss il-ħlas ta' danni pekunjarji jew, bil-kunsens tal-konvenut, ir-restitutzzjoni tal-beni li jkunu ttieħdu mill-pussess ta' investitur[111]. B'hekk, is-SĠI tagħmel parti mil-linja tal-kawżi tal-arbitraġġ dwar l-investimenti, li huma qabel kollox kawżi dwar kumpens.

126. Kif osserva ġustament il-Gvern Franċiż, ma huwiex ser ikun il-kompitu tat-Tribunal taċ-CETA li jaqta' t-tilwim bejn żewġ partijiet li kull waħda minnhom ikollha pożizzjoni differenti dwar il-validità jew l-interpretazzjoni ta' att tad-dritt tal-Unjoni u lanqas, *a fortiori*, li jiddeċiedi dwar l-annullament jew li jirrakkomanda t-tqegħid inkonformità ta' tali att. Għall-kuntrarju, it-Tribunal taċ-CETA ser ikollu biss is-setgħa li jivverifika jekk applikazzjoni partikolari tad-dritt tal-Unjoni hijiex konformi maċ-CETA, bl-istess mod bħalma d-DSB jivverifika biss jekk applikazzjoni partikolari tad-dritt tal-Unjoni hijiex konformi mal-Ftehimiet tal-WTO.

127. B'hekk, għandu jiġi enfasizzat, fid-dawl tal-garanziji li jippermettu li jiġi eskluż ksur tal-prinċipju ta' awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, li l-effetti li d-deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal taċ-CETA jistgħu jipproduċu huma limitati. Ngħid ukoll li, f'dan id-dawl, mill-Artikolu 8.41(1) taċ-CETA jirriżulta li dawn id-deċiżjonijiet għandhom ikunu vinkolanti "bejn il-partijiet fil-kawża u fir-rigward ta' dak il-każ partikolari".

128. Fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' din il-ġurisdizzjoni ristretta b'dan il-mod, il-limiti tal-marġni ta' interpretazzjoni li għandu t-Tribunal taċ-CETA huma wkoll iddefiniti.

129. Fir-rigward tad-dritt intern ta' kull Parti Kontraenti, l-Artikolu 8.31(2) taċ-CETA jispeċifika, fil-fatt, li "[g]ħal aktar ċertezza, fid-determinazzjoni tal-konsistenza ta' miżura ma' dan il-Ftehim, it-Tribunal jista' jikkunsidra, kif xieraq, il-liġi domestika ta' Parti bħala kwistjoni ta' fatt". Din id-dispożizzjoni turi l-approċċ meħud mill-Partijiet Kontraenti, fis-sens li t-Tribunal taċ-CETA għandu jinterpreta bl-inqas mod possibbli d-dritt intern ta' kull waħda mill-Partijiet, u għandu jieħdu inkunsiderazzjoni kif ikun.

130. Dwar dan il-punt, għandu jiġi enfasizzat li, fil-fehma tiegħi, huwa kompletament neċessarju li t-Tribunal taċ-CETA jkollu l-awtorità "jikkunsidra" d-dritt intern ta' kull Parti Kontraenti. Fil-fatt, il-proċess li jinstab bilanċ ġdid bejn l-interessi privati tal-investituri u l-interessi pubbliċi difiżi mill-Partijiet Kontraenti jagħmel parti mil-loġika wara l-ftehimiet il-ġodda dwar kummerċ ħieles innegozjati mill-Unjoni u, b'mod iktar preċiż, wara d-dispożizzjonijiet tagħhom fil-qasam tal-investimenti internazzjonali. Dan jimplika li l-Partijiet Kontraenti jistgħu jinvokaw quddiem it-Tribunal ir-regoli interni tagħhom meta dawn jipprevedu l-protezzjoni ta' interess pubbliku, sabiex jiġġustifikaw il-miżura jew l-aġir li bihom ikunu akkużati. Li kieku t-Tribunal ma jkunx jista' jieħu inkunsiderazzjoni r-regoli li jinsabu fid-dritt intern tal-Partijiet Kontraenti, ikun impossibbli għalih li jikkunsidra għanijiet leġittimi ta' interess pubbliku.

110 Ara, b'differenza, l-Opinjoni 2/13 (punt 22), li tiddeskrivi l-firxa tal-miżuri li l-Partijiet Kontraenti huma obbligati jieħdu sabiex jikkonformaw ruħhom mad-deċiżjonijiet definittivi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-tilwim li fih ikunu partijiet, fosthom l-emenda tad-dritt intern tagħhom.

111 Anki fit-tieni każ, il-konvenut għandu jkollu l-possibbiltà li, minflok jirrestitwixxi l-beni, iħallas kumpens korrispondenti.

131. Fuq il-bilanċ li għalhekk huwa espress fiċ-CETA, il-punt 6(a) tal-Istrument Interpretattiv Konġunt jindika li dan il-ftehim "jinkludi regoli moderni dwar l-investiment li jżommu d-dritt tal-gvernijiet li jirregolaw fl-interess pubbliku inkluż meta dawn ir-regolamenti jaffettwaw investiment barrani, filwaqt li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni għall-investimenti u jipprevedu soluzzjoni ġusta u trasparenti għat-tilwim". Il-punt 6(b) tal-Istrument Interpretattiv Konġunt iżid li ċ-"CETA jiċċara li l-gvernijiet jistgħu jbiddlu l-liġijiet tagħhom, irrispettivament minn jekk dan jolqotx ħażin lil xi investiment jew l-istennijiet ta' profitt li jaf ikollu l-investitur" [112].

132. Din l-idea hija mmaterjalizzata fl-Artikolu 8.9 taċ-CETA, intitolat "Miżuri ta' investiment u regolatorji", li, fil-paragrafu 1 tiegħu, jipprovdi li, "[g]ħall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid id-dritt ta' regolamentazzjoni fit-territorji tagħhom sabiex jiksbu objettivi leġittimi ta' politika, bħall-protezzjoni tas-saħħa pubblika, tas-sikurezza, tal-ambjent jew tal-morali pubbliċi, il-protezzjoni soċjali jew tal-konsumatur jew il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali". L-Artikolu 8.9(2) ta' dan il-ftehim jindika li "[g]ħal aktar ċertezza, il-fatt biss li Parti tirregola, inkluż permezz tal-modifika tal-liġijiet tagħha, b'mod li jkollu impatt negattiv fuq investiment jew jinterferixxi mal-aspettattivi ta' investitur, inkluż l-aspettattivi ta' profitt, ma jammontax għal ksur ta' obbligu taħt din it-Taqsima".

133. Dawn id-dispożizzjonijiet huma xhieda ta' bilanċ bejn l-interessi ekonomiċi tal-investituri u d-dritt sovran tal-Istati li jadottaw miżuri regolatorji fl-interess pubbliku. B'hekk, ir-rekwiżit imperattiv ekonomiku tal-promozzjoni u tal-protezzjoni tal-investimenti huwa bbilanċjat mal-protezzjoni ta' għanijiet ta' interess pubbliku.

134. Madankollu, il-fatt li jieħu inkunsiderazzjoni d-dritt intern tal-Partijiet Kontraenti ma għandux iwassal lit-Tribunal taċ-CETA sabiex jemendah. Huwa għandu jieħdu inkunsiderazzjoni hekk kif jeżisti. Dan huwa dak li tfisser ir-regola li, meta t-Tribunal jieħu inkunsiderazzjoni d-dritt intern ta' Parti, huwa jista' jagħmel dan biss bħala "kwistjoni ta' fatt". Għandu jiġi enfasizzat, f'dan ir-rigward, li l-qrati internazzjonali li għandhom jeżaminaw jekk Stat osservax l-obbligi li joħorġu minn trattat internazzjonali u li, għal dan il-għan, għandhom jeżaminaw id-dritt ta' dan l-Istat, tradizzjonalment jikkunsidraw it-tifsira li għandha tingħata lil dan id-dritt nazzjonali bħala punt ta' fatt [113].

135. B'hekk, huwa bħala elementi ta' fatt li t-Tribunal taċ-CETA jista' jieħu inkunsiderazzjoni n-normi li jagħmlu parti mid-dritt intern tal-Partijiet Kontraenti sabiex jiddeċiedi dwar il-konformità ma' dan il-ftehim tal-aġir jew tal-miżura li jkunu s-suġġett tat-tilwima [114].

112 Ara wkoll il-punt 2 tal-Istrument Interpretattiv Konġunt, li jindika li ċ-"CETA jippreserva l-abbiltà tal-[Unjoni] u l-Istati Membri tagħha u l-Kanada li jadottaw u japplikaw il-liġijiet u r-regolamenti tagħhom stess li jirregolaw l-attività ekonomika fl-interess pubbliku, biex jintlaħqu għanijiet leġittimi tal-politika pubblika [...]".

113 It-teorija li d-dritt Statali huwa biss fatt f'għajnejn id-dritt internazzjonali toħroġ mill-ġurisprudenza internazzjonali. B'hekk, skont l-espressjoni użata mil-Qorti Permanenti tal-Ġustizzja Internazzjonali, "[f]'għajnejn id-dritt internazzjonali u f'għajnejn il-Qorti li hija korp irregolat mid-dritt internazzjonali, il-liġijiet nazzjonali huma sempliċi fatti, manifestazzjonijiet tar-rieda u tal-attività tal-Istati, l-istess bħalma huma d-deċiżjonijiet ġudizzjarji jew il-miżuri amministrattivi" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (sentenza tal-25 ta' Mejju 1926, Kawża dwar ċerti interessi Ġermaniżi fis-Silezja Pollakka ta' Fuq (mertu), CPJI, Serje A, Nru 7, p. 19). Ara, f'dan ir-rigward, Santulli, C., *Le statut international de l'ordre juridique étatique* – Étude du traitement du droit interne par le droit international, Edizzjonijiet Pedone, Pariġi, 2001, p. 259 *et seq.* Ara wkoll, għal tfakkira ta' dan il-prinċipju fil-ġurisprudenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, Kawża dwar tilwim dwar il-fruntiera (Il-Benin vs In-Niġer) (Ġabra tal-2005 tal-QIĠ, p. 90, punt 28).

114 Ara, f'dan ir-rigward, Nouvel, Y., Commentaire de l'arrêt Achmea, *Journal du Droit International (Clunet)*, LexisNexis, Pariġi, Nru 3, Lulju 2018, kummentarju 14, p. 903, li jgħid li, skont l-Artikolu 8.31(2) taċ-CETA, "l-għoti ta' deċiżjoni dwar il-mertu tad-dritt tal-Unjoni – fi kliem ieħor, li d-dispożizzjoni legali tingħata l-konsegwenza marbuta magħha bis-saħħa tagħha – jikkostitwixxi missjoni li ma hijiex il-missjoni tat-Tribunal; għall-kuntrarju, it-teħid inkunsiderazzjoni tar-regoli tad-dritt Ewropew bħala element fattwali huwa kompitu li l-arbitri jistgħu jwettqu sa fejn dan ikun rilevanti. Meta jwettaq il-funzjoni ġudizzjarja tiegħu, it-Tribunal ta' arbitraġġ jista' jkollu jieħu konoxxenza ta' stat tad-dritt Ewropew li għalhekk jagħmel parti mill-fatti tal-kawża u li l-kontenut tiegħu jkollu jiġi stabbilit bħala element sostantiv rilevanti". [traduzzjoni libera]

136. Barra minn hekk, hemm limitazzjoni oħra, prevista fl-Artikolu 8.31(2) tal-ftehim maħsub, sabiex jiġi evitat li t-Tribunal taċ-CETA jassumi rwol kreattiv fir-rigward tad-dritt intern. Fil-fatt, meta jieħu inkunsiderazzjoni d-dritt intern ta' Parti bħala punt ta' fatt, it-Tribunal huwa marbut isegwi "l-interpretazzjoni prevalenti mogħtija lil-liġi domestika mill-qrati jew l-awtoritajiet tal-Parti u kwalunkwe tifsira mogħtija lil-liġi domestika mit-Tribunal għandha tkun [ma għandhiex tkun] vinkolanti fuq il-qrati jew l-awtoritajiet ta' dik il-Parti". Għaldaqstant, it-Tribunal taċ-CETA ma jistax jagħti interpretazzjonijiet vinkolanti tad-dritt tal-Unjoni.

137. B'hekk, għalkemm huwa minnu li jista' jkun il-każ li, sabiex iwettaq l-istħarriġ tiegħu, it-Tribunal ikollu jagħti ċerta interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, pereżempju jekk ikollu jiddelimita l-portata tal-aġir inkwistjoni, it-Tribunal taċ-CETA huwa madankollu marbut, skont l-Artikolu 8.31(2) taċ-CETA, li jsegwi l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun, jekk ikun il-każ, tat lid-dritt tal-Unjoni, li bl-ebda mod u fl-ebda każ ma tkun marbuta mit-tifsira li t-Tribunal taċ-CETA jista' jagħti lid-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, eventwali interpretazzjoni tad-dritt intern mit-Tribunal taċ-CETA ma hijiex ser ikollha l-effett li torbot lill-awtoritajiet u lill-qrati tal-Parti Kontraenti inkwistjoni.

138. Mill-kunsderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-Tribunal taċ-CETA huwa marbut mill-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, li huwa obbligat li jsegwi skont l-Artikolu 8.31(2) taċ-CETA, filwaqt li la l-Qorti tal-Ġustizzja, la l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, la l-qrati nazzjonali u lanqas l-awtoritajiet nazzjonali ma huma marbuta mill-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula minn dan it-Tribunal.

139. Għaldaqstant, l-Artikolu 8.31(2) taċ-CETA jiggarantixxi li jista' jkun hemm interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mit-Tribunal taċ-CETA fil-każ biss li ma jkun hemm ebda indikazzjoni f'dan ir-rigward fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u li, meta tingħata tali interpretazzjoni minn dan it-Tribunal, din tingħata biss għall-finijiet li tinqata' t-tilwima li jkun hemm quddiemu u la tkun torbot lill-awtoritajiet u lanqas lill-qrati tal-Unjoni.

140. B'hekk, l-Artikolu 8.31(2) taċ-CETA jinkludi biżżejjed garanziji sabiex it-Tribunal taċ-CETA jiġi prekluż milli jkun jista' jimponi interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fi ħdan l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-funzjonijiet essenzjali tal-Qorti tal-Ġustizzja ma humiex affettwati. B'mod partikolari, il-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim introdott permezz tat-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA ma jaffettwax il-funzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tinterpreta fl-aħħar lok u b'mod vinkolanti d-dritt tal-Unjoni.

141. Din id-dispożizzjoni hija riflessjoni ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li l-korpi vestiti b'setgħat deċiżjonali fil-kuntest ta' ftehim konkluż mill-Unjoni ma għandhomx ikunu jistgħu "jimpon[u] fuq l-Unjoni u fuq l-istituzzjonijiet tagħha, fl-eżerċizzju tas-setgħat interni tagħhom, interpretazzjoni partikolari tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni" [115].

142. Huwa minnu li, fl-Opinjoni 2/13 tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li "l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, inkluż tad-dritt idderivat, teżiġi, bħala prinċipju, deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja meta din id-dispożizzjoni tkun tista' tiġi interpretata b'diversi modi plawżibbli" [116]. Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx tista' tipprovdi *l-interpretazzjoni definittiva* tad-dritt idderivat u jekk il-Qorti [Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem], fl-eżami tagħha tal-konformità ta' dan id-dritt mal-KEDB, tipprovdi hija stess interpretazzjoni partikolari minn fost dawk li jkunu plawżibbli, *il-prinċipju ta' ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja*

115 Ara, b'mod partikolari, l-Opinjoni 2/13 (punt 184 u l-ġurisprudenza ċċitata).

116 Ara l-Opinjoni 2/13 (punt 245).

*fl-interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni* jkun ċertament miksur”[117]. Madankollu, dan il-prinċipju ma jkunx miksur sa fejn, sakemm tkun possibbli u effettivament implimentata mit-Tribunal taċ-CETA, l-interpretazzjoni tiegħu tad-dritt tal-Unjoni ma jkollhiex effett vinkolanti fuq l-awtoritajiet u l-qrati tal-Unjoni.

143. Dan ma jiddaħħalx inkwistjoni mill-konstatazzjoni li, kif diġà indikajt, skont l-Artikolu 8.41(1) taċ-CETA, deċiżjoni tat-Tribunal tac-CETA ser tkun vinkolanti għall-partijiet fit-tilwima u fir-rigward tal-każ inkwistjoni. Fil-każ li t-Tribunal taċ-CETA jkollu jagħti huwa stess interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, f’sitwazzjoni fejn ma jkun hemm ebda interpretazzjoni li seta’ jieħu inkunsiderazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja żżomm il-ġurisdizzjoni tagħha li tagħti interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni. Id-deċiżjoni tat-Tribunal taċ-CETA tkun vinkolanti biss għall-partijiet fit-tilwima u fir-rigward tal-każ inkwistjoni. B’hekk, jekk jidhrilha li interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mit-Tribunal taċ-CETA hija inkorretta, il-Qorti tal-Ġustizzja tista’, mingħajr ma twassal għal ksur mill-Unjoni tal-obbligi internazzjonali tagħha, tinjora tali interpretazzjoni u tħaddan dik li fil-fehma tagħha tkun l-iktar adegwata.

144. Barra minn hekk, il-marġni interpretattiv tat-Tribunal huwa ristrett mill-possibbiltà tal-Partijiet Kontraenti li “joħorġu noti ta’ interpretazzjoni li jorbtu legalment” u li jkunu intiżi li “jevitaw u jikkoreġu kull interpretazzjoni żbaljata tas-CETA mit-Tribunali”[118].

145. B’hekk, l-Artikolu 8.31(3) taċ-CETA jipprevedi li, “[m]eta jirriżultaw dubji serji rigward kwistjonijiet ta’ interpretazzjoni li jista’ jkollhom impatt fuq l-investiment, il-Kumitat tas-Servizzi u l-Investiment jista’, skont l-Artikolu 8.44.3(a), jirrakkomanda lill-Kumitat Konġunt CETA l-adozzjoni ta’ interpretazzjonijiet ta’ dan il-Ftehim. Interpretazzjoni adottata mill-Kumitat Konġunt CETA għandha tkun vinkolanti fuq it-Tribunal stabbilit taħt din it-Taqsima. Il-Kumitat Konġunt CETA jista’ jiddeċiedi li interpretazzjoni jkollha effett vinkolanti minn data speċifika”[119].

146. Għandu jiġi speċifikat ukoll li, konformement mal-Artikolu 26.3(3) taċ-CETA, “[i]l-Kumitat Konġunt CETA għandu jieħu d-deċiżjonijiet u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu b’kunsens reċiproku”. B’analoġija ma’ dak li l-Qorti tal-Ġustizzja indikat fl-Opinjoni 1/00 tagħha, tali mod ta’ deċiżjoni jikkostitwixxi garanzija, għall-Unjoni, li ma hijiex ser tiġi imposta fuqha, fir-relazzjonijiet tagħha mal-Istati Membri jew maċ-ċittadini ta’ dawn tal-aħħar, interpretazzjoni kuntrarja għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[120]. Nindika wkoll li t-test taċ-CETA ma jipprekludix li l-pożizzjoni adottata mill-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tista’ tkun suġġetta, jekk ikun il-każ, għall-Qorti tal-Ġustizzja permezz tar-rimedji previsti fit-Trattat FUE[121].

147. Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li, skont l-Artikolu 8.28(1) taċ-CETA, “Tribunal tal-Appell huwa b’dan stabbilit biex janalizza d-deċiżjonijiet ta’ arbitraġġ li jsiru skont din it-Taqsima”. Konformement mal-Artikolu 8.28(7) taċ-CETA, il-Kumitat Konġunt CETA għandu jadotta “deċiżjoni li tistabbilixxi l-kwistjonijiet amministrattivi u organizzattivi […] fir-rigward tal-funzjonament tat-Tribunal tal-Appell”, dwar il-punti elenkati f’din l-istess dispożizzjoni.

148. L-eżistenza stess tat-Tribunal tal-Appell hija garanzija addizzjonali li, meta tittieħed deċiżjoni fil-kuntest tal-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta’ tilwim previst fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA, id-dritt tal-Unjoni, meħud inkunsiderazzjoni bħala punt ta’ fatt, ma huwiex ser jingħata tifsira żbaljata. Fil-fatt, konformement mal-Artikolu 8.28(2)(b) taċ-CETA, it-Tribunal tal-Appell ser

117 Ara l-Opinjoni 2/13 (punt 246, enfasi miżjuda minni).

118 Ara l-punt 6(e) tal-Istrument Interpretattiv Konġunt.

119 Ara wkoll l-Artikolu 26.1(5)(e) taċ-CETA li jipprevedi li l-Kumitat Konġunt CETA jista’ “jadotta interpretazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim, li għandhom ikunu vinkolanti fuq it-tribunali stabbiliti fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja (Soluzzjoni ta’ Tilwim bejn l-investituri u l-Istati) u l-Kapitolu Disgħa u Għoxrin (Soluzzjoni ta’ Tilwim)”. Konformement mal-Artikolu 26.1(1) taċ-CETA, il-Kumitat Konġunt CETA huwa kompost minn rappreżentanti tal-Unjoni u minn rappreżentanti tal-Kanada.

120 Ara l-Opinjoni 1/00 (punt 40).

121 Ara, b’analoġija, l-Opinjoni 1/00 (punt 39).

ikun jista' jibdel jew jannulla deċiżjoni tat-Tribunal taċ-CETA anki fuq il-bażi ta' "żbalji evidenti fl-evalwazzjoni tal-fatti, inkluża l-evalwazzjoni tal-liġi domestika rilevanti". Dan ifisser li, fir-rigward tat-tifsira li għandha tingħata lid-dritt tal-Unjoni, eventwali żball mit-Tribunal taċ-CETA jkun għadu jista' jiġi kkoreġut fil-kuntest tal-istħarriġ tad-deċiżjonijiet tiegħu mit-Tribunal tal-Appell.

149. Skont l-Artikolu 8.28(2)(b) taċ-CETA, l-appellant li jikkontesta l-evalwazzjoni tad-dritt intern rilevanti li saret mit-Tribunal ikollu għalhekk jistabbilixxi, sabiex jissodisfa r-rekwiżit li juri li kien hemm żball manifest, li t-Tribunal għamel kunsiderazzjonijiet li b'mod manifest imorru kontra l-kontenut tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern inkwistjoni jew inkella ta lil dan tal-aħħar portata li manifestament ma għandux.

150. Ir-restrizzjoni tal-istħarriġ, fl-istadju tal-appell, għall-iżbalji manifesti fl-evalwazzjoni tal-fatti hija konsistenti mal-idea li t-Tribunal għandu jinterpreta bl-inqas mod possibbli d-dritt intern tal-Partijiet Kontraenti. Għaldaqstant, għandu jiġi evitat, kemm fl-ewwel istanza u kemm fl-appell, li d-dibattitu kontenzjuż jiffoka fuq it-tifsira ta' dan id-dritt intern.

151. Għandu jingħad li dan l-istħarriġ fl-istadju tal-appell, kif previst fl-Artikolu 8.28(2)(b) taċ-CETA, jikkorrispondi għall-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-appell. F'dan ir-rigward, infakkar li, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, "il-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti, fil-kuntest tal-appell, biss sabiex tivverifika jekk kienx hemm żnaturament tad-dritt nazzjonali, li għandu jidher b'mod manifest mill-atti tal-proċess" [122].

152. Madankollu, l-istħarriġ tat-Tribunal tal-Appell limitat għall-iżball manifest għandu jitwettaq biss fil-każ, li wieħed jista' jqis li huwa relattivament rari, li, fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, ma jkun hemm ebda element li jippermetti li tiġi kkjarifikata t-tifsira li għandha tingħata lil dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

153. Għall-kuntrarju, jekk jintwera li t-Tribunal taċ-CETA ma mexiex ma' interpretazzjoni eżistenti tad-dritt tal-Unjoni, l-evalwazzjoni tiegħu tkun tista', fil-fehma tiegħi, tiġi ssanzjonata billi jintwera żball sempliċi ta' liġi, skont l-Artikolu 8.28(2)(a) taċ-CETA, sa fejn f'tali każ ikun jista' jintwera li dan it-Tribunal kiser l-Artikolu 8.31(2) taċ-CETA, li jistabbilixxu l-limiti tal-ġurisdizzjoni tiegħu.

154. Fil-fatt, kif diġà indikajt, mill-Artikolu 8.31(2) taċ-CETA jirriżulta li t-Tribunal huwa meħtieġ, meta jieħu inkunsiderazzjoni d-dritt intern ta' Parti bħala punt ta' fatt, isegwi l-interpretazzjoni dominanti mogħtija lid-dritt intern mill-qrati jew mill-awtoritajiet ta' din il-Parti. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, ikun jikkostitwixxi żball fl-applikazzjoni tad-dritt applikabbli, fis-sens tal-Artikolu 8.28(2)(a) taċ-CETA, il-ksur tal-Artikolu 8.31(2) ta' dan il-ftehim, li jista' jiġi kkonstatat jekk it-Tribunal jiżviluppa interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li hija partikolari għalih, mingħajr ma jieħu inkunsiderazzjoni l-interpretazzjoni ta' dan id-dritt applikata mill-istituzzjonijiet jew mill-qrati tal-Unjoni, meta din id-dispożizzjoni tal-aħħar tobbligah jibbaża ruħu fuq l-interpretazzjoni dominanti tad-dritt tal-Unjoni. Fi kliem ieħor, il-ksur ta' dan l-obbligu jkun jikkostitwixxi żball ta' liġi li, sabiex jiġi stabbilit, ma jeħtieġx il-konstatazzjoni ta' natura manifesta, fis-sens tal-Artikolu 8.28(2)(b) taċ-CETA.

155. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-Tribunal taċ-CETA għandu ġurisdizzjoni sabiex jinterpreta u jimplimenta ċ-CETA u li, minħabba li l-limiti ta' din il-ġurisdizzjoni huma stabbiliti b'mod preċiż, huwa ma jistax jippreġudika l-għan ta' unità ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew il-funzjoni ta' stħarriġ tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet li għalihom huma responsabbli l-qrati tal-Unjoni.

122 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-81/16 P, EU:C:2017:1003, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

156. Fid-dawl tal-garanziji li magħhom hija marbuta l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim previst fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA, inqis li l-Unjoni tinsab f'pożizzjoni li tissuġġetta ruħha għal stħarriġ estern li l-għan tiegħu jkun l-osservanza tal-istandards ta' protezzjoni tal-investimenti previsti f'dan il-ftehim, mingħajr ma tiġi ppreġudikata l-awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

157. Barra minn hekk, kif osservaw diversi intervenjenti f'din il-proċedura, għandu jiġi enfasizzat li ċ-CETA la jista' jitqabbel mal-abbozz ta' ftehim dwar il-ħolqien taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), fil-verżjoni tiegħu inkwistjoni fl-Opinjoni 1/91 (Ftehim ŻEE– I), tal-14 ta' Diċembru 1991[123], u lanqas mal-abbozz ta' ftehim dwar il-ħolqien ta' żona tal-ajru Ewropea komuni (Ftehim ECAA) inkwistjoni fl-Opinjoni 1/00[124]. Fil-fatt, it-Taqsimiet C u D tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA la għandhom l-għan u lanqas l-effett li jestendu l-*acquis* tal-Unjoni għall-Kanada billi jirriproduċu dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Għalkemm huwa minnu li hemm elementi sostantivi li jikkoinċidu mal-protezzjoni tal-investimenti prevista fid-dritt intern tal-Unjoni, ir-regoli li jinsabu fit-Taqsimiet C u D tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA ma jistgħux jitqiesu li huma "identiċi". Dawn ir-regoli jirriflettu l-istandards abitwali fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali tal-investimenti, filwaqt li jispeċifkawhom u jsaħħuhom. Barra minn hekk, iċ-CETA lanqas ma jinkludi l-obbligu li tiġi ggarantita interpretazzjoni uniformi tan-normi ta' protezzjoni inklużi fih u ta' dawk li jinsabu fid-dritt intern tal-Partijiet[125]. Minn din il-perspettiva, ma hemmx riskju li l-interpretazzjoni tat-Taqsimiet C u D tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA mit-Tribunal ikollha riperkussjonijiet fuq l-interpretazzjoni tad-dritt intern tal-Unjoni, riperkussjonijiet li, fl-Opinjoni 1/91 tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li huma inkompatibbli mal-prinċipju ta' awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni[126].

158. Fi kwalunke każ, il-punt importanti huwa li, fid-dawl tal-garanziji li elenkajt fil-kunsiderazzjonijiet preċedenti tiegħi, il-mekkaniżmu introdott permezz taċ-CETA ma għandux l-effett, lanqas fir-rigward tan-normi ta' protezzjoni li jkunu essenzjalment identiċi, li jimponi fuq l-Unjoni u fuq l-istituzzjonijiet tagħha, fl-eżerċizzju tal-kompetenza interna tagħhom, interpretazzjoni partikolari tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jkunu espressi b'mod ekwivalenti f'dan il-ftehim, u dan sa fejn kull kategorija ta' normi hija formalment distinta u tista' żżomm l-interpretazzjoni partikolari tagħha[127].

159. Għandha ssir distinzjoni wkoll bejn id-dispożizzjonijiet taċ-CETA dwar it-Tribunal taċ-CETA u dawk tal-abbozz ta' ftehim dwar l-adeżjoni tal-Unjoni mal-KEDB, li kien is-suġġett tal-Opinjoni 2/13. F'din l-opinjoni tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat diversi raġunijiet li kienu jiżvelaw ksur tal-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni, inkluż b'mod partikolari l-fatt li l-ftehim maħsub seta' jaffettwa r-relazzjonijiet reċiproċi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, kif ukoll it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

160. Issa, it-Tribunal taċ-CETA ma għandu ebda ġurisdizzjoni sabiex jagħti deċiżjoni dwar ir-relazzjonijiet reċiproċi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u lanqas dwar dawk bejn l-Istati Membri stess jew bejn l-investituri ta' Stat Membru u l-Istati Membri l-oħra. It-Tribunal taċ-CETA huwa differenti mill-qrati li kienu s-suġġett tal-Opinjoni 1/09 u tal-Opinjoni 2/13 sa fejn, li kieku l-ftehim maħsub f'kull waħda minn dawn l-opinjonijiet kien konkluż mill-Unjoni, kemm il-Qorti

123 EU:C:1991:490 (punti 4 u 5, kif ukoll punti 41 u 42), iktar 'il quddiem l-"Opinjoni 1/91".

124 Ara l-Opinjoni 1/00 (punt 3).

125 Għall-kuntrarju ta' dak li kien jipprevedi l-abbozz ta' ftehim dwar il-ħolqien taż-ŻEE, inkwistjoni fl-Opinjoni 1/91 (punti 8, 9 u 43). Ara wkoll, fir-rigward tal-Ftehim ECAA, l-Opinjoni 1/00 (punti 4, 5 u 10).

126 F'dan ir-rigward, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment iddeċidiet li ftehim li jipprevedi l-ġurisdizzjoni ta' qorti oħra li ma tkunx il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tinterpreta u tapplika d-dispożizzjonijiet tiegħu, meta dan il-ftehim jirriproduċi parti essenzjali tar-regoli, inklużi dawk tad-dritt sekondarju, li jirregolaw ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali fi ħdan l-Unjoni u li jikkostitwixxu, fil-parti l-kbira tagħhom, dispożizzjonijiet fundamentali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, b'tali mod li jintroduċi fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni grupp sħiħ ta' regoli legali li jikkoinċidi ma' grupp ta' regoli tal-Unjoni li l-formulazzjoni tagħhom hija identika, kien jippreġudika l-awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (ara l-Opinjoni 1/91, punti 41 u 42).

127 Ara l-Opinjoni 1/00 (punt 41).

għall-privattivi Ewropej u għall-privattivi Komunitarji u kemm il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kien ikollhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu tilwim intern għall-Unjoni. Dan ma huwiex il-każ tat-Tribunal taċ-CETA, li jista' jieħu konjizzjoni biss ta' tilwim bejn l-investituri ta' Parti Kontraenti u l-Parti Kontraenti l-oħra.

161. Barra minn hekk, it-Tribunal taċ-CETA ma huwiex ser ikollu jiddeċiedi dwar it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Fil-fatt, fl-Artikolu 8.21 tiegħu, iċ-CETA jipprevedi modalitajiet awtomatiċi għad-determinazzjoni tal-konvenut fil-kuntest ta' proċedura miftuħa minn investitur Kanadiż, u dan bla ħsara għar-Regolament (UE) Nru 912/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi qafas għall-ġestjoni tar-responsabbiltà finanzjarja marbuta mat-tribunali għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat stabbiliti permezz ta' ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Unjoni Ewropea hija Parti [128]. B'hekk, l-Artikolu 8.21(1) taċ-CETA jipprevedi, fil-każ ta' allegat ksur ta' dan il-ftehim mill-Unjoni jew minn Stat Membru, li investitur li jkollu l-intenzjoni jippreżenta lment skont l-Artikolu 8.23 tal-imsemmi ftehim għandu jibgħat "lill-[Unjoni] avviż formali li jitlob determinazzjoni mill-konvenut [tal-konvenut]". L-Unjoni għalhekk tiddetermina jekk hijiex hija stess jew wieħed mill-Istati Membri tagħha li għandhom jaġixxu bħala konvenut u għandha tinforma b'dan lill-investitur [129]. Jekk l-investitur ma jkunx informat dwar id-determinazzjoni fil-50 jum wara t-trażmissjoni tal-avviż tiegħu li jitlob tali determinazzjoni, u jekk il-miżuri speċifikati fl-avviż ikunu esklużivament miżuri ta' Stat Membru, dan tal-aħħar għandu jaġixxi bħala konvenut. Fil-każ li l-miżuri speċifikati fl-avviż jinkludu miżuri tal-Unjoni, l-Unjoni għandha taġixxi bħala konvenut [130]. Din id-determinazzjoni, magħmula konformement mal-Artikolu 8.21(3) jew (4) taċ-CETA, torbot lit-Tribunal taċ-CETA [131].

162. Ir-regoli li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk l-Unjoni jew l-Istat Membru kkonċernat għandhomx jaġixxu bħala konvenut jinsabu fir-Regolament Nru 912/2014. Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni huma atti ta' implimentazzjoni. Għaldaqstant, dawn huma atti li jistgħu jkunu suġġetti għal stħarriġ tal-legalità quddiem il-qrati tal-Unjoni. Kif josserva ġustament il-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja għaldaqstant għandha l-aħħar kelma dwar il-kwistjoni ta' min għandu jaġixxi bħala konvenut.

163. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, din il-proċedura hija differenti mill-Opinjoni 2/13, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-modalitajiet ta' funzjonament tal-mekkaniżmu ta' konvenut konġunt previsti fil-ftehim maħsub ma kinux jiggarantixxu ż-żamma tal-karatteristiċi speċifiċi tal-Unjoni u tad-dritt tagħha. Fil-fatt, dawn il-modalitajiet kienu jippreġudikaw il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi dwar it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha [132].

164. B'hekk, sa fejn it-Tribunal taċ-CETA ma għandux is-setgħa, minħabba d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8.21 ta' dan il-ftehim, li jagħti deċiżjoni dwar it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, ma jistax jitqies li dan il-ftehim jippreġudika, minn dan l-aspett, l-awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

128 ĠU 2014, L 257, p. 121.

129 Ara l-Artikolu 8.21(3) taċ-CETA.

130 Ara l-Artikolu 8.21(4) taċ-CETA.

131 Ara l-Artikolu 8.21(7) taċ-CETA.

132 Ara l-Opinjoni 2/13 (punti 215 sa 235). Fuq dan il-punt, iċ-CETA huwa differenti wkoll mill-ftehim li ta lok għall-Opinjoni 1/91 (punti 30 sa 36).

*7. Is-SĠI ma taffettwax il-missjoni tal-qrati nazzjonali li jiżguraw l-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni*

165. It-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA tintroduċi mekkaniżmu li jista' jiġi deskritt bħala "kważi ġudizzjarju", li minn ċerti aspetti baqa' jżomm karatteristiċi tar-regoli applikabbli fil-qasam tal-arbitraġġ dwar l-investimenti u li huwa essenzjalment intiż li jirriżolvi tilwim dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stess tal-ftehim internazzjonali inkwistjoni. Barra minn hekk, sa fejn jikkostitwixxi mod alternattiv ta' riżoluzzjoni ta' tilwim fil-qasam tal-protezzjoni tal-investimenti, li jikkonċerna l-applikazzjoni taċ-CETA, dan il-mekkaniżmu ma jaffettwax il-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istati Membri dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u lanqas ma jaffettwa l-possibbiltà, jew l-obbligu, ta' dawn il-qrati li jagħmlu rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja u l-ġurisdizzjoni ta' din tal-aħħar li tagħti risposti għad-domandi magħmula mill-imsemmija qrati [133].

166. Għalkemm, bħal fil-każ tal-Qorti għall-privattivi Ewropej u għall-privattivi Komunitarji li kienet is-suġġett tal-Opinjoni 1/09, ma jaqax fil-qafas istituzzjonali u ġudizzjarju tal-Unjoni, it-Tribunal ma huwiex qiegħed jingħata, għall-kuntrarju ta' dak li kien il-każ għal din il-qorti fir-rigward ta' numru kbir ta' azzjonijiet imressqa minn individwi fil-qasam tal-privattivi Komunitarji [134], ġurisdizzjoni esklużiva sabiex jiddeċiedi dwar l-azzjonijiet imressqa minn investituri barranin fil-qasam tal-protezzjoni tal-investimenti u lanqas sabiex jinterpreta u japplika d-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam.

167. Kif indikat ġustament il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, it-Tribunal taċ-CETA ma għandux il-missjoni li japplika d-dritt intern tal-Unjoni, iżda li japplika biss id-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim. Iċ-CETA joħloq protezzjonijiet addizzjonali fid-dritt internazzjonali u jipprevedi mekkaniżmu speċifiku li jippermetti lill-investituri tal-Parti l-oħra jinvokaw dawn il-protezzjonijiet. B'dan premess, iċ-CETA ma jillimitax madankollu d-dritt sostantiv li jgawdu l-investituri barranin taħt id-dritt intern tal-Unjoni. Huwa lanqas ma għandu l-effett li jillimita l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jew dik tal-qrati tal-Istati Membri li jisimgħu kawżi mressqa sabiex jiġi żgurat ir-rispett ta' tali drittijiet mogħtija mid-dritt intern tal-Unjoni.

168. B'hekk, l-introduzzjoni tas-SĠI ma tipprekludix lill-investituri barranin milli jfittxu protezzjoni tal-investimenti tagħhom billi jersqu quddiem il-qrati tal-Partijiet Kontraenti sabiex jiġi applikat id-dritt intern ta' dawn il-Partijiet [135]. Infakkar, f'dan ir-rigward, li, fid-dawl tal-assenza ta' effett dirett taċ-CETA, l-investituri barranin ma humiex ser ikunu jistgħu, f'dan il-każ, jinvokaw direttament ksur ta' dan il-ftehim quddiem il-qrati tal-Partijiet Kontraenti, iżda ser ikunu jistgħu jinvokaw biss id-dritt intern ta' dawn il-Partijiet, sa fejn naturalment ikun jinkludi normi ta' protezzjoni adegwati. Minbarra l-fatt li għaldaqstant huma bbażati fuq normi legali ta' referenza differenti, iż-żewġ tipi ta' azzjonijiet ma għandhomx neċessarjament l-istess suġġett. Fil-fatt, għall-kuntrarju ta' dak li jkun il-każ meta lment jitressaq quddiem it-Tribunal taċ-CETA, il-kawżi li bihom ikunu aditi l-qrati interni tal-Partijiet Kontraenti jistgħu jmorru lil hinn minn sempliċi kawżi għal kumpens u jistgħu jitolbu l-annullament ta' miżura li tagħmel parti mid-dritt intern ta' dawn il-Partijiet. Dawn huma, għalhekk, żewġ rimedji legali komplementari li, iżda, ma jiħdux post xulxin.

169. Il-Partijiet Kontraenti pprevedew regoli li jirregolaw l-għażla li għandhom l-investituri barranin.

133 Ara, f'dan ir-rigward, l-Opinjoni 1/09 (punt 77).

134 Opinjoni 1/09 (punt 89).

135 Fl-Opinjoni 2/15 tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tindika, f'dan ir-rigward, li din hija "possibbiltà fid-diskrezzjoni tal-investitur rikorrent" (punt 290).

170. Skont l-Artikolu 8.22 taċ-CETA, intitolat "Rekwiżiti proċedurali u oħrajn biex titressaq pretensjoni quddiem it-Tribunal":

"1. Investitur jista' biss iressaq pretensjoni skont l-Artikolu 8.23 jekk l-investitur:

[…]

(f) jirtira jew iwaqqaf kwalunkwe proċediment eżistenti quddiem tribunal jew qorti skont il-liġi domestika jew internazzjonali fir-rigward ta' miżura li allegatament tkun tikkostitwixxi ksur imsemmi fil-pretensjoni tiegħu; kif ukoll

(g) jirrinunzja d-dritt tiegħu għal kull pretensjoni jew proċediment quddiem tribunal jew qorti skont il-liġi domestika jew internazzjonali fir-rigward ta' miżura li allegatament tkun tikkostitwixxi ksur imsemmi fil-pretensjoni tiegħu."

171. Dawn id-dispożizzjonijiet juru li t-Tribunal taċ-CETA qiegħed jingħata biss ġurisdizzjoni alternattiva. B'hekk, kif speċifikat fil-punt 6(a) tal-Istrument Interpretattiv Konġunt, iċ-"CETA ma jipprivileġġjax ir-rikors għas-[SĠI] stabbilita mill-ftehim. L-investituri jistgħu minflok jagħżlu li jfittxu r-rikors disponibbli fil-qrati domestiċi". Barra minn hekk, l-impossibbiltà li l-ilment jitressaq quddiem it-Tribunal taċ-CETA fl-istess ħin jew inkella wara li tinfetaħ kawża quddiem il-qrati tal-Partijiet Kontraenti jista' jkollha l-effett li tinċentiva lill-investituri sabiex l-ewwel jersqu quddiem dawn il-qrati. B'hekk, minkejja li ma huwiex impost bħala kundizzjoni preliminari għat-tressiq tal-ilment quddiem it-Tribunal taċ-CETA, l-eżawriment tar-rimedji legali interni huwa inkoraġġut minn dawn id-dispożizzjonijiet.

172. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, għandu jitqies li, anki jekk, fl-assenza ta' effett dirett taċ-CETA, ma għandhomx il-missjoni li japplikaw dan il-ftehim, il-qrati tal-Istati Membri ma humiex madankollu mċaħħda mill-istatus tagħhom bħala qrati tad-"dritt komuni" fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, inkluż ir-rwol tagħhom fit-tressiq eventwali ta' rinviji għal deċiżjoni preliminari. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex imċaħħda mill-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tirrispondi, fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, għad-domandi magħmula mill-imsemmija qrati. Għaldaqstant, ma jista' jiġi kkonstatat ebda żnaturament tas-setgħat li t-Trattati jagħtu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-Istati Membri, li huma essenzjali għaż-żamma tan-natura stess tad-dritt tal-Unjoni [136].

*8. Il-konsistenza mal-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni*

173. Jiena tal-fehma li l-eżami tal-kompatibbiltà tat-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA mal-prinċipju ta' awtonomija tad-dritt tal-Unjoni għandu jitwettaq filwaqt li tittieħed debitament inkunsiderazzjoni l-ħtieġa li tinżamm il-kapaċità tal-Unjoni li tikkontribwixxi għat-twettiq tal-prinċipji u tal-għanijiet tal-azzjoni esterna tagħha.

174. Kif indika ġustament il-Gvern Slovakk matul is-seduta, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti lill-prinċipju ta' awtonomija tad-dritt tal-Unjoni kontenut li ma jippermettix biss iż-żamma tal-karatteristiċi speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni, iżda li jippermetti wkoll il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-iżvilupp tad-dritt internazzjonali u ta' ordinament ġuridiku internazzjonali bbażat fuq regoli.

175. Fil-fehma tiegħi, id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Kapitolu Tmienja taċ-CETA jippermettu li jintlaħaq bilanċ bejn iż-żamma tal-istruttura kostituzzjonali speċifika tal-Unjoni u l-iżvilupp tal-azzjoni esterna tagħha.

136 Opinjoni 1/09 (punt 89).

176. Konformement mal-Artikolu 3(5) TUE, "[f]ir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja, l-Unjoni għandha tafferma u tippromwovi l-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-protezzjoni taċ-ċittadini tagħha. Hija għandha tikkontribwixxi […] [għal]l-iżvilupp sostenibbli tal-pjaneta, […] [għall-]kummerċ liberu u ġust, […] kif ukoll għar-rispett sħiħ u għall-iżvilupp tad-dritt internazzjonali […]". Dan l-għan tal-aħħar jimplika loġikament li l-Unjoni għandha tiffavorixxi l-inizjattivi u l-mekkaniżmi ta' stħarriġ li jsaħħu l-effettività tat-trattati internazzjonali li tipparteċipa fihom [137].

177. Konformement mal-Artikolu 21(2) TUE, l-azzjoni tal-Unjoni fuq il-livell internazzjonali għandha tkun intiża li tiżgura "grad għoli ta' koperazzjoni fl-oqsma kollha tar-relazzjonijiet internazzjonali", b'mod partikolari billi tikkonsolida u tappoġġa "l-istat tad-dritt […] u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali" [138], permezz tal-"integrazzjoni tal-pajjiżi kollha fl-ekonomija dinjija, permezz tat-tneħħija progressiva tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali" [139], filwaqt li tikkontribwixxi "sabiex jiġu żviluppati miżuri internazzjonali […] sabiex jiġi assigurat l-iżvilupp sostenibbli" [140] u permezz tal-promozzjoni ta' "sistema internazzjonali bbażata fuq koperazzjoni multilaterali msaħħa u t-tmexxija globali tajba" [141]. Konformement mal-Artikolu 207(1) TFUE, "[i]l-politika kummerċjali komuni għandha titwettaq fil-kuntest tal-prinċipji u l-objettivi ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni".

178. Fil-fehma tiegħi, il-Kapitolu Tmienja taċ-CETA jaqa' kompletament taħt dawn l-għanijiet peress li jikkombina regoli dwar il-protezzjoni tal-investimenti, li jikkontribwixxu għaċ-ċertezza legali tal-investituri kif ukoll għall-iżvilupp tal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-Kanada [142], u mekkaniżmu speċifiku għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bl-affermazzjoni espliċita tad-dritt tal-Partijiet Kontraenti li jadottaw il-leġiżlazzjoni meħtieġa sabiex iwettqu għanijiet leġittimi ta' interess pubbliku, pereżempju fil-qasam tas-saħħa pubblika, tas-sigurtà, tal-ambjent jew tal-protezzjoni soċjali.

### *9. L-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' involviment minn qabel tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-possibbiltà ta' stħarriġ sħiħ tad-deċiżjonijiet mill-qrati tal-Istati Membri ma humiex meħtieġa*

179. Infakkar li r-raġuni wara mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bħal dak previst fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA hija li jiġu żgurati n-newtralità u l-awtonomija tar-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati fil-konfront tas-sistemi ġudizzjarji tal-Partijiet Kontraenti. Skont din il-loġika, wieħed jista' jifhem li dawn il-Partijiet la pprevedew mekkaniżmu ta' involviment minn qabel tal-Qorti tal-Ġustizzja u lanqas li d-deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal ma għandhom ikunu jistgħu jiġu suġġetti sistematikament għal stħarriġ sħiħ mill-qrati tal-imsemmija Partijiet. Il-fatt li tiġi prevista tali konnessjoni mas-sistema ġudizzjarja tal-Partijiet Kontraenti kien jikkontradixxi r-rieda ta' dawn tal-aħħar li joħolqu mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim li preċiżament ma jkunx jagħmel parti mis-sistemi ġudizzjarji tagħhom.

180. Sa fejn huwa ammess li t-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA fiha biżżejjed garanziji sabiex jiġi prekluż li dan il-mekkaniżmu jippreġudika l-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti intepretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni, l-għażla magħmula, f'dan is-sens, mill-Partijiet Kontraenti ma jidhirx, fil-fehma tiegħi, li tista' tiġi kkontestata.

137 Ara, f'dan ir-rigward, De Witte, B., "A selfish Court? The Court of justice and the Design of International Dispute Settlement Beyond the European Union", *The European Court of Justice and external relations law*: constitutional challenges, Hart Publishing, Oxford, 2014, p. 33 sa 46, b'mod partikolari p. 34.

138 Artikolu 21(2)(b) TUE.

139 Artikolu 21(2)(e) TUE.

140 Artikolu 21(2)(f) TUE.

141 Artikolu 21(2)(h) TUE.

142 Ara, f'dan is-sens, l-Opinjoni 2/15 (punt 94).

181. B'dan premess, għandu jiġi osservat li, skont l-għażla tar-regoli ta' arbitraġġ li skonthom jiġi ppreżentat ilment[143], ma huwiex eskluż, b'mod partikolari fil-każ ta' kunflitt mal-ordni pubbliku tal-Istat Membru fejn tintalab l-eżekuzzjoni[144], stħarriġ mill-qrati ta' dan l-Istat[145]. L-eżistenza ta' tali stħarriġ, madankollu, ma tikkundizzjonax, fil-fehma tiegħi, il-kompatibbiltà mal-prinċipju ta' awtonomija tad-dritt tal-Unjoni tal-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati previst fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA.

182. Barra minn hekk, fir-rigward tal-idea, li mhux l-ewwel darba li tqajmet, li f'dan it-tip ta' ftehim jiġi previst mekkaniżmu ta' involviment minn qabel tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ ta' problema dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, kif josservaw ġustament il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni, ir-rekwiżit ta' reċiproċità. Fil-fatt, minbarra l-fatt li tali mekkaniżmu jkun diffiċli, jekk mhux ukoll impossibbli, li jiġi nnegozjat mal-Istati terzi[146], l-Unjoni, fil-każ li dawn jaċċettaw, ikollha tagħti wkoll lill-imsieħba tagħha, minħabba r-reċiproċità li tmexxi r-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom, il-possibbiltà li jipprevedu ġurisdizzjoni preliminari tal-qrati interni tagħhom fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-dritt intern. Mill-perspettiva tal-investituri tal-Unjoni, dan allura jmur kontra r-raġuni wara l-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim, jiġifieri li jkun newtrali u indipendenti mill-qrati interni tal-Parti Kontraenti l-oħra. Dan inaqqas b'mod kunsiderevoli l-interess u l-attrazzjoni ta' tali mekkaniżmu, b'mod partikolari meta l-Unjoni tistabbilixxi relazzjonijiet ma' Stati terzi li l-qrati interni tagħhom ma jissodisfawx, jew inkella jissodisfaw biss parzjalment, il-kriterji ta' imparzjalità, ta' indipendenza u ta' ħeffa, u, fl-aħħar mill-aħħar, ikun ta' natura li jippreġudika l-livell ta' protezzjoni tal-investimenti magħmula f'dawn l-Istati mill-investituri tal-Unjoni.

183. Għaldaqstant, jiena naqbel mal-pożizzjoni meħuda min-negozjaturi taċ-CETA, fejn imxew b'attenzjoni partikolari, fid-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim, sabiex il-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim introdott jinterferixxi bl-inqas mod possibbli fis-sistemi ġudizzjarji tal-Partijiet Kontraenti.

184. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, inqis li l-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati previst fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA ma jippreġudikax l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, ma jaffettwax il-prinċipju ta' ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-interpretazzjoni definittiva tad-dritt tal-Unjoni.

### *B. Fuq il-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament u fuq ir-rekwiżit ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni*

185. F'din il-parti tat-talba għal opinjoni tiegħu, ir-Renju tal-Belġju josserva, l-ewwel nett, li ċ-CETA jipprevedi rimedju ġudizzjarju privileġġat għall-investituri Kanadiżi. Fil-fatt, l-impriżi Kanadiżi li jinvestu fl-Unjoni ser ikunu jistgħu jressqu tilwima jew quddiem qorti interna tal-Unjoni jew quddiem it-Tribunal taċ-CETA, filwaqt li l-impriżi tal-Unjoni li jinvestu fl-Unjoni ma għandhomx din l-għażla.

143 Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 8.23(2) taċ-CETA. Ara wkoll, fir-rigward tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet, l-Artikolu 8.41(3) sa (6) taċ-CETA.

144 Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikolu V tal-Konvenzjoni għar-Rikonoxximent u għall-Eżekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet Arbitrali Barranin, iffirmata fi New York fl-10 ta' Ġunju 1958, li telenka ċertu numru ta' raġunijiet limitati li jippermettu li tiġi rrifjutata l-eżekuzzjoni.

145 Għall-kuntrarju, deċiżjoni mogħtija fil-kuntest tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA tista' tevadi tali stħarriġ ġudizzjarju jekk l-investitur jagħżel il-Konvenzjoni għar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim dwar l-Investimenti bejn Stati u Ċittadini ta' Stati oħra taċ-Ċentru Internazzjonali għar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim dwar l-Investimenti (ĊIRTI), iffirmata f'Washington fit-18 ta' Marzu 1965. Ara, madankollu, għal opinjoni iktar sottili dwar dan il-punt, Jean, G-A., *op. cit.*, punti 1036 *et seq.*

146 Kif indikat ġustament il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, ikun hemm ir-riskju li l-Istati terzi jqisu l-intervent minn qabel tal-Qorti tal-Ġustizzja bħala privileġġ unilaterali li jipperikola n-newtralità tal-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim.

186. Skont ir-Renju tal-Belġju, għandu jiġi eżaminat jekk tali sitwazzjoni hijiex kompatibbli mal-Artikolu 20 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[147], li jipprovdi li "[k]ull persuna hija ugwali f'għajnejn il-liġi", kif ukoll mal-Artikolu 21(2) tal-Karta, li jipprovdi li "[f]il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati u mingħajr preġudizzju għal kull dispożizzjoni speċifika tagħhom, kull diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità hi pprojbita".

187. It-tieni nett, ir-Renju tal-Belġju josserva li l-Artikolu 8.39(2)(a) taċ-CETA jipprevedi li, meta investitur Kanadiż iressaq ilment quddiem it-Tribunal taċ-CETA f'isem "intrapriża stabbilita lokalment" (jiġifieri impriża stabbilita fl-Unjoni miżmuma jew ikkontrollata direttament jew indirettament minn dan l-investitur)[148], id-danni eventwalment mogħtija minn dan it-Tribunal għandhom jitħallsu lil din l-impriża lokali.

188. Huwa minnu li din ir-regola tista' tiġi ġġustifikata mill-għan, speċifiku għall-ftehimiet internazzjonali dwar il-protezzjoni tal-investimenti, li tiġi promossa l-ekonomija tal-Parti fejn tkun stabbilita din l-impriża. Madankollu, skont ir-Renju tal-Belġju, għandha tiġi eżaminata l-kompatibbiltà tal-imsemmija regola mal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta.

189. Fl-aħħar nett, ir-Renju tal-Belġju għandu dubju dwar jekk, fil-każ li t-Tribunal taċ-CETA jikkonkludi li multa imposta fuq investitur Kanadiż (jew fuq impriża stabbilita lokalment) mill-Kummissjoni jew minn awtorità tal-kompetizzjoni ta' wieħed mill-Istati Membri tmur kontra dispożizzjoni tat-Taqsima C jew D tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA u fil-każ li jagħti kumpens ekwivalenti għal din il-multa, il-fatt li jisfaw fix-xejn l-effetti tal-imsemmija multa jkunx kompatibbli mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, kif ukoll mar-rekwiżit ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni.

190. Skont ir-Renju tal-Belġju, mill-Artikolu 8.9(3) u (4) taċ-CETA jirriżulta li, meta l-Unjoni tkun iddikjarat għajnuna mill-Istat inkompatibbli mal-Artikolu 108 TFUE u tkun ordnat ir-rimbors tagħha, it-Tribunal taċ-CETA ma jistax jiddeċiedi li din id-deċiżjoni tmur kontra ċ-CETA u għalhekk lanqas ma jkun jista' jagħti danni f'ammont ekwivalenti għal dak ta' din l-għajnuna mill-Istat. Issa, iċ-CETA ma jinkludix regola simili maħsuba sabiex jiġu protetti d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni jew mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri fil-kuntest tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE. Għaldaqstant, ma jistax jiġi eskluż li investitur Kanadiż jevita l-konsegwenzi finanzjarji ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, filwaqt li l-investituri tal-Unjoni ma jkunux jistgħu jevitawhom.

191. Fi kliem ieħor, ir-Renju tal-Belġju jixtieq ikun jaf jekk, f'ċerti ċirkustanzi, id-deċiżjonijiet tat-Tribunal jistgħux jippreġudikaw l-Artikoli 20 u 21 tal-Karta kif ukoll ir-rekwiżit ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, dan l-Istat Membru jidentifika żewġ sitwazzjonijiet, jiġifieri, fl-ewwel lok, meta d-danni jingħataw lil impriża stabbilita lokalment, konformement mal-Artikolu 8.39(2)(a) taċ-CETA u, fit-tieni lok, fil-każ li t-Tribunal jista' jagħti danni minħabba multa imposta b'applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

192. L-ewwel aspett tad-dubji mqajma mir-Renju tal-Belġju joriġina mill-fatt li, konformement mal-Artikolu 8.23(1) taċ-CETA, ilment jista' jitressaq jew mill-investitur ta' Parti f'ismu stess jew mill-investitur ta' Parti f'isem impriża stabbilita lokalment miżmuma jew ikkontrollata direttament jew indirettament minnu. F'dan il-każ tal-aħħar, mill-Artikolu 8.39(2)(a) taċ-CETA jirriżulta li l-kumpens iffissat mid-deċiżjoni għandu jitħallas lill-impriża stabbilita lokalment. Fil-fehma tiegħi, din il-konstatazzjoni ma hijiex ta' natura li toħloq diskriminazzjoni fil-konfront tal-investituri tal-Unjoni li jinvestu fl-Unjoni.

147 Iktar 'il quddiem il-"Karta".

148 Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 8.23(1)(b) taċ-CETA.

193. F'dan id-dawl, għandu jiġi osservat li l-impriża stabbilita lokalment, kif prevista f'dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, tikkostitwixxi hija stess forma ta' investiment. Fil-fatt, skont l-Artikolu 8.1 taċ-CETA, l-"investiment kopert" ikopri, fir-rigward ta' Parti, investiment li, b'mod partikolari, ikun "bi sjieda [taħt iż-żamma] jew kontroll dirett jew indirett ta' investitur tal-Parti l-oħra" u li "investiment" ikopri "kull kwalità ta' assi li investitur jippossjedi jew jikkontrolla direttament jew indirettament", u li jista' jieħu l-forma, fost affarijiet oħra, ta' impriża. Fid-dawl tal-kontroll eżerċitat b'dan il-mod mill-investitur ta' Parti fuq l-impriża stabbilita lokalment fit-territorju tal-Parti l-oħra, kumpens mogħti mit-Tribunal taċ-CETA, minkejja li jitħallas lill-impriża stabbilita lokalment, fl-aħħar mill-aħħar ser ikun ta' benefiċċju għall-investitur tal-ewwel Parti, li barra minn hekk huwa l-uniku li huwa awtorizzat, taħt l-Artikolu 8.23(1) taċ-CETA, iressaq ilment quddiem it-Tribunal.

194. Sa fejn l-investitur ta' Parti u l-impriża stabbilita lokalment fit-territorju tal-Parti l-oħra għandhom fil-verità jiġu assimilati[149], id-dubju mqajjem mir-Renju tal-Belġju huwa marbuta ma' jekk teżistix jew le diskriminazzjoni bejn l-investituri barranin, li jgawdu minn protezzjoni sostantiva u proċedurali speċifika, u l-investituri lokali, li ma jgawdux minn tali protezzjoni.

195. Fir-rigward ta' din il-kwistjoni, għandu jiġi speċifikat li mit-tieni sentenza tal-Artikolu 207(1) TFUE, moqrija flimkien mal-Artikolu 21 TUE, jirriżulta li l-Unjoni għandha, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattati UE u FUE, inklużi dawk fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni, tirrispetta d-drittijeit fundamentali, fosthom il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament[150]. L-Unjoni hija Unjoni tad-dritt li fiha kull att tal-istituzzjonijiet tagħha huwa suġġett għal stħarriġ tal-konformità, fost oħrajn, mal-prinċipji ġenerali tad-dritt kif ukoll mad-drittijiet fundamentali[151]. Dan jikkonċerna wkoll l-azzjoni esterna tal-Unjoni[152]. Infakkar, f'dan ir-rigward, li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, "sa mid-dħul fis-seħħ tagħhom, [...] jifformaw parti integrali mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni [...]. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tagħhom għandhom ikunu kompletament kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati u mal-prinċipji kostituzzjonali li jirriżultaw minnhom"[153]. Dan jinkludi, naturalment, il-Karta, konformement mal-Artikolu 51 tagħha, li, skont l-Artikolu 6(1) TUE, għandha "l-istess valur legali bħat-Trattati". Sa minn qabel ma daħlet fis-seħħ formalment il-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà stabbilixxiet il-prinċipju li t-tmexxija tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni għandha tkun konformi mad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni[154].

196. Huwa minnu li, skont l-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta[155], l-Artikolu 21(2) tagħha jikkorrispondi għall-Artikolu 18(1) [TFUE] u għandu jiġi applikat b'mod konformi ma' dak l-Artikolu". Barra minn hekk, skont l-Artikolu 52(2) tal-Karta, id-drittijiet li din tirrikonoxxi u li huma s-suġġett ta' dispożizzjonijiet fit-Trattati għandhom jiġu eżerċitati fil-kundizzjonijiet u fil-limiti ddefiniti minn dawn tal-aħħar. Minn dan isegwi li l-Artikolu 21(2) tal-Karta għandu jinqara bħala li għandu l-istess portata bħall-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE.

197. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE jipprovdi li, "[f]il-kamp ta' l-applikazzjoni tat-Trattati, u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċjali inklużi hemm kull diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza għandha tiġi projbita". Din id-dispożizzjoni tinsab fit-Tieni Parti ta' dan it-trattat, intitolata "Non-diskriminazzjoni u ċittadinanza ta' l-Unjoni". Hija tikkonċerna s-sitwazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp

149 Kif tosserva l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, l-impriżi stabbiliti lokalment huma estensjoni tal-investitur barrani u, għalhekk, huwa ġġustifikat li jiġu assimilati mal-investitur barrani li jżommhom jew jikkontrollahom.

150 Il-prinċipju ta' ugwaljanza jissemma fl-Artikolu 21(1) TUE.

151 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Schrems (C-362/14, EU:C:2015:650, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).

152 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' Lulju 2016, H vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-455/14 P, EU:C:2016:569, punt 41), u tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft (C-72/15, EU:C:2017:236, punt 72).

153 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Western Sahara Campaign UK (C-266/16, EU:C:2018:118, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

154 Ara s-sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punt 285).

155 ĠU 2007, C 303, p. 17.

ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u li fihom ċittadin ta' Stat Membru jġarrab trattament diskriminatorju meta mqabbel maċ-ċittadini ta' Stat Membru ieħor fuq il-bażi biss tan-nazzjonalità tiegħu. Għaldaqstant, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-imsemmija dispożizzjoni ma hijiex intiża li tapplika fil-każ ta' eventwali differenza fit-trattament bejn iċ-ċittadini tal-Istati Membri u dawk ta' Stati terzi [156].

198. Madankollu, fil-fehma tiegħi, dan ma jfissirx li ftehim internazzjonali bħalma huwa ċ-CETA ma huwiex meħtieġ josserva l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, irrikonoxxut fl-Artikolu 20 tal-Karta [157].

199. Ngħid ukoll, dwar dan il-punt, li l-ġurisprudenza intiża li żżomm il-kapaċità ta' azzjoni politika fuq il-livell internazzjonali tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-Unjoni, billi tippermettilhom jagħmlu differenzi fit-trattament bejn Stati terzi, ma hijiex qiegħda tiddaħħal inkwistjoni hawnhekk [158].

200. Fuq il-livell tal-protezzjoni tal-investimenti, nosserva li l-punt 6(a) tal-Istrument Interpretattiv Konġunt jipprovdi li ċ-"CETA mhux ser iwassal biex investituri barranin jiġu trattati b'mod iżjed favorevoli minn investituri domestiċi".

201. Fir-rigward tal-verifika tal-kwistjoni ta' jekk il-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament huwiex osservat fil-kuntest tal-implimentazzjoni tas-SĠI, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jeżiġi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat [159].

202. Il-parti l-kbira tal-Gvernijiet li ppreżentaw osservazzjonijiet kif ukoll il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu li r-Renju tal-Belġju jitlaq b'mod żbaljat mill-premessa li l-impriżi Kanadiżi li jinvestu fl-Unjoni, minn naħa, u l-impriżi tal-Unjoni li jinvestu fl-Unjoni, min-naħa l-oħra, jinsabu fl-istess sitwazzjoni.

203. Dan ma huwiex eżattament il-każ sa fejn waħda mill-kategoriji ta' impriżi msemmija iktar 'il fuq tagħmel investimenti internazzjonali u l-oħra tagħmel investimenti intra-Komunitarji, li ma hijiex sitwazzjoni komparabbli. L-investimenti intra-Komunitarji ser ikunu inevitabbilment suġġetti, sa ċertu punt, għal regoli differenti minn dawk li għalihom huma suġġetti l-investimenti internazzjonali. L-uniċi sitwazzjonijiet komparabbli huma dawk tal-impriżi Kanadiżi li jinvestu fl-Unjoni, minn naħa, u dawk tal-impriżi tal-Unjoni li jinvestu fil-Kanada, min-naħa l-oħra.

204. Għaldaqstant, id-differenza li tirriżulta mill-fatt li l-impriżi Kanadiżi li jinvestu fl-Unjoni jistgħu jressqu t-tilwim quddiem it-Tribunal taċ-CETA, filwaqt li l-impriżi tal-Unjoni li jinvestu fl-Unjoni ma humiex ser ikollhom din il-possibbiltà, ma tistax titqies li hija "diskriminatorja". F'dan id-dawl, il-partijiet interessati msemmija jirreferu, b'analoġija, għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li minnha joħroġ li d-differenza fit-trattament bejn l-individwi li jibbenefikaw minn regoli stabbiliti fi ftehim konkluż bejn Stati Membri sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja, minn naħa, u l-individwi li ma jibbenefikawx minn tali regoli, min-naħa l-oħra, ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni minħabba li s-sitwazzjonijiet ta' dawn iż-żewġ kategoriji ta' persuni ma humiex komparabbli [160].

156 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, Vatsouras u Koupatantze (C-22/08 u C-23/08, EU:C:2009:344, punti 51 u 52), u tas-7 ta' April 2011, Francesco Guarnieri & Cie (C-291/09, EU:C:2011:217, punt 20). Ara wkoll is-sentenza tal-20 ta' Novembru 2017, Petrov *et* vs Il-Parlament (T-452/15, EU:T:2017:822, punti 39 sa 41). Għal opinjoni fis-sens li l-Artikolu 21(2) tal-Karta jista' jiġi interpretat fis-sens li japplika għad-differenzi fit-trattament bejn ċittadini tal-Unjoni u ċittadini ta' Stati terzi, ara Bribosia, E., Rorive, I., u Hislaire, J., "Article 21 – Non-discrimination", *Charte des droits fondamentaux de l'Union européenne, Commentaire article par article*, Bruylant, Brussell, 2018, p. 489 sa 514, b'mod partikolari l-punti 10 u 11.

157 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-22 ta' Mejju 2014, Glatzel (C-356/12, EU:C:2014:350, punt 43).

158 Ara, b'mod partikolari, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Swiss International Air Lines (C-272/15, EU:C:2016:993, punti 25 *et seq.*). Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, "fit-Trattat FUE ma jeżistix prinċipju ġenerali li jobbliga lill-Unjoni, fir-relazzjonijiet esterni tagħha, li tagħti f'kull rigward trattament ugwali lill-pajjiżi terzi differenti" (punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

159 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, RPO (C-390/15, EU:C:2017:174, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

160 Ara s-sentenza tal-5 ta' Lulju 2005, D. (C-376/03, EU:C:2005:424, punti 53 sa 63).

205. Fi kwalunkwe każ, ikun żbaljat jekk jitqies li l-impriżi Kanadiżi li jinvestu fl-Unjoni jinsabu, minħabba l-possibbiltà li jressqu lment quddiem it-Tribunal taċ-CETA, f'sitwazzjoni privileġġata meta mqabbla mal-impriżi tal-Unjoni li jinvestu fl-Unjoni. Din il-possibbiltà sempliċement tikkumpensa l-fatt li ċ-CETA ma jistax jiġi invokat direttament quddiem il-qrati interni tal-Partijiet.

206. Bħall-parti l-kbira tal-partijiet interessati li ppreżentaw osservazzjonijiet, inqis li huma biss l-investituri ta' kull Parti Kontraenti li jinvestu fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra li jinsabu f'sitwazzjonijiet komparabbli.

207. Kif osserva ġustament il-Gvern Ġermaniż matul is-seduta, is-sitwazzjoni tal-investituri Kanadiżi li jinvestu fl-Unjoni ma hijiex komparabbli mas-sitwazzjoni tal-investituri Ewropej li jinvestu fiż-żona ekonomika tagħhom stess.Wieħed jista' jqabbel l-investituri Kanadiżi jew Ewropej biss fir-rigward tal-investimenti li dawn tal-aħħar jagħmlu fit-territorju tal-Parti l-oħra. Fuq il-bażi ta' dan it-tqabbil, l-investituri kollha li jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli huma ttrattati b'mod komparabbli. Huwa minnu li l-investituri ta' kull Parti Kontraenti ma għandhomx aċċess għat-Tribunal taċ-CETA fir-rigward tal-investimenti mwettqa fit-territorju tal-Parti Kontraenti li jiddependu minnha. Kif indika l-Gvern Ġermaniż, dan huwa dovut għall-fatt li dawn l-investituri ma assumewx ir-riskji u l-ispejjeż marbuta ma' investiment f'żona ekonomika barranija u joperaw f'ambjent legali li huwa familjari għalihom.

208. Barra minn hekk, infakkar li r-relazzjonijiet bejn Partijiet Kontraenti bħalma huma, minn naħa, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u, min-naħa l-oħra, il-Kanada, ma humiex ibbażati fuq il-fiduċja reċiproka u li din hija r-raġuni għaliex dawn il-Partijiet għandhom l-intenzjoni jiddefinixxu, fuq bażi ta' reċiproċità, standard ta' protezzjoni sostantiva u proċedurali fil-ftehim maħsub. B'hekk, il-fatt li d-drittijiet u l-obbligi reċiproċi maħluqa miċ-CETA japplikaw biss għall-investituri li jappartjenu lil waħda miż-żewġ Partijiet Kontraenti huwa konsegwenza inerenti għan-natura bilaterali ta' dan il-ftehim[161], li huwa intiż li jipproteġi lill-investituri ta' kull Parti mill-iżvantaġġi li jistgħu jġarrbu meta jinvestu fil-Parti l-oħra. Minn dan jirriżulta li investitur tal-Unjoni ma jinsabx fl-istess sitwazzjoni bħal investitur Kanadiż fir-rigward ta' investiment imwettaq fit-territorju tal-Unjoni.

209. Fi kwalunkwe każ, anki jekk l-investituri Kanadiżi li jagħmlu investimenti fl-Unjoni u l-investituri tal-Unjoni li jagħmlu investimenti fl-Unjoni jitqiesu li jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli, il-fatt li hija biss l-ewwel kategorija ta' investituri li tista' tibbenefika mill-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati introdott permezz taċ-CETA huwa oġġettivament iġġustifikat mill-għan li jiġu inkoraġġuti l-investimenti barranin fit-territorju ta' kull Parti.

210. F'dan ir-rigward, għandu jiġi indikat li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "[m]eta tiġi kkonstatata differenza fit-trattament bejn żewġ sitwazzjonijiet komparabbli, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ma jinkisirx jekk din id-differenza tkun debitament iġġustifikata"[162]. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan ikun il-każ "meta d-differenza fit-trattament tkun relatata ma' għan legalment ammissibbli mfittex mill-miżura li għandha l-effett li tistabbilixxi tali differenza u meta hija tkun proporzjonata ma' dan l-għan"[163].

211. Kif diġà osservajt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "[l]-istituzzjonijiet u l-organi tal-Unjoni għandhom, fit-tmexxija tar-relazzjonijiet esterni, grad għoli ta' libertà ta' deċiżjoni politika" u li "it-tmexxija tar-relazzjonijiet esterni timplika neċessarjament għażliet ta' natura politika"[164]. Għaldaqstant, għandu jiġi rrikonoxxut li, f'dan il-kuntest, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom setgħa

161 Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża Achmea (C-284/16, EU:C:2017:699, punt 75).

162 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, RPO (C-390/15, EU:C:2017:174, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

163 *Ibidem* (punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

164 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Swiss International Air Lines (C-272/15, EU:C:2016:993, punt 24).

diskrezzjonali wiesgħa, b'tali mod li l-istħarriġ ġudizzjarju tal-kwistjoni ta' jekk differenza fit-trattament hijiex marbuta ma' għan legalment ammissibbli segwit mill-miżura li għandha l-effett li tistabbilixxi tali differenza u ta' jekk hijiex proporzjonata ma' dan l-għan għandu jkun limitat għal stħarriġ ta' żball manifest [165].

212. Issa, in-natura legalment ammissibbli tal-għan segwit fil-kuntest tal-introduzzjoni tas-SĠI ma tistax tiġi raġonevolment ikkontestata. F'dan ir-rigward, nirreferi għall-punti 173 sa 178 ta' dawn il-konklużjonijiet, fejn indikajt li l-introduzzjoni tas-SĠI hija konformi mal-għanijiet li t-Trattati jagħtu lill-Unjoni fil-kuntest tal-azzjoni esterna tagħha u, b'mod partikolari, fl-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni tagħha, li jinkludu l-għan li jiġu inkoraġġuti l-investimenti barranin fuq il-bażi ta' reċiproċità. Il-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati introdott permezz taċ-CETA jagħmel parti integrali mill-qafas ta' protezzjoni previst minn dan il-ftehim, b'tali mod li n-negozjaturi tal-imsemmi ftehim setgħu leġittimament iqisu, fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni li għandu jiġi rrikonoxxut li għandhom, li, mingħajr tali mekkaniżmu, iċ-CETA ma kienx ser jilħaq b'mod daqstant effikaċi l-għan tiegħu li jinkoraġġixi u li jattira l-investimenti barranin.

213. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, fil-fehma tiegħi, l-istipulazzjonijiet tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA ma jiksrux il-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament [166].

214. Fir-rigward tat-tieni parti tad-dubji mqajma mir-Renju tal-Belġju, li jikkonċernaw, essenzjalment, il-kwistjoni ta' jekk it-Tribunal taċ-CETA jistax jinnewtralizza l-effetti ta' multa imposta mill-Kummissjoni jew minn awtorità tal-kompetizzjoni ta' wieħed mill-Istati Membri billi jiddeċiedi li jagħti danni ta' ammont ekwivalenti lil investitur Kanadiż, jiena nqis, bħall-parti l-kbira tal-partijiet interessati li ppreżentaw osservazzjonijiet, li diversi regoli jillimitaw ir-riskju li t-Tribunal taċ-CETA jista' jkollu jiddeċiedi, mingħajr ma jmur lil hinn mill-ġurisdizzjoni tiegħu, li multa imposta fuq investitur Kanadiż skont id-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni tikser regola dwar il-protezzjoni tal-investimenti prevista fil-Kapitolu Tmienja taċ-CETA.

215. F'dan is-sens, għandu jitfakkar li l-Artikolu 8.9(1) u (2) taċ-CETA jirrikonoxxi d-dritt tal-Partijiet Kontraenti li jadottaw miżuri regolatorji fit-territorji tagħhom sabiex jilħqu għanijiet leġittimi ta' interess pubbliku. Kif josserva ġustament il-Kunsill fl-osservazzjonijiet tiegħu, dan id-dritt jinkludi d-dritt li jinżammu u li jiġi implimentati politiki maħsuba sabiex jiġi miġġieled l-aġir antikompetittiv fis-suq intern tal-Unjoni [167].

216. Barra minn hekk, fil-Kapitolu Sbatax taċ-CETA, intitolat "Politika tal-kompetizzjoni", l-Artikolu 17.2(1) jipprovdi li "[i]l-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' kompetizzjoni ħielsa u mingħajr distorsjoni fir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom. Il-Partijiet jirrikonoxxu li komportament kummerċjali antikompetittiv għandu l-potenzjal li jfixkel il-funzjonament kif suppost tas-swieq u jikkomprometti l-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ". Barra minn hekk, l-Artikolu 17.2(2) jipprovdi li "[i]l-Partijiet għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipproskrivu imġiba kummerċjali antikompetittiva, filwaqt li jirrikonoxxu li tali miżuri se jsaħħu l-ksib tal-objettivi ta' dan il-Ftehim".

217. Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 8.9(1) u (2) taċ-CETA, kif ukoll fil-Kapitolu Sbatax ta' dan il-ftehim, ir-riskju li jiġu nnewtralizzati d-deċiżjonijiet meħuda mill-Partijiet Kontraenti bil-għan li jissanzjonaw aġir antikompetittiv jidher li huwa, fil-fehma tiegħi, miżmum taħt limiti stretti.

165 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, RPO (C-390/15, EU:C:2017:174, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

166 Ara, f'dan l-istess sens, id-deċiżjoni tal-Conseil constitutionnel (il-Kunsill Kostituzzjonali, Franza) Nru 2017-749-DE, tal-31 ta' Lulju 2017, dwar il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropew u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (JORF tal-11 ta' Awwissu 2017).

167 Barra minn hekk, infakkar li l-punt 6(a) tal-Istrument Interpretattiv Konġunt jindika li ċ-CETA "jinkludi regoli moderni dwar l-investiment li jżommu d-dritt tal-gvernijiet li jirregolaw fl-interess pubbliku inkluż meta dawn ir-regolamenti jaffettwaw investiment barrani, filwaqt li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni għall-investimenti u jipprevedu soluzzjoni ġusta u trasparenti għat-tilwim". Il-punt 6(b) ta' dan l-istrument interpretattiv konġunt iżid li ċ-"CETA jiċċara li l-gvernijiet jistgħu jbiddlu l-liġijiet tagħhom, irrispettivament minn jekk dan jolqotx ħażin lil xi investiment jew l-istennijiet ta' profitt li jaf ikollu l-investitur". Ara wkoll, b'mod iktar ġenerali, il-punt 2 tal-imsemmi strument interpretattiv konġunt.

218. Flimkien ma' dawn il-garanziji ta' natura sostantiva, hemm ukoll il-garanziji proċedurali, li semmejt fil-kunsiderazzjonijiet preċedenti tiegħi, li huma, minn naħa, l-obbligu tat-Tribunal taċ-CETA, taħt l-Artikolu 8.31(2) ta' dan il-ftehim, li jsegwi l-interpretazzjoni tad-dritt intern mogħtija mill-qrati u mill-awtoritajiet tal-Parti Kontraenti kkonċernata u, minn naħa l-oħra, il-korrezzjoni, jekk tkun meħtieġa, ta' interpretazzjoni żbaljata mogħtija minn dan it-Tribunal, permezz tal-eżistenza ta' mekkaniżmu ta' appell jew permezz tal-possibbiltà għall-Kumitat Konġunt li jadotta interpretazzjonijiet vinkolanti taċ-CETA.

219. Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li r-rekwiżit ta' effettività tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni ma jidhirx li huwa, fil-fehma tiegħi, affettwat mill-introduzzjoni tas-SĠI.

### *C. Fuq il-kompatibbiltà tat-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA mad-dritt ta' aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali*

220. Ir-Renju tal-Belġju għandu dubju dwar jekk it-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA hijiex kompatibbli mal-Artikolu 47 tal-Karta, ikkunsidrat waħdu jew flimkien mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament irrikonoxxut fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta. F'din il-parti tat-talba għal opinjoni tiegħu, dan l-Istat Membru jirreferi wkoll għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 6 tal-KEDB.

221. F'dan ir-rigward, ir-Renju tal-Belġju josserva, fl-ewwel lok, li s-sistema prevista f'din it-Taqsima F tista' tagħmel eċċessivament diffiċli l-aċċess ta' impriżi ta' daqs żgħir u medju għat-Tribunal taċ-CETA, sa fejn l-Artikolu 8.27(14) taċ-CETA jipprevedi li l-onorarji u l-ispejjeż tal-Membri responsabbli għat-tilwima għandhom jitħallsu mill-partijiet fit-tilwima, u sa fejn l-Artikolu 8.39(5) taċ-CETA jipprovdi li kemm l-ispejjeż tal-proċedura – li jinkludu l-ispejjeż tas-Segretarjat taċ-ĊIRTI – u kemm l-ispejjeż ta' rappreżentanza u ta' assistenza legali għandhom jitħallsu – ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, mill-parti li titlef.

222. Barra minn hekk, skont ir-Renju tal-Belġju, iċ-CETA ma joffrix attwalment il-possibbiltà li tingħata għajnuna legali, u dan meta t-tielet paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jirrikonoxxi espliċitament id-dritt għal tali għajnuna sa fejn din tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-aċċess għall-ġustizzja, dritt li fil-punt 59 tas-sentenza tagħha tat-22 ta' Diċembru 2010, DEB [168], il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li jestendi għall-impriżi.

223. Ir-riskju li jkollu jbati l-ispejjeż kollha fi proċeduri li intrinsikament jinvolvu spejjeż kbar jista' jiddiswadi lil investitur li jkollu biss riżorsi finanzjarji limitati milli jressaq ilment. B'hekk, skont ir-Renju tal-Belġju, jista' jitqies li ċ-CETA jippreġudika d-dritt ta' aċċess għal qorti.

224. Fit-tieni lok, ir-Renju tal-Belġju għandu dubju dwar il-kompatibbiltà tal-kundizzjonijiet tar-remunerazzjoni tal-Membri tat-Tribunali ppjanati, kif previsti fl-Artikolu 8.27(12) sa (15) u fl-Artikolu 8.28(7)(d) taċ-CETA, mad-dritt ta' aċċess għal "qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bil-liġi" dritt li huwa rrikonoxxut fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta.

225. Skont ir-Renju tal-Belġju, peress li dawn il-kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni ma humiex iffissati prinċipalment fit-test stess taċ-CETA iżda tħallew, fil-parti l-kbira tagħhom, għall-evalwazzjoni diskrezzjonali tal-Kumitat Konġunt imwaqqaf miċ-CETA, huwa permess li jkun hemm dubji dwar il-kompatibbiltà tagħhom mal-prinċipji fil-qasam tas-separazzjoni tas-setgħat.

168 C-279/09, EU:C:2010:811.

226. F'dan ir-rigward, ir-Renju tal-Belġju jqis li l-modalitajiet tar-remunerazzjoni tal-imħallfin għandhom jiġu stabbiliti minn qabel mil-leġiżlatur u ma jistgħux jiġu ddeterminati mill-eżekuttiv. Dan l-Istat Membru jirreferi, f'dan il-kuntest, għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u għall-Magna Carta tal-Imħallfin, adottata fis-17 ta' Novembru 2010 mill-Conseil consultatif des juges européens (il-Kunsill Konsultattiv tal-Imħallfin Ewropej, iktar 'il quddiem iċ-"CCJE").

227. Dejjem skont ir-Renju tal-Belġju, il-fatt li ċ-CETA jipprevedi li r-remunerazzjoni tal-Membri tat-Tribunali ppjanati ma hijiex ser tikkonsisti (jew minn tal-inqas mhux għalissa) f'salarju fiss u regolari, iżda fi ħlas mensili li miegħu jiżdiedu l-onorarji skont il-ġranet ta' xogħol iddedikati għal tilwima, jista' wkoll ikun inkompatibbli mad-dritt ta' aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali.

228. F'dan ir-rigward, ir-Renju tal-Belġju jirreferi għall-Artikolu 6.1 tal-Karta Ewropea dwar l-Istatus tal-Imħallfin, adottata mit-8 sal-10 ta' Lulju 1998 mill-Kunsill tal-Ewropa, li jipprovdi li r-remunerazzjoni tal-imħallfin għandha tkun stabbilita "b'mod li jipproteġihom minn pressjonijiet maħsuba sabiex jinfluwenzaw id-direzzjoni tad-deċiżjonijiet tagħhom u b'mod iktar ġenerali l-aġir ġudizzjarju tagħhom, filwaqt li jaffettwaw b'hekk l-indipendenza u l-imparzjalità tagħhom" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Ir-Renju tal-Belġju jiċċita wkoll diversi rakkomandazzjonijiet adottati fil-kuntest tal-Kunsill tal-Ewropa, li minnhom jirriżulta li r-remunerazzjoni tal-imħallfin għandha tkun iddeterminata skont skala ġenerali u mhux skont ir-rendiment tagħhom.

229. Mill-kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni attwalment previsti fiċ-CETA jirriżulta, skont ir-Renju tal-Belġju, li r-remunerazzjoni ser tkun tiddependi parzjalment min-numru ta' tilwim imressaq mill-investituri. Għaldaqstant, l-iżvilupp ta' ġurisprudenza li tiffavorixxi lill-investituri jista' jkollu effett pożittiv fuq ir-remunerazzjoni.

230. Fit-tielet lok, ir-Renju tal-Belġju għandu dubju dwar il-kompatibbiltà mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tal-mekkaniżmu għall-ħatra tal-Membri tat-Tribunali ppjanati, kif previst fl-Artikolu 8.27(2) u (3) u fl-Artikolu 8.28(3) u (7)(c) taċ-CETA.

231. Huwa josserva li dawn il-Membri ser jinħatru mill-Kumitat Konġunt, jiġifieri mill-organu eżekuttiv taċ-CETA, li huwa ppresjedut b'mod konġunt mill-Ministru għall-Kummerċ Internazzjonali tal-Kanada u mill-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-kummerċ (jew mis-supplenti rispettivi tagħhom) [169].

232. Issa, mill-Karta Ewropea dwar l-Istatus tal-Imħallfin, li fuqha l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem diġà bbażat ruħha u li għaliha jirreferu wkoll ir-rakkomandazzjonijiet taċ-CCJE, jirriżulta li, meta l-ħatra ta' mħallfin issir mill-eżekuttiv, din għandha sseħħ imperattivament wara rakkomandazzjoni minn awtorità indipendenti kkostitwita minn parti sostanzjali ta' membri tas-setgħa ġudizzjarja.

233. Fir-raba' lok, ir-Renju tal-Belġju għandu dubju dwar il-kompatibbiltà mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tal-kundizzjonijiet ta' revoka tal-Membri tat-Tribunali ppjanati, kif previsti fl-Artikolu 8.28(4) u fl-Artikolu 8.30(4) taċ-CETA.

169 Artikolu 26.1(1) taċ-CETA.

234. Ir-Renju tal-Belġju josserva li dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu li Membru, fuq l-inizjattiva konġunta tal-Partijiet u mingħajr il-possibbiltà ta' rikors, jiġi rrevokat permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt. Issa, mill-Karta Ewropea dwar l-Istatus tal-Imħallfin u mir-rakkomandazzjonijiet taċ-CCJE jirriżulta li kwalunkwe deċiżjoni ta' revoka ta' mħallef għandha tinvolvi korp indipendenti, għandha tingħata skont proċedura ekwa li tirrispetta d-drittijiet tad-difiża u għandha tista' tkun is-suġġett ta' rikors quddiem istanza superjuri ta' natura ġudizzjarja. Fi kwalunkwe każ, sabiex tiġi ggarantita l-indipendenza tal-imħallfin, ma għandux ikun possibbli li dawn jiġu rrevokati mill-eżekuttiv.

235. Fil-ħames u l-aħħar lok, ir-Renju tal-Belġju għandu dubju dwar il-kompatibbiltà mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tar-regoli dwar l-etika li bihom ser ikunu marbuta l-Membri tat-Tribunali ppjanati skont l-Artikolu 8.28(4), l-Artikolu 8.30(1) u l-Artikolu 8.44(2) taċ-CETA.

236. Huwa josserva li dawn id-dispożizzjonijiet jipprevedu, essenzjalment, li l-imsemmija membri ser ikollhom josservaw il-Linji gwida tal-International Bar Association (l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Avukatura, iktar 'il quddiem l-"IBA") dwar il-kunflitti ta' interess fl-arbitraġġ internazzjonali, approvati fit-22 ta' Mejju 2004 mill-Kunsill tal-IBA (iktar 'il quddiem il-"Linji gwida"), fl-istennija tal-adozzjoni ta' kodiċi ta' kondotta mill-Kumitat tas-Servizzi u l-Investiment.

237. Issa, mir-rakkomandazzjonijiet taċ-CCJE u mill-Magna Carta tal-Imħallfin jirriżulta li r-regoli tal-etika applikabbli għall-imħallfin għandhom jiġu stabbiliti mill-imħallfin stess. Minn tal-inqas, l-imħallfin għandu jkollhom rwol prinċipali fl-adozzjoni ta' dawn ir-regoli.

238. Ir-Renju tal-Belġju josserva li l-Linji gwida huma indirizzati lil arbitri u mhux lil imħallfin. Issa, l-istandards ta' indipendenza u ta' imparzjalità jistgħu jkunu differenti għall-arbitri, minn naħa, u għall-imħallfin, min-naħa l-oħra.

239. Huwa jinnota wkoll li, għalkemm huwa minnu li jipprevedi, fl-Artikolu 8.30(1) tiegħu, li l-membri "għandhom jieqfu milli jaġixxu bħala konsulenti jew esperti jew xhieda maħtura minn parti f'kull kwistjoni ta' investiment kemm pendenti kif ukoll ġdida skont dan il-ftehim jew kull ftehim internazzjonali ieħor", iċ-CETA, għall-kuntrarju, ma jeħtieġx li dawn jiddikjaraw l-attivitajiet addizzjonali tagħhom, u lanqas ma jeħtieġ, *a fortiori*, li dawn l-attivitajiet jiġu suġġetti għal approvazzjoni minn qabel. Issa, l-istrumenti internazzjonali rilevanti, bħalma hija l-Karta Ewropea dwar l-Istatus tal-Imħallfin, jiddikjaraw li l-eżerċizzju ta' attività esterna li tagħti lok għal remunerazzjoni għandu jiġi ddikjarat u għandu jkun is-suġġett ta' awtorizzazzjoni minn qabel.

*1. Kunsiderazzjonijiet ġenerali*

240. Sabiex tingħata tweġiba għad-dubji mqajma mir-Renju tal-Belġju, infakkar li, meta jkollha l-intenzjoni, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħha, tikkonkludi ftehim internazzjonali, l-Unjoni hija suġġetta għar-rispett tad-drittijiet fundamentali[170], li jinkludu dawk irrikonoxxuti fl-Artikolu 47 tal-Karta. Għaldaqstant, meta l-Kunsill ikun jixtieq jikkonkludi ftehim internazzjonali li jistabbilixxi mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim, bħal dak previst fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA, huwa għandu jiżgura li l-kundizzjonijiet ta' aċċess għal dan il-mekkaniżmu u l-modalitajiet tal-funzjonament tiegħu jkunu konformi mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Unjoni.

170 Ara l-punt 195 ta' dawn il-konklużjonijiet.

241. Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tenfasizza, fir-rigward ta' istanzi li, bħala "qrati", fis-sens iddefinit mid-dritt tal-Unjoni, kienu jagħmlu parti mis-sistema ta' rimedji ta' kull Stat Membru fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, li "il-ħarsien tal-indipendenza tal-imsemmija istanzi huwa primordjali, kif jikkonferma t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, li jsemmi l-aċċess għal qorti 'indipendenti' fost ir-rekwiżiti marbuta mad-dritt fundamentali għal rimedju effettiv"[171].

242. B'dan premess, għandu jiġi enfasizzat qabel kollox li l-evalwazzjoni li r-Renju tal-Belġju jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja twettaq dwar diversi aspetti tal-organizzazzjoni u tal-funzjonament tas-SĠI ma tistax, fil-fehma tiegħi, tinjora l-fatt li l-mudell magħżul min-negozjaturi taċ-CETA huwa kkaratterizzat minn diversi aspetti oriġinali li jagħtuh natura ibrida, fil-forma ta' kompromess bejn tribunal arbitrali u qorti internazzjonali. F'dan is-sens, il-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim introdott miċ-CETA ma jinkludix biss elementi karatteristiċi ta' qorti iżda wkoll elementi misluta mill-arbitraġġ internazzjonali. Għalkemm fil-ftehim maħsub intużat il-kelma "Tribunal", li tista' tagħti x'jifhem li dan huwa qorti fil-veru sens tal-kelma, dan huwa madankollu mekkaniżmu li jibqa' ispirat ferm mir-regoli fil-qasam tal-arbitraġġ. Għaldaqstant, fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA, il-marka tar-regoli dwar l-arbitraġġ dwar l-investimenti tidher b'mod espliċitu, b'mod partikolari, fl-Artikolu 8.23, dwar it-tressiq ta' lment quddiem it-Tribunal, fl-Artikolu 8.25, dwar il-kunsens għar-riżoluzzjoni tat-tilwima mit-Tribunal, fl-Artikolu 8.36, dwar it-trasparenza tal-proċeduri, kif ukoll fl-Artikolu 8.41, dwar l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet. Barra minn hekk, fir-rigward tar-remunerazzjoni tal-Membri tat-Tribunal u tar-regoli tal-etika, fl-Artikolu 8.27(14) u fl-Artikolu 8.30(1) taċ-CETA, rispettivament, hemm referenza għar-regoli applikabbli fil-qasam tal-arbitraġġ. Fl-aħħar nett, għandu jiġi enfasizzat li t-Tribunal taċ-CETA ma jagħtix sentenzi iżda deċiżjonijiet.

243. Huwa minnu li hemm l-espressjoni ta' rieda min-naħa tal-Partijiet Kontraenti li jimxu lejn sistema ġdida ispirata mis-sistemi ġudizzjarji fis-seħħ fi ħdan l-ordinamenti ġuridiċi ta' dawn il-Partijiet[172]. Kif indikat ġustament il-Kummissjoni matul is-seduta, il-fatt li huwa ispirat minn sistemi ġudizzjarji ma jagħmilx madankollu lil dan il-korp qorti, fil-veru sens tal-kelma, iżda lanqas ma jagħmlu sempliċi istanza arbitrali tradizzjonali.

244. Issa, id-dubji mressqa mir-Renju tal-Belġju huma bbażati fuq il-premessa li l-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati previst fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA għandu jiġi assimilat ma' qorti fil-veru sens tal-kelma. Filwaqt li jitlaq minn din il-premessa, dan l-Istat Membru jdaħħal inkwistjoni diversi aspetti dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament ta' dan il-mekkaniżmu fir-rigward tal-istandards li ġew iddefiniti sabiex japplikaw għal qrati. Madankollu, fid-dawl tan-natura ibrida tal-imsemmi mekkaniżmu, din il-premessa hija, fil-fehma tiegħi, żbaljata. Minn dan isegwi li l-istandard ta' indipendenza u ta' imparzjalità meħtieġ għal korp ta' dan it-tip għandu jkun jirrifletti l-karatteristiċi speċifiċi msemmija iktar 'il fuq.

171 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata). Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, f'din l-istess sentenza, ir-"rekwiżit ta' indipendenza tal-qrati jagħmel parti mill-kontenut essenzjali tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, li għandu importanza kardinali sa fejn jiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet kollha li l-individwi jgawdu taħt id-dritt tal-Unjoni u l-ħarsien tal-valuri komuni għall-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 2 TUE, u b'mod partikolari tal-valur tal-Istat tad-dritt" (punt 48). Barra minn hekk, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Ġunju 2017, Online Games *et* (C-685/15, EU:C:2017:452), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, "[r]igward id-dritt għal proċess indipendenti u imparzjali, stabbilit mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, il-kunċett ta' 'indipendenza', li huwa inerenti fil-missjoni tal-qorti, jinvolvi żewġ aspetti. L-ewwel aspett, estern, jissupponi li l-istanza tkun protetta minn interventi jew pressjonijiet esterni li jistgħu jipperikolaw l-indipendenza tad-deċiżjoni tal-membri tagħha fir-rigward tal-kawżi mressqa quddiemha" (punt 60). Il-Qorti tal-Ġustizzja tkompli billi tindika li "[it-tieni aspett, intern, jingħaqad mal-kunċett ta' 'imparzjalità' u huwa intiż sabiex jiżgura l-ekwidistanza fir-rigward tal-partijiet fit-tilwima u tal-interessi rispettivi tagħhom fir-rigward tas-suġġett tagħha. Dan l-aspett […] jeżiġi l-osservanza tal-oġġettività u l-assenza ta' kull interess fis-soluzzjoni tat-tilwima lil hinn mill-applikazzjoni stretta tad-dispożizzjoni legali" (punt 61). Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "[d]awn il-garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità jeżiġu l-eżistenza ta' regoli, b'mod partikolari regoli statutorji u proċedurali, li jippermettu li jiġi eskluż kull dubju leġittimu, f'moħħ l-individwi, rigward l-impermeabbiltà tal-imsemmija istanza fir-rigward ta' elementi esterni u n-newtralità tagħha fir-rigward tal-interessi quddiemha" (punt 62).

172 Ara l-punt 6(f) tal-Istrument Interpretattiv Konġunt.

245. F'dan il-kuntest, l-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha, fil-fehma tiegħi, tkun iggwidata mill-konstatazzjoni li n-negozjaturi tal-ftehim maħsub waslu għal qbil dwar mudell li jintroduċi, fir-rigward ta' diversi punti, titjib fil-konfront tar-regoli fis-seħħ fl-arbitraġġ klassiku dwar l-investimenti, kemm f'termini ta' trasparenza tal-proċeduri u kemm f'termini ta' indipendenza fit-trattament tal-ilmenti. Għalkemm huwa minnu li mudell ta' dan it-tip dejjem jista' jittejjeb, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, fil-fehma tiegħi, tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li dan huwa mudell innegozjat b'mod bilaterali fuq bażi ta' reċiproċità u għandha tevalwa, f'dan id-dawl, jekk dan il-mudell fihx livell suffiċjenti ta' garanziji.

246. B'rabta ma' dak li għadu kemm ġie espost, l-evalwazzjoni mitluba mir-Renju tal-Belġju għandha titwettaq filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-mudell introdott fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA huwa biss stadju lejn il-ħolqien ta' tribunal multilaterali dwar l-investimenti u ta' mekkaniżmu tal-appell relatat, kif turi r-rieda espressa f'dan ir-rigward mill-Partijiet Kontraenti fl-Artikolu 8.29 taċ-CETA[173]. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura kemm sperimentali u kemm evoluzzjonarja tal-mekkaniżmu inkwistjoni.

247. Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li, sabiex jiġu implimentati, id-dispożizzjonijiet proċedurali li jinsabu fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA jeħtieġu, fir-rigward ta' diversi punti, l-adozzjoni ta' regoli mill-Kumitat Konġunt jew mill-Kumitat tas-Servizzi u l-Investiment. Fil-kuntest ta' din il-proċedura għal opinjoni, il-Kummissjoni indikat lill-Qorti tal-Ġustizzja li hija bdiet ħidma, l-ewwel nett, dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tat-Tribunal tal-Appell, it-tieni nett, dwar kodiċi ta' kondotta obbligatorju intiż li jsaħħaħ il-garanziji ta' imparzjalità u ta' indipendenza tal-Membri tat-Tribunali u tal-medjaturi, u, it-tielet nett, dwar ir-regoli fil-qasam tal-medjazzjoni maħsuba sabiex jintużaw mill-partijiet fit-tilwim. Fil-fehma tiegħi, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-impenji meħuda mill-Partijiet Kontraenti bil-għan li jiġu speċifikati l-garanziji proċedurali previsti fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA, li ma jistax ikun fiha d-dettalji kollha dwar l-organizzazzjoni u dwar il-funzjonament tas-SĠI.

248. Barra minn hekk, sabiex inwieġeb għal punt imqajjem diversi drabi mir-Renju tal-Belġju fit-talba għal opinjoni tiegħu, fil-fehma tiegħi ma huwiex fih innifsu kritikabbli, fid-dawl tad-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 47 tal-Karta, il-fatt li, fil-kuntest ta' ftehim internazzjonali bħalma huwa ċ-CETA, istanza komposta b'numru ndaqs ta' rappreżentanti tal-Unjoni u ta' rappreżentanti tal-Kanada, li d-deċiżjonijiet tagħha jittieħdu b'kunsens reċiproku[174], bħalma huwa l-Kumitat Konġunt CETA previst fl-Artikolu 26 ta' dan il-ftehim[175], ikollha l-missjoni li timplimenta diversi dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-SĠI, sa fejn it-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA jistabbilixxi l-qafas ġenerali tal-mekkaniżmu billi jistabbilixxi l-karatteristiċi essenzjali ta' dan tal-aħħar.

249. Kif enfasizzaw diversi partijiet interessati, il-fatt li l-Kumitat Konġunt huwa kompost min-numru ndaqs ta' membri miż-żewġ naħat, kif ukoll il-fatt li d-deċiżjonijiet jittieħdu b'kunsens reċiproku, jiffavorixxu l-adozzjoni minn dan il-kumitat ta' deċiżjonijiet konformi mar-regoli previsti fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA. Fil-fatt, sabiex deċiżjoni tiġi adottata mill-imsemmi kumitat, hija għandha tkun sostnuta, minn naħa, mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha u, min-naħa l-oħra, mill-Kanada, sa fejn kull Parti Kontraenti tista' toġġezzjona għal deċiżjoni li fil-fehma tagħha ma tonorax il-prinċipji ta' indipendenza u ta' imparzjalità jew id-dritt għal rimedju effettiv. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, bit-tħaddim stess tar-reċiproċità li tinsab fil-qofol tal-ftehim maħsub, kull Parti Kontraenti ser ikollha tiffavorixxi deċiżjonijiet ta' natura li jiggarantixxu

173 Ara wkoll, f'dan l-istess sens, il-punt 6(i) tal-Istrument Interpretattiv Konġunt, kif ukoll id-Dikjarazzjoni Nru 36.

174 Ara l-Artikolu 26.3(3) taċ-CETA.

175 Il-Kumitat tas-Servizzi u l-Investiment jikkostitwixxi, min-naħa tiegħu, kumitat speċjalizzat stabbilit taħt l-awspiċi tal-Kumitat Konġunt CETA (ara l-Artikolu 26.2(1)(b) taċ-CETA).

lill-investituri tagħha, meta joperaw fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra, riżoluzzjoni ta' tilwim konformi mar-rekwiżiti ta' ħeffa, ta' perizja, ta' indipendenza u ta' imparzjalità. Dan japplika wkoll fir-rigward tal-interess ta' kull Parti Kontraenti meta tokkupa l-pożizzjoni ta' konvenut fil-kuntest ta' tilwima.

250. Inżid li l-pożizzjonijiet li l-Unjoni ser tiddefendi fi ħdan il-Kumitat Konġunt CETA għandhom jiġu adottati konformement mal-Artikolu 218(9) TFUE, li jimplika li għandhom josservaw ir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, inklużi d-drittijiet fundamentali, u dan taħt l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja [176].

251. Huwa fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li ser nindika, fil-punti li ġejjin, liema huma l-garanziji proċedurali li, fil-fehma tiegħi, jippermettu li fir-rigward ta' kull wieħed mill-aspetti mqajma mir-Renju tal-Belġju jiġi żgurat livell suffiċjenti ta' protezzjoni tad-dritt ta' aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali, irrikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta.

*2. Fuq l-aċċess għat-Tribunal taċ-CETA mill-impriżi ta' daqs żgħir u medju*

252. Infakkar li t-Tribunal taċ-CETA ma għandux ġurisdizzjoni esklużiva sabiex jiddeċiedi l-kawżi mressqa minn investituri barranin fil-qasam tal-protezzjoni tal-investimenti. Dan it-Tribunal huwa biss mod alternattiv ta' riżoluzzjoni ta' tilwim f'dan il-qasam, li jikkonċerna l-applikazzjoni taċ-CETA, u li huwa rimedju addizzjonali għar-rimedji li huma disponibbli fil-Partijiet Kontraenti. B'hekk, sa fejn id-dritt intern tal-Partijiet Kontraenti jinkludi normi ta' protezzjoni adegwati [177], l-introduzzjoni tas-SĠI ma tipprekludix lill-investituri barranin milli jfittxu protezzjoni tal-investimenti tagħhom billi jersqu quddiem il-qrati ta' dawn il-Partijiet bil-għan li jiġi applikat id-dritt intern tal-imsemmija Partijiet. Dawn l-investituri jkunu jistgħu jibbenefikaw, għalhekk, mill-garanziji proċedurali, b'mod partikolari fir-rigward tal-għajnuna legali, li jeżistu quddiem il-qrati tal-Partijiet Kontraenti.

253. Barra minn hekk, meta għall-kuntrarju l-investituri barranin jagħżlu li jersqu quddiem it-Tribunal taċ-CETA, huma jkunu qegħdin jirrinunzjaw b'mod volontarju [178] milli jersqu quddiem il-qrati tal-Partijiet Kontraenti u għalhekk ikunu qegħdin jirrinunzjaw għall-garanziji proċedurali li jeżistu quddiem dawn tal-aħħar.

254. Fi kwalunkwe każ, it-tħassib espress mir-Renju tal-Belġju fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-investituri li jkunu jixtiequ jressqu lment quddiem it-Tribunal taċ-CETA, b'mod partikolari fil-każ tal-impriżi ta' daqs żgħir u medju, ittieħed inkunsiderazzjoni mill-Partijiet Kontraenti sabiex ingħata tweġibiet li jippermettu li jiġi ggarantit aċċess effettiv għal dan il-mod ta' riżoluzzjoni ta' tilwim.

255. B'hekk, għalkemm ir-regola stabbilita fl-Artikolu 8.39(5) taċ-CETA, li tipprovdi li l-ispejjeż tal-proċedura u l-ispejjeż raġonevoli l-oħra, inklużi l-ispejjeż ta' rappreżentanza u ta' assistenza legali, għandhom jitħallsu mill-parti li titlef it-tilwima, għandha għan leġittimu, jiġifieri li tiskoraġġixxi l-proċeduri abbużivi, din l-istess dispożizzjoni tippermetti lit-Tribunal jidderoga minn din ir-regola meta ċ-"ċirkustanzi ta' dan il-każ" jiġġustifikaw dan, u dan jista' jiġi interpretat, fil-fehma tiegħi, fis-sens li jinkludi s-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrent [179]. Għaldaqstant, it-Tribunal għandu ċertu marġni sabiex jaddatta applikazzjoni mekkanika, li tista' tkun rigoruża wisq f'ċerti każijiet partikolari, tal-prinċipju li l-ispejjeż tal-proċedura u l-ispejjeż l-oħra għandhom jitħallsu mill-parti li titlef.

176 Ara, f'dan is-sens, l-Opinjoni 1/00 (punt 39).

177 Punt dan li ma hemmx dubju dwaru fir-rigward tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

178 Ara, fir-rigward tal-kunsens tal-investitur li t-tilwima tiġi riżolta mit-Tribunal konformement mal-proċeduri stabbiliti fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA, l-Artikolu 8.22(1)(a) ta' dan il-ftehim. Fir-rigward tal-irtirar, tat-twaqqif jew tar-rinunzja għall-atti quddiem il-qrati tal-Partijiet Kontraenti, ara l-Artikolu 8.22(1)(f) u (g) taċ-CETA.

179 Barra minn hekk, l-Artikolu 8.39(5) taċ-CETA jipprovdi li "[f]ejn ikunu rnexxew partijiet biss mill-pretensjonijiet l-ispejjez għandhom jiġu aġġustati b'mod proporzjonali mal-għadd jew il-limitu tal-partijiet tal-pretensjonijiet li jkunu rnexxew".

256. Insemmi wkoll, bħala miżura li tippermetti li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-proċedura, l-Artikolu 8.27(9) taċ-CETA li jippermetti lill-partijiet fit-tilwima “jaqblu li kawża tinstema’ minn Membru wieħed tat-Tribunal li jinħatar bix-xorti minn fost in-nazzjonali tal-pajjiżi terzi. Il-konvenut għandu jagħti kunsiderazzjoni xierqa lil talba li ssir mir-rikorrent biex il-kawża tinstema’ minn Membru waħdieni tat-Tribunal, b’mod partikolari meta r-rikorrent ikun intrapriża żgħira jew ta’ daqs medju […]”. Għandu jiġi enfasizzat ukoll li, kif jirriżulta mill-Artikolu 8.19 taċ-CETA, ir-riżoluzzjoni ta’ tilwim permezz ta’ ftehim bonarju huwa inkoraġġut, u hija prevista sensiela ta’ konsultazzjonijiet bejn il-partijiet b’dan l-iskop [180]. F’dan il-kuntest, l-Artikolu 8.19(3) taċ-CETA jipprovdi li “[i]l-partijiet fil-kawża jistgħu jagħmlu l-konsultazzjonijiet permezz ta’ vidjokonferenzi jew mezzi oħra fejn xieraq, bħal fil-każ fejn l-investitur huwa intrapriża żgħira jew ta’ daqs medju”.

257. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 8.39(6) taċ-CETA jipprevedi li “[i]l-Kumitat Konġunt CETA għandu jikkunsidra regoli supplementali bl-għan li jnaqqsu l-piż finanzjarju fuq ir-rikorrenti li huma persuni fiżiċi jew intrapriżi ta’ daqs żgħir u medju. Dawn ir-regoli supplementali jistgħu, b’mod partikolari, jikkunsidraw ir-riżorsi finanzjarji ta’ dawn ir-rikorrenti u l-ammont tal-kumpens mitlub”.

258. Din hija problema li ttieħdet inkunsiderazzjoni fid-Dikjarazzjoni Nru 36, li tinkludi l-impenji segwenti:

“L-aċċess għal din il-ġurisdizzjoni l-ġdida għall-utenti l-aktar dgħajfa, jiġifieri [l-impriżi ta’ daqs żgħir u medju] u l-individwi, ser jittejjeb u ser jiġi ffaċilitat. Għal dan l-għan:

– L-adozzjoni mill-[K]umitat [K]onġunt ta’ regoli addizzjonali, prevista fl-Artikolu 8.39.6 tas-CETA, biex jitnaqqas il-piż finanzjarju fuq l-applikanti li huma persuni fiżiċi jew intrapriżi żgħar u medji, ser issir b’tali mod li dawn ir-regoli addizzjonali jkunu jistgħu jiġu adottati mill-aktar fis possibbli.

– Irrispettivament mill-eżitu tad-diskussjonijiet fil-[K]umitat [K]onġunt, il-Kummissjoni ser tipproponi miżuri adegwati ta’ (ko)finanzjament pubbliku tal-azzjonijiet tal-intrapriżi żgħar u medji quddiem din il-qorti kif ukoll l-għoti ta’ assistenza teknika.”

259. Fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet, inqis li t-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA ma tippreġudikax id-dritt ta’ aċċess għal qorti, irrikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta.

### *3. Fuq il-kundizzjonijiet ta’ remunerazzjoni tal-Membri tat-Tribunal u tat-Tribunal tal-Appell*

260. Nosserva li l-Artikolu 8.27(12) sa (15) taċ-CETA jiffissa l-karatteristiċi essenzjali tas-sistema ta’ remunerazzjoni tal-Membri tat-Tribunal taċ-CETA, jiġifieri, inizjalment, ħlas mensili, imħallas f’partijiet ugwali miż-żewġ Partijiet, flimkien ma’ onorarji u spejjeż iddeterminati skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament Amministrattiv u Finanzjarju taċ-ĊIRTI, li jitqassmu mit-Tribunal bejn il-partijiet fit-tilwima, konformement mal-Artikolu 8.39(5) taċ-CETA. Dawn iż-żewġ komponenti tar-remunerazzjoni tal-Membri tat-Tribunal, li tinkludi parti fissa u parti li tiddependi mill-kwantità u mill-kumplessità tat-tilwim imressaq quddiemhom, huma konsistenti man-natura ibrida tal-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta’ tilwim introdott kif ukoll mal-fatt li, minn tal-inqas inizjalment, dawn il-Membri ma humiex ser ikunu okkupati fuq bażi full-time fi ħdan it-Tribunal. Barra minn hekk, ma jidhirlix li l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Membri tat-Tribunal huma, bħala tali, affettwati mir-regola, prevista fl-Artikolu 8.27(12) taċ-CETA, li l-ammont tal-ħlas mensili għandu jiġi stabbilit mill-Kumitat Konġunt CETA [181].

180 Fl-istess linja ta’ ideat, ara wkoll l-Artikolu 8.20 taċ-CETA, li jippermetti lill-partijiet fit-tilwima jirrikorru għall-medjazzjoni.

181 Fuq dan il-punt, nirreferi għall-kunsiderazzjonijiet ġenerali tiegħu dwar il-Kumitat Konġunt CETA (ara l-punti 248 sa 250 ta’ dawn il-konklużjonijiet). Ara wkoll, fir-rigward tar-remunerazzjoni tal-Membri tat-Tribunal tal-Appell, l-Artikolu 8.28(7)(d) taċ-CETA.

261. Dan jgħodd ukoll, fil-fehma tiegħi, għar-regola stabbilita fl-Artikolu 8.27(15) taċ-CETA, li tippermetti li tinbeda t-tieni fażi u li tipprovdi li "[i]l-Kumitat Konġunt CETA jista', permezz ta' deċiżjoni, jittrasforma l-ħlas regolari u ħlas ieħor f'salarju regolari, u jiddeċiedi modalitajiet u kundizzjonijiet applikabbli". Din ir-regola tikkorrispondi mar-rieda espressa fid-Dikjarazzjoni Nru 36 li "jsir progress lejn imħallfin impjegati full-time" u tirrifletti n-natura evoluzzjonarja tal-mekkaniżmu mixtieq mill-Partijiet Kontraenti, li għandu progressivament jakkwista l-karatteristiċi ta' qorti fil-veru sens tal-kelma.

*4. Fuq il-kundizzjonijiet dwar il-ħatra u l-eventwali revoka tal-Membri tat-Tribunal u tat-Tribunal tal-Appell*

262. Il-proċedura għall-ħatra tal-Membri tat-Tribunal u tat-Tribunal tal-Appell hija prevista fl-Artikolu 8.27(2) u (3) u fl-Artikolu 8.28(3) u (7) taċ-CETA, li minnhom jirriżulta b'mod partikolari li għandhom jinħatru permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt CETA.

263. It-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA tinkludi r-regoli essenzjali li jipprovdu qafas għal din is-setgħa eżekuttiva fdata lill-Kumitat Konġunt CETA, bil-għan li tiġi ggarantita l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Membri li ser jinħatru.

264. B'hekk, mill-Artikolu 8.27(4) taċ-CETA jirriżulta li l-għażla tal-Kumitat Konġunt għandha taqa' fuq kandidati li "jkollhom il-kwalifiki kif meħtieġa mill-pajjiżi rispettivi tagħhom għal ħatra f'kariga ġudizzjarja, jew ikunu ġuristi ta' kompetenza rikonoxxuta". Din l-istess dispożizzjoni tipprevedi wkoll li dawn il-kandidati "għandhom ikunu taw prova ta' speċjalizzazzjoni fid-dritt internazzjonali pubbliku" u "[p]referibbilment għandu jkollhom kompetenzi fil-liġi internazzjonali dwar l-investiment, fil-liġi kummerċjali internazzjonali, u fir-riżoluzzjoni ta' tilwim li jirriżulta minn ftehimiet dwar l-investiment jew dwar il-kummerċ internazzjonali" [182].

265. Ladarba jinħatru, il-Membri tat-Tribunal u tat-Tribunal tal-Appell huma marbuta josservaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8.30 taċ-CETA, intitolat "Etika", li l-paragrafu 1 tiegħu huwa intiż, b'mod iktar partikolari, li jiggarantixxi l-indipendenza u l-imparzjalità tagħhom [183].

266. Konformement mal-Artikolu 8.30(4) taċ-CETA, "[f]uq rakkomandazzjoni mmotivata tal-President tat-Tribunal, jew fuq inizjattiva konġunta tagħhom, il-Partijiet, permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt CETA, jistgħu jneħħu Membru mit-Tribunal meta l-komportament tiegħu jew tagħha jkun inkonsistenti mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1 u jkun inkompatibbli mas-sħubija kontinwata tiegħu jew tagħha fit-Tribunal".

267. Il-garanziji, imsemmija iktar 'il fuq, li jirriżultaw mill-fatt li l-Kumitat Konġunt huwa kompost min-numru ndaqs ta' membri miż-żewġ naħat, kif ukoll mill-fatt li d-deċiżjonijiet tiegħu jittieħdu b'kunsens reċiproku, jippermettu, fil-fehma tiegħi, li jitqies li la l-ħatra u lanqas l-eventwali revoka ta' Membru tat-Tribunal jew tat-Tribunal tal-Appell ma huma ser ikunu suġġetti għal kundizzjonijiet oħra għajr dawk stabbiliti rispettivament fl-Artikolu 8.27(4) u fl-Artikolu 8.30(1) taċ-CETA.

182 Ara, fir-rigward tat-Tribunal tal-Appell, l-Artikolu 8.28(4) taċ-CETA.

183 *Ibidem.*

*5. Fuq ir-regoli tal-etika applikabbli għall-Membri tat-Tribunal u tat-Tribunal tal-Appell*

268. Għandu jiġi kkwotat l-Artikolu 8.30(1) taċ-CETA, li jinkludi regoli speċifiċi intiżi li jiġu ggarantiti l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Membri tat-Tribunal u tat-Tribunal tal-Appell:

"Il-Membri tat-Tribunal għandhom ikunu indipendenti. Huma ma għandhomx ikunu affiljati ma xi gvern [[184]]. Huma ma għandhom jieħdu struzzjonijiet minn ebda organizzazzjoni, jew gvern fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mat-tilwima. Huma ma għandhomx jipparteċipaw fil-kunsiderazzjoni ta' tilwim li jkun joħloq kunflitt ta' interess dirett jew indirett. Huma għandhom ikunu konformi mal-[Linji gwida] jew kull regola supplimentari adottata skont l-Artikolu 8.44.2. Barra minn hekk, mal-ħatra, huma għandhom jieqfu milli jaġixxu bħala konsulenti jew esperti jew xhieda maħtura minn parti f'kull kwistjoni ta' investiment kemm pendenti kif ukoll ġdida skont dan il-ftehim jew kull ftehim internazzjonali ieħor."

269. Sabiex tiġi żgurata l-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti, għandu jissemma, minbarra l-Artikolu 8.30(4) taċ-CETA, li diġà semmejt, l-Artikolu 8.30(2) ta' dan il-ftehim, li jipprevedi l-possibbiltà għal parti f'tilwima, li tqis li Membru tat-Tribunal jinsab f'pożizzjoni fejn għandu kunflitt ta' interessi, li "tistieden lill-President tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja biex joħroġ deċiżjoni dwar l-oġġezzjoni għall-ħatra ta' tali Membru".

270. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet li jinsabu fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA dwar l-indipendenza u l-imparzjalità huma intiżi li jiġu kkompletati permezz ta' kodiċi ta' kondotta, li l-Artikolu 8.44(2) taċ-CETA jipprovdi li għandu jiġi adottat mill-Kumitat tas-Servizzi u l-Investiment [185]. Skont din id-dispożizzjoni, dan il-kodiċi ta' kondotta għandu jittratta suġġetti li jinkludu l-obbligi fil-qasam tal-iżvelar, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Membri kif ukoll il-kunfidenzjalità. Dan il-kodiċi ta' kondotta ser jikkontribwixxi għalhekk sabiex jiġu speċifikati u msaħħa l-garanziji li diġà jinsabu espliċitament fl-Artikolu 8.30(1) taċ-CETA, bil-għan li jiġu evitati l-kunflitti ta' interessi, b'mod partikolari fir-rigward tal-attivitajiet esterni tal-Membri u tal-awtorizzazzjoni minn qabel tagħhom [186].

271. Għar-raġunijiet preċedenti kollha u filwaqt li nieħu debitament inkunsiderazzjoni l-kunsiderazzjonijiet ġenerali li fformulajt, inqis li d-dispożizzjonijiet li jinsabu fit-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja taċ-CETA ma jiksrux id-dritt ta' aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali, irrikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta, sa fejn jiggarantixxu livell ta' protezzjoni ta' dan id-dritt li huwa adattat għall-karatteristiċi speċifiċi tal-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati previst f'din it-taqsima.

184 In-nota ta' qiegħ il-paġna li tinsab hawnhekk fit-test tispeċifika f'dan ir-rigward li "[g]ħal aktar ċertezza, il-fatt li persuna tirċievi remunerazzjoni mingħand gvern ma jfissirx fih innifsu li l-persuna mhijiex eliġibbli". Dwar dan il-punt, il-Kummissjoni indikat, matul is-seduta, li l-kategorija li hija koperta b'mod iktar partikolari minn din il-preċiżjoni hija dik tal-professuri tal-università, li jirċievu remunerazzjoni mill-Istat, iżda li jissodisfaw ukoll il-kwalitajiet ta' indipendenza u ta' imparzjalità. Il-Kummissjoni semmiet ukoll il-kategorija ta' persuni li jirċievu pensjoni tal-irtirar mill-Istat. Fi kwalunkwe każ, huwa ċar li dawn il-persuni jibqgħu suġġetti għar-regoli kollha previsti fl-Artikolu 8.30 taċ-CETA sabiex jiġi evitat u, jekk ikun il-każ, jiġi ssanzjonat eventwali kunflitt ta' interessi li jkun ta' natura li jaffettwa l-indipendenza tagħhom u l-imparzjalità tagħhom.

185 Skont it-tieni subparagrafu ta' din id-dispożizzjoni, "[i]l-Partijiet għandhom jagħmlu l-aħjar sforz tagħhom biex jiżguraw li l-kodiċi ta' kondotta jiġi adottat mhux aktar tard mill-ewwel jum tal-applikazzjoni proviżorja jew id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, skont il-każ, u f'kwalunkwe każ mhux aktar tard minn sentejn wara tali data". Ara wkoll il-punt 6(f) tal-Istrument Interpretattiv Konġunt, kif ukoll id-Dikjarazzjoni Nru 36 li tipprovdi li "[i]r-rekwiżiti etiċi għall-membri tal-Qrati [tat-Tribunali] […] ser jiġu żviluppati fid-dettall, mill-aktar fis possibbli […] f'Kodiċi ta' Kondotta obbligatorju u vinkolanti […]".

186 Dwar dan il-punt, il-Gvern Ġermaniż josserva, fl-osservazzjonijiet tiegħu, li r-Regola Ġenerali Nru 3 fil-Linji gwida tal-IBA, li skont l-Artikolu 8.30(1) taċ-CETA għandhom jiġu osservati mill-Membri tat-Tribunal u tat-Tribunal tal-Appell, tipprevedi obbligu ta' żvelar wiesa' fir-rigward tal-elementi kollha li jistgħu jaffettwaw l-imparzjalità jew l-indipendenza tal-arbitri.

## IV. Konklużjoni

272. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti l-opinjoni segwenti:

It-Taqsima F tal-Kapitolu Tmienja tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropew u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, li tintroduċi mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim dwar l-investimenti bejn investituri u Stati, hija kompatibbli mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.